

**Il-verżjoni pubblika ta' <sup>(1)</sup>**  
**DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA**  
**Nru 290/12/COL**  
**tal-11 ta' Lulju 2012**

**dwar l-ghajjnuna għar-ristrutturar mogħtija lil Landsbankinn (L-Islanda)**

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità")

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), b'mod partikolari l-Artikolu 61 (3)(b) u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja ("il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti" jew "SCA"), b'mod partikolari l-Artikolu 24,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti ("Protokoll 3"), b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tal-Parti I, l-Artikolu 7(3) tal-Parti II u l-Artikolu 13 tal-Parti II,

Billi:

**I. IL-FATTI**

**1. IL-PROCĊEDURA**

- (1) Wara korrisondenza informali f'Ottubru 2008 u l-approvazzjoni tal-Att Nru 125/2008 dwar l-Awtorità għall-Ħlasijiet mit-Teżor dovuti għal Ċirkostanzi Mhux tas-Soltu tas-Suq Finanzjarju, eċċ. (li ssir referenza għalih bħala l-"Att ta' Emerġenza"), li ta setgħat varjati ħafna lill-Istat Islandiż sabiex jintervjeni fis-settur bankarju, nhar is-6 ta' Ottubru mill-Parlament Islandiż (l-Althingi), fl-10 ta' Ottubru 2008, il-President tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") kiteb lill-awtoritajiet Islandiżi u talab sabiex il-miżuri ta' ghajjnuna mill-Istat meħuda skont l-Att ta' Emerġenza jiġu nnotifikati lill-Awtorità.
- (2) Saru aktar kuntatti u korrisondenza perjodikament, inkluża, b'mod partikolari, ittra li ntbagħtet mill-Awtorità fit-18 ta' Ġunju 2009 li tfakkar lill-awtoritajiet Islandiżi dwar il-ħtieġa li tiġi nnotifikata kwalunkwe miżura ta' ghajjnuna mill-Istat u dwar il-klawżola ta' sospensjoni msemmija fl-Artikolu 3 tal-Protokoll 3. Eventwalment, l-ghajjnuna mill-Istat mogħtija għar-restorazzjoni ta' ċerti operazzjonijiet ta' Landsbanki u għat-twaqqif u l-kapitalizzazzjoni ta' Bank ġdid ta' Landsbanki ("NBI", li aktar tard ingħata l-isem ta' Landsbankinn) ġiet innotifikata b'mod retrospektiv mill-awtoritajiet Islandiżi nhar il-15 ta' Settembru 2010. <sup>(2)</sup>
- (3) Permezz ta' ittra datata l-15 ta' Diċembru 2010 <sup>(3)</sup>, l-Awtorità għarrfet lill-awtoritajiet Islandiżi li hija kienet iddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 1(2) tal-Parti I tal-Protokoll 3 fir-rigward tal-miżuri meħuda mill-Istat Islandiż bil-għan li jirrestawra ċerti operazzjonijiet ta' dak li kien il-Landsbanki Islands hf u jis-tabbilixxi u jikkapitalizza in-New Landsbanki Islands (NBI hf) (id-deċiżjoni tal-ftuħ). L-Awtorità talbet ukoll li jiġi sottomess pjan ta' ristrutturar dettaljat għal Landsbankinn sal-31 ta' Marzu 2011.
- (4) Permezz ta' posta elettronika datata l-24 ta' Marzu 2011, l-Awtorità rċeviet kumment wieħed minn partijiet interressati, li mbagħad intbagħat lill-awtoritajiet Islandiżi fil-25 ta' Mejju 2011. L-awtoritajiet Islandiżi ma weġbux għal dan il-kumment.

<sup>(1)</sup> Dan id-dokument huwa disponibbli biss għal skopijiet ta' informazzjoni. F'din il-verżjoni pubblika, tħalliet barra xi informazzjoni bil-għan li ma tiġix żvelata ċerta informazzjoni kunfidenzjali. Din hija rrappreżentata minn [...] jew firxa f'parenteżi kwadri li tipprovdi għal approssimazzjoni mhux kunfidenzjali taċ-ċifra rilevanti.

<sup>(2)</sup> Jekk jogħġbok, ara deskrizzjoni aktar dettaljata fid-deċiżjoni tal-ftuħ, imsemmija fin-nota 3 f'qiegħ il-paġna.

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru. 493/10/COL, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-ghajjnuna mill-Istat mogħtija għar-restorazzjoni ta' ċerti operazzjonijiet ta' dak li kien il-Landsbanki Islands hf u għat-twaqqif u l-kapitalizzazzjoni ta' New Landsbanki Islands (NBI hf) (li issa ngħata l-isem ta' Landsbankinn), ĠU C 41, 10.2.2011, p. 31 u s-Suppliment taż-ŻEE għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE* Nru 7, 10.2.2011, p. 26.

- (5) Permezz ta' ittra datata l-31 ta' Marzu 2011, l-awtoritajiet Islandiżi sottomettew pjan ta' ristrutturar għal Landsbankinn. Permezz ta' ittra datata t-23 ta' Mejju 2012, għe sottomess pjan ta' ristrutturar rivedut, li jirrifletti, fost l-oħrajn, it-trasferiment mhux innotifikat tad-depożiti u l-assi minn Spkef Savings Bank (SpKef) effettwati fit-22 ta' April 2010 u b'kunsiderazzjoni tal-akkwist ta' Sparisjodur Svarfdaela ("SpSv").
- (6) Fil-11 ta' Lulju 2011 u fit-13 ta' Frar 2012, l-Awtorità talbet aktar informazzjoni rigward il-pjan ta' ristrutturar. It-talba għall-informazzjoni ġiet imwiegħba mill-awtoritajiet Islandiżi fis-17 ta' Ottubru 2011 u fit-13 ta' Marzu 2012. Il-verżjonijiet finali tal-impenni għew sottomessi fis-6 ta' Ġunju 2012 u fit-13 ta' Ġunju 2012.
- (7) Fl-20 ta' Ġunju 2012, l-Awtorità approvat l-użu potenzjali tal-għajnuna mill-Istat mogħtija lil Landsbankinn għall-akkwist ta' SpSv fid-Deċiżjoni Nru. 212/12/COL ("id-Deċiżjoni SpSv"). Permezz tad-Deċiżjoni tagħha Nru. 253/10/COL tal-21 ta' Ġunju 2011, l-Awtorità approvat temporanjament skema ta' għajnuna għas-salvatagħ li tinvolvi l-ħlas ta' ċerti pretensjonijiet tal-Bank Ċentrali tal-Islanda ("CBI") fuq ċerti banek tat-tfaddil, inkluż SpSv. Permezz tad-deċiżjoni 127/11/COL tat-13 ta' April 2011, l-Awtorità approvat l-emendi għall-iskema ta' għajnuna għas-salvatagħ ("id-Deċiżjonijiet dwar il-Banek tat-Tfaddil").
- (8) Barra minn hekk, l-Awtorità ltaqgħet mal-awtoritajiet Islandiżi fis-7 ta' Ġunju 2011 u bejn is-27 u t-28 ta' Frar 2012.

## 2. L-ISFOND

- (9) F'din it-taqsimha, l-Awtorità sejra tiddekrivi dawk l-avvenimenti, il-fatti u l-iżviluppi ekonomiċi, politiċi u regolatorji relatati mal-kollass u r-rikostruzzjoni tas-sistema finanzjarja Islandiża mill-2008 sal-lum li jidhru li huma meħtiegħa sabiex jiġi stabbilit il-kuntest li fih issir il-valutazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni. Qabel tagħmel dan, hija se tfakkar il-kronoloġija tal-avvenimenti li waslu għall-falliment ta' Landsbanki.

### 2.1. Il-kollass ta' Landsbanki

- (10) Fil-ħarifa tal-2008, il-banek Islandiżi esperjenzaw irtirar massiv ta' depożiti mhux biss barra l-pajjiż, iżda wkoll fi ħdan l-Islanda stess. L-irtirar domestiku sar tant kbir li kien hemm stadju meta l-banek Islandiżi u s-CBI kienu waslu qrib li jesperjenzaw nuqqas ta' flus kontanti.
- (11) L-aċċess għas-swieq barranin tat-titoli tad-dejn kien is-sors ewlieni tat-tkabbir tal-banek Islandiżi, b'mod partikolari bejn l-2003 u l-2006. Madankollu, dan is-sors ta' finanzjament beda jonqos, filwaqt li l-aġenziji barranin ta' klassifikazzjoni tal-kreditu esprimew ukoll tħassib li l-proporzjon tas-self tal-banek għad-depożiti kien baxx meta mqabbel ma' dak ta' banek (barranin) oħrajn.
- (12) Il-banek kummerċjali Islandiżi (b'mod partikolari Landsbanki) wiegħbu permezz tal-akkumulazzjoni tad-depożiti barra l-pajjiż. Mill-aħħar tat-tielet kwart tal-2006 sa nofs l-2007, id-depożiti tal-klijenti f'Landsbanki żdienu bi tliet darbiet — żieda ta' kważi EUR 10 biljun. L-akbar proporzjon tagħhom kienu kontijiet li nfetħu fil-fergħa ta' Landsbanki fir-Renju Unit, fejn id-depożiti bl-imnut żdienu minn xejn għal EUR 6.6 biljun, filwaqt li d-depożiti bl-ingrossa (f'fergħat fir-Renju Unit u fil-Pajjiżi l-Baxxi) żdienu għal EUR 2.5 biljun.
- (13) Fit-3 ta' Ottubru 2008, il-Bank Ċentrali Ewropew ħareġ sejħa għall-manutenzjoni tal-marġini lil Landsbanki għall-ammont ta' 400 miljun ewro u, għalkemm din imbagħad ġiet irtirata, il-fergħa tal-bank fir-Renju Unit bdiet tesperjenza assalt bankarju, li kien ifisser li hija kellha talloka ammonti kbar ta' depożiti fil-munita sterlina. It-talba ta' Landsbanki għall-assistenza tas-CBI ġiet irrifjutata fis-6 ta' Ottubru. Meta l-bank naqas milli jalloka l-fondi

mitluba mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji tar-Renju Unit, l-awtoritajiet tar-Renju Unit għalqu l-fergħa. L-għada, il-Bank Ċentrali Olandiż talab sabiex jinħatar prattikant tal-insolvenza għall-fergħa ta' Landsbanki f'Amsterdam. Dakinhar ukoll, l-FME ssuspendiet il-bord tad-diretturi ta' Landsbanki, ħadet f'idejha s-setgħa tal-laqgħat tal-azzjoni u ħatret Kumitat għar-Riżoluzzjoni bl-użu tas-setgħat mogħtija lilha skont l-Att ta' Emerġenza <sup>(4)</sup>.

## 2.2. Il-kriżi finanzjarja u l-kawżi ewlenin tal-falliment tal-banek Islandiżi

- (14) L-awtoritajiet Islandiżi spjegaw fis-sottomissjonijiet tagħhom lill-Awtorità li r-raġunijiet għall-kollass tas-settur bankarju Islandiż u l-hteġa tagħhom li jintervjenu kienu stipulati f'dettall konsiderevoli f'rapport imħejji minn Kummissjoni ta' Investigazzjoni Speċjali ("SIC") stabbilita mill-Parlament Islandiż <sup>(5)</sup>, li l-mandat tagħha kien li tinvestiga u tanalizza l-proċessi li wasslu għall-kollass tat-tliet banek ewlenin. Hawn taħt, l-Awtorità tiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet tal-SIC dwar il-kawżi tal-falliment l-aktar rilevanti għat-tmiem ta' Landsbanki. L-informazzjoni hija meħuda mill-Kapitolu 2 (Sommarju Eżekuttiv) u 21 (Il-Kawżi tal-Kollass tal-Banek Islandiżi — Ir-Responsabbiltà, l-Iżbalji u n-Negliġenza) tar-rapport tal-SIC.
- (15) It-tnaqqis globali tal-likwidità fis-swieq finanzjarji li beda fl-2007 eventwalment wassal għall-kollass tat-tliet banek Islandiżi ewlenin, li l-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom saru jiddependu dejjem aktar fuq iż-żieda tal-finanzjament permezz tas-swieq internazzjonali. Madankollu, ir-raġunijiet għall-falliment tal-banek Islandiżi kienu kumpleksi u numerużi. L-SIC investiga r-raġunijiet li wasslu għall-kollass tal-banek ewlenin, fejn seta' jiġi nnotat li l-maġġoranza tal-konklużjonijiet kienu japplikaw għat-tliet banek kollha u ħafna minnhom huma relatati ma' xulxin. Il-kawżi tal-falliment relatati mal-attivitajiet tal-banek huma spjegati fil-qosor hawn taħt.

### *Espansjoni eċċessiva u mhux sostenibbli*

- (16) L-SIC ikkonkludiet li fis-snin li wasslu għall-kollass tal-banek, l-istess banek expandew il-karti tal-bilanċ u l-portafolli tas-self tagħhom lil hinn mill-kapaċità operattiva u manijerjali tagħhom. L-assi kkombinati tat-tliet banek żdiedu b'mod esponenzjali minn ISK 1.4 triljun <sup>(6)</sup> fl-2003 għal ISK 14.4 triljun fl-aħħar tat-tieni kwart tal-2008. B'mod sinjifikanti, proporzjon kbir tat-tkabbir tat-tliet banek kien fis-self lill-partijiet barranin, li żdied b'mod sostanzjali matul l-2007 <sup>(7)</sup>, l-aktar wara l-bidu tal-kriżi tal-likwidità internazzjonali. Dan wassal lill-SIC sabiex tikkonkludi li l-biċċa l-kbira ta' din iż-żieda fis-self irrizzultat mis-self li sar lill-intrapriżi li ġew imċahda l-kreditu fi bnadi oħrajn. Ir-rapport ikkonkluda wkoll li s-settur bankarju tal-investment inerentement aktar riskjuż sar karatteristika dejjem akbar tal-attivitajiet tal-banek u li t-tkabbir kompli jikkontribwixxi għall-problemi.

### *It-tnaqqis tal-finanzi disponibbli fis-swieq internazzjonali*

- (17) Ħafna mit-tkabbir tal-banek kien iffaċilitat mill-aċċess għas-swieq finanzjarji internazzjonali, mill-kapitalizzazzjoni fuq klassifikazzjonijiet ta' kreditu tajbin u mill-aċċess għas-swieq Ewropej permezz tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Fl-2005, il-banek Islandiżi ssewllfu EUR 14-il biljun fis-swieq barranin tat-titoli tad-dejn fuq termini relattivament

<sup>(4)</sup> Fl-istess jum, Glitnir Bank tpoġġa wkoll taħt amministrazzjoni ġudizzjarja, filwaqt li Kaupthing Bank segwa l-istess proċedura jumejn wara, jiġifieri fid-9 ta' Ottubru 2008. Ir-rapport tal-SIC (ara l-paragrafu 14 u n-nota 4 f'qiegħ il-paġna tad-Deċiżjoni preżenti) ikkonkluda (fil-paġna 86 tal-Kapitolu 21) li kwistjoni ewlenija kienet li, minkejja l-likwidità ta' Landsbanki fl-ISK, il-bank kellu munta barranija insuffiċjenti għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jonora l-obbligji barranin tiegħu. Ir-rapport ikkunsidra wkoll li kien ta' min isemmi li s-self ta' EUR 153 miljun lill-proprietarju prinċipali tiegħu (imsemmi fuq) kien sar biss ftit jiem qabel, fejn iddikjara li għalhekk kien "evidenti li l-proprietarji prinċipali ta' Landsbanki ma kinux interessati jew kapaċi jgħinu lill-bank sabiex jorogħ mill-pożizzjoni diffiċli li sab ruħu fiha".

<sup>(5)</sup> Il-membri tal-SIC kienu l-Imħallef tal-Qorti Suprema, is-Sur Páll Hreinsson; l-Ombudsman Parlamentari tal-Islanda, is-Sur Tryggvi Gunnarsson; u s-Sra. Sigríður Benediktsdóttir Ph.D., lekċerer u chairperson assoċjat fl-Università ta' Yale, l-Istati Uniti tal-Amerika. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli bl-Islandiż fuq: <http://rna.althingi.is/> u l-partijiet tradotti bl-Ingliż (inklużi s-Sommarju Eżekuttiv u l-Kapitolu dwar il-kawżi tal-kollass tal-banek) huma disponibbli fuq: <http://sic.althingi.is/>

<sup>(6)</sup> Il-króna Islandiża.

<sup>(7)</sup> Is-self lill-partijiet barranin żdied bi EUR 11,4 biljun minn EUR 9,3 biljun għal EUR 20,7 biljun f'sitt xhur.

favorevoli. Meta l-aċċess għas-swieq Ewropej tat-titoli tad-dejn sar aktar limitat, il-banek iffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom fis-swieq tal-Istati Uniti, bit-titoli tad-dejn Islandiżi ppakkjati f'obbligi ta' dejn kollateralizzati. Fil-perjodu ta' qabel il-kollass, il-banek kienu dipendenti dejjem aktar fuq it-teħid ta' self fuq perjodu ta' żmien qasir, li wassal għal riskji ta' rifinanzjament kbar u, skont l-SIC, prevedibbli.

#### *L-ingranaġġ tal-proprjetarji tal-banek*

- (18) Fil-każ ta' kull bank Islandiż ewlieni, il-proprjetarji prinċipali kienu fost l-akbar debituri<sup>(8)</sup>. Samson Holding Company ("Samson") kienet l-akbar azzjonista fil-Landsbanki minn mindu dan ġie pprivatizzat. Meta Landsbanki kkollassa, il-koproprjetarju ta' Samson Björgólfur Thor Björgólfsson u l-kumpaniji affiljati miegħu kienu l-akbar debituri tal-bank, filwaqt li missieru u koproprjetarju ta' Samson, Björgólfur Guðmundsson, kien it-tielet l-akbar debitur tal-bank. B'kollox, l-obbligi tagħhom lill-bank qabżu l-ISK 200 biljun, ammont li kien akbar mill-ekwiżità tal-bank. L-SIC kienet tal-opinjoni li ċerti azzjonisti kellhom aċċess faċli b'mod anormali għas-self mill-banek fil-kapaċità tagħhom bħala proprjetarji. Dan kien notevoli fil-każ ta' Landsbanki mill-fatt li fit-30 ta' Settembru 2008, meta kien ċar li Landsbanki ma kellux biżżejjed munita barranija sabiex jonora l-obbligi tiegħu barra l-pajjiż, il-bank ipprova self ta' EUR 153 miljun lill-kumpanija li kienet proprjetà ta' Björgólfur Thor Björgólfsson. Din il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li kien hemm indikazzjonijiet qawwija li, fil-każ ta' kull bank, il-konfini bejn l-interessi tal-akbar azzjonisti u l-interess tal-bank xejn ma kienu ċari. Għaldaqstant, l-enfasi fuq l-azzjonisti ewlenin kienet għad-detriment tal-azzjonisti u l-kredituri l-oħrajn.

#### *Il-konċentrazzjoni tar-riskju*

- (19) Relatata mal-kwistjoni tal-espożizzjoni anormali għall-azzjonisti ewlenin kienet il-konklużjoni tal-SIC li l-portafolli tal-assi tal-banek ma kinux diversifikati biżżejjed. L-SIC kienet tal-fehma li r-regoli Ewropej fuq espożizzjoni kbira kienu interpretati b'mod dejjaq, b'mod partikolari fil-każ tal-azzjonisti, kif ukoll li l-banek fitxew li jiskapular ir-regoli.

#### *Ekwiżità dgħajfa*

- (20) Għalkemm il-proporzjon tal-kapital ta' Landsbanki (u ż-żewġ banek ewlenin l-oħrajn) kien dejjem irrapportat li huwa xi ftit ogħla mill-minimu statutorju, l-SIC ikkonkludiet li l-proporzjonijiet tal-kapital ma kinux jirriflettu b'mod preċiż is-saħħa finanzjarja tal-banek. Dan kien dovut għall-espożizzjoni għar-riskju tal-ishma proprji tal-bank permezz ta' kollaterali primarji u kuntratti mistiehma bil-quddiem fuq l-ishma. Il-kapital azzjonarju ffinanzjat mill-kumpanija nnifisha, li ssir referenza għalih mill-SIC bħala "ekwiżità dgħajfa", kien jirrappreżenta aktar minn 25 % tal-bażijiet kapitali tal-banek (jew aktar minn 50 % meta vvalutat fl-isfond tal-komponent ewlieni tal-kapital, l-ekwiżità tal-azzjonisti nieqsal-assi intanġibbli). Flimkien ma' dan kien hemm ukoll problemi kkawżati mir-riskju li kienu esposti għalih il-banek meta kienu qegħdin iżommu l-ishma ta' xulxin. Sa nofs l-2008, il-finanzjament dirett mill-banek għall-ishma proprji tagħhom, kif ukoll il-finanzjament trasversali tal-ishma taż-żewġ banek l-oħrajn, kienu jammontaw għal madwar ISK 400 biljun, jiġifieri madwar 70 % tal-komponent ewlieni tal-kapital. L-SIC kienet tal-opinjoni li l-firxa tal-finanzjament tal-ekwiżità tal-azzjonisti permezz tas-self mis-sistema nnifisha kienet tali li l-istabbiltà tas-sistema sfat mhedda. Il-banek kellhom ammont sostanzjali tal-ishma proprji tagħhom bħala kollateral għas-self tagħhom u, għalhekk, hekk kif il-prezzijiet tal-ishma tbaxxew, il-kwalità tal-portafoll tas-self tagħhom naqset. Dan affettwa l-prestazzjoni tal-banek u poġġa aktar pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-ishma tagħhom; b'reazzjoni għal dan (skont kif assumiet l-SIC mill-informazzjoni li kellha fil-pussess tagħha), il-banek ipprovwaw joħolqu domanda anormali b'mod artifiċjali għall-ishma proprji tagħhom.

#### *Id-daqs tal-banek*

- (21) Fl-2001, il-karti tal-bilanċ tat-tliet banek ewlenin (b'mod kollettiv) kienu jammontaw għal ftit aktar minn sena tal-prodott domestiku gross ("PDG") tal-Islanda. Sal-aħħar tal-2007, il-banek kienu saru internazzjonali u kellhom assi li jiswew disa' darbiet aktar mill-PDG tal-Islanda. Ir-rapport tal-SIC josserva li sal-2006, l-osservaturi kienu qegħdin jikkumentaw li s-sistema bankarja kibret aktar mill-kapaċità tal-Bank Ċentrali tal-Islanda ("CBI") u esprimew id-dubji tagħhom jekk setgħux jissodisfaw ir-rwol tal-mutwanti tal-aħħar istanza. Sal-aħħar tal-2007, id-djun tal-Islanda fuq perjodu ta' żmien qasir (imġarrba l-aktar minħabba l-finanzjament tal-banek) kienu 15-il darba akbar mir-riservi tal-kambji barranin, filwaqt li d-depożiti barranin fit-tliet banek kienu wkoll tmien darbiet akbar mir-riservi tal-kambji barranin. Il-Fond ta' Garanzija tad-Depożituri u l-Investituri kellu riżorsi minimi meta mqabbla mad-depożiti bankarji li kellu jiggarrantixxi. L-SIC tikkonkludi li dawn il-fatturi għamli lill-Islanda suxxettibbli għal assalt fuq il-banek tagħha.

<sup>(8)</sup> Il-Kapitolu 21.2.1.2 (paġna 6) tar-Rapport.

*It-tkabbir f'daqqa tal-banek imqabbel mal-infrastruttura regolatorja u finanzjarja*

- (22) L-SIC ikkonkludiet li l-korpi superviżorji rilevanti fl-Islanda ma kellhomx il-kredibbiltà li kienet meħtieġa fin-nuqqas ta' mutwanti tal-aħħar istanza b'riżorsi suffiċjenti. Ir-rapport jikkonkludi li l-Awtorità Islandiża għas-Sorveljanza Finanzjarja (l-"FME") u s-CBI ma kellhomx l-għarfien espert u l-esperjenza sabiex jirregolaw il-banek fi żminijiet ekonomiċi diffiċli, iżda li setgħu jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-livell ta' riskju li kienu qegħdin iġarrbu l-banek. L-FME, pereżempju, ma kibritx bl-istess proporzjon bħall-banek u l-prattiki tar-regolatur ma laħħqux mal-iżviluppi rapidi fl-operazzjonijiet tal-banek. Ir-rapport jikkritika wkoll lill-gvern, billi jikkonkludi li l-awtoritajiet suppost li kellhom jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-impatt potenzjali tal-banek fuq l-ekonomija billi jnaqqsu d-daqs tagħhom jew billi jitolbu lil wieħed mill-banek jew aktar sabiex jittrasferixxu l-kwartieri ġenerali tagħhom barra l-pajjiż<sup>(9)</sup>.

*L-iżbilanċ u l-espansjoni eċċessiva tal-ekonomija Islandiża b'mod ġenerali*

- (23) Ir-rapport tal-SIC jagħmel referenza għall-avvenimenti li jikkonċernaw l-ekonomija usa' u li ħallew ukoll impatt fuq it-tkabbir rapidu tal-banek u li kkontribwixxew għall-iżbilanċ fid-daqs u fl-influenza bejn is-settur tas-servizzi finanzjarji u l-bqija tal-ekonomija. Ir-rapport ikkonkluda li l-politiki tal-gvern (b'mod partikolari l-politika fiskali) ikkontribwixxew l-aktar għall-espansjoni eċċessiva u għall-iżbilanċ u li l-politika monetarja tas-CBI ma kinitx restrittiva biżżejjed. Ir-rapport jirreferi wkoll għall-illaxkar tar-regoli dwar is-self tal-Icelandic Housing Financing Fund bħala "wieħed mill-akbar żbalji fil-ġestjoni monetarja u fiskali li saru matul il-perjodu li wassal għall-kollass tal-banek"<sup>(10)</sup>. Ir-rapport jikkritika wkoll il-faċilità li biha l-banek setgħu jissellfu mingħand is-CBI, bl-istokk tas-self kollaterali tas-CBI fuq perjodu ta' żmien qasir jiddied minn ISK 30 biljun fil-ħarifa tal-2005 għal ISK 500 biljun sal-bidu ta' Ottubru 2008.

*Il-króna Islandiża, l-iżbilanċi esterni u l-marġnijiet tas-CDS*

- (24) Ir-rapport isemmi li fl-2006, il-valur tal-króna Islandiża kien għoli b'mod mhux sostenibbli, id-defiċit tal-kont kurrenti Islandiż kien 'il fuq minn 16 % tal-PDG u l-obbligazzjonijiet fil-muniti barranin neqsin l-assi kienu jam-montaw għal kważi l-PDG annwali totali. Il-prerekwiżiti għall-kriżi finanzjarja kienu fis-seħħ. Sal-aħħar tal-2007, il-valur tal-króna kien qiegħed jesperjenza deprezzament u l-marġnijiet tas-swap ta' inadempjenza tal-kreditu fuq l-Islanda u l-banek żdiedu b'mod esponenzjali.

**2.3. Il-miżuri meħuda għar-rikostruzzjoni tas-settur bankarju**

- (25) Wara l-kollass tal-akbar tliet banek kummerċjali f'Ottubru 2008 (inkluż il-Landsbanki), l-awtoritajiet Islandiżi kellhom jiffaċċjaw l-isfida bla preċedent li jissalvagwardjaw l-operazzjonijiet bankarji kontinwi fl-Islanda<sup>(11)</sup>. Il-politika segwita mill-Gvern Islandiż hija primarjament stipulata fl-Att ta' Emerġenza<sup>(12)</sup> adottat mill-Parlament Islandiż fis-6 ta' Ottubru 2008. Il-liġi tagħti setgħat straordinarji lill-FME sabiex tieħu kontroll tal-intrapriżi finanzjarji, kif ukoll tid-disponi mill-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom, skont kif meħtieġ. Il-Ministru tal-Finanzi kien awtorizzat, f'isem it-Teżor, sabiex joħroġ fondi bil-għan li jstabilixxi intrapriżi finanzjarji ġodda. Barra minn hekk, fil-proċeduri ta' falliment tal-intrapriżi finanzjarji, id-depożiti jingħataw prijorità fuq pretensjonijiet oħrajn. Il-Gvern iddikjara li d-depożiti fil-banek tat-tfaddil u kummerċjali domestiċi u fil-fergħat tagħhom fl-Islanda se jkunu protetti b'mod sħiħ.
- (26) Għall-ewwel, il-prijoritajiet tal-politika ffokaw fuq l-iżgurar tal-funzjonament bażiku tas-sistema bankarja domestika, tas-sistema tal-ħlas u tas-sistema tas-saldu. Fl-ewwel ġimgħat wara l-kollass, il-Gvern Islandiż ħejja wkoll programm ekonomiku b'kollaborazzjoni mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), li wassal għall-approvazzjoni nhar l-20 ta' Novembru 2008 tat-talba tal-Islanda għall-arranġament ta' riżerva mifrux fuq sentejn mill-Fond, li

<sup>(9)</sup> Kienet fil-fatt il-politika ddikjarata ta' dak li kien il-gvern ta' koalizzjoni li jinkoraġġixxi aktar tkabbir u li jinċentiva lill-banek sabiex iżommu l-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Islanda.

<sup>(10)</sup> Il-Kapitolu 2, paġna 5 tar-rapport.

<sup>(11)</sup> Għal aktar dettalji ġenerali dwar il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet Islandiżi, ara r-rapport tal-Ministru tal-Finanzi lill-Parlament dwar il-qawmien mill-ġdid tal-banek kummerċjali (Skýrsla fjármálaráðherra um endurreisn viðskiptabankanna), li ġie ppubblikat f'Mejju 2011 u li huwa disponibbli fuq <http://www.althingi.is/alttext/139/s/-pdf/1213.pdf>

<sup>(12)</sup> Att Nru. 125/2008 dwar l-Awtorità għall-Ħlasijiet mit-Teżor dovuti għal Ċirkostanzi Mhux tas-Soltu tas-Suq Finanzjarju eċċ.

kien jinkludi self ta' 2,1 biljun Dollaru Amerikan mill-FMI maħsub biex isaħħaħ ir-riservi tal-munita tal-Islanda. Barra minn hekk, ġew assigurati tranżazzjonijiet ta' self addizzjonali sa 3 biljun Dollaru Amerikan minn pajjiżi Nordiċi oħrajn, kif ukoll minn ċerti msieħba kummerċjali oħrajn. 827 miljun Dollaru Amerikan mis-self tal-FMI tpoġġew disponibbli immedjatament, filwaqt li l-ammont li kien fadal tħallas fi tmien pagamenti akkont ugwali, soġġett għar-reviżjonijiet tal-programm ta' kull tliet xhur.

- (27) Il-Programm tal-FMI kien programm ta' stabbilizzazzjoni b'bażi wiesgħa li jiffoka fuq tliet għanijiet ewlenin. L-ewwel għan huwa li tiġi stabbilizzata u miksuba lura l-kunfidenza fil-króna sabiex jitrażżan l-impatt negattiv tal-kriżi fuq l-ekonomija. Il-miżuri kienu jinkludu l-introduzzjoni ta' kontrolli kapitali maħsuba biex iwaqqfu t-telf tal-kapital. It-tieni, il-programm kien jinkludi strateġija komprensiva ta' ristrutturar tal-banek, li fl-aħħar mill-aħħar kienet maħsuba biex terġa' tibni sistema finanzjarja vijabbli fl-Islanda, kif ukoll biex tissalvagwardja r-relazzjonijiet finanzjarji internazzjonali tal-pajjiż. Fost il-miri sussidjarji kien hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata valutazzjoni ġusta tal-assi tal-banek, li jiġi massimizzat l-irkupru tal-assi u li jissaħħu l-prattiki ta' sorveljanza. It-tielet, il-programm immira li jiżgura finanza pubbliċi sostenibbli, billi jillimita s-soċjalizzazzjoni tat-telf fil-banek falluti u jimplimenta programm ta' konsolidazzjoni fiskali fuq perjodu ta' żmien medju.
- (28) L-awtoritajiet Islandiżi enfasizzaw li minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mad-daqs kbir tas-sistema bankarja fir-rigward tal-kapaċità finanzjarja tat-Teżor, l-għażliet politiċi disponibbli għall-awtoritajiet kienu limitati. Għaldaqstant, is-soluzzjonijiet li ddependew fuqhom kienu differenti ħafna mill-miżuri meħuda mill-gvernijiet ta' pajjiżi oħrajn li qegħdin jiffaċċjaw theddidiet għall-istabbiltà finanzjarja tagħhom.
- (29) Fuq il-bażi tal-Att ta' Emerġenza, it-tliet banek kummerċjali kbar, Glitnir Bank, Landsbanki Íslands u Kaupthing Bank, inqasmu f'banek "antiki" u "gōdda". Il-Ministru tal-Finanzi stabbilixxa tliet kumpaniji b'responsabbiltà limitata biex jieħdu f'idejhom l-operazzjonijiet domestiċi tal-banek l-antiki u ħatar bordijiet tad-diretturi għalihom. L-FME ħadet kontroll tal-banek l-antiki, billi essenzjalment allokata l-assi u r-responsabbiltajiet (depożiti) domestiċi tagħhom lill-banek il-gōdda li komplew l-operazzjonijiet bankarji fl-Islanda. Il-banek l-antiki tpoġġew taħt is-superviżjoni tal-kumitati ta' riżoluzzjoni rispettivi tagħhom <sup>(13)</sup>. L-assi u r-responsabbiltajiet barranin ġew allokati fil-banek l-antiki, li aktar tard kienu sottomessi għal proċeduri ta' likwidazzjoni u għall-għeluq eventwali tal-operazzjonijiet barranin kollha <sup>(14)</sup>.
- (30) Fil-karti tal-bilanċ tal-ftuħ provviżorji tat-tliet banek gōdda tal-14 ta' Novembru 2008, kien stmat li l-assi totali kkombinati tal-banek kienu jammontaw għal ISK 2 886 biljun, b'ekwità ta' ISK 385 biljun li għandha tiġi pprovvduta mill-Istat. L-ammont totali ta' bonds li għandhom jinħarġu mill-banek il-gōdda favur il-banek l-antiki bħala ħlas għall-valur tal-assi ttrasferiti li jissuperaw lir-responsabbiltajiet kien stmat għal ISK 1 153 biljun. L-FME ħatret lil Deloitte LLP biex tagħmel valutazzjonijiet tal-valur tal-assi u tar-responsabbiltajiet ittrasferiti. F'dan il-proċess, ħareġ ċar li l-valutazzjoni indipendenti ma kinitx sejra tirriżulta f'valuri fissi tal-assi netti ttrasferiti, iżda fi stimi li jaqgħu fi ħdan ċerti firxiet. Irriżulta wkoll li l-kredituri tal-banek esprimew nuqqas ta' qbil f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċess ta' valutazzjoni, li huma sostnew li ma kienx imparzjali, filwaqt li lmentaw li ma setgħux iħarsu l-interessi tagħhom. Dawn il-komplikazzjonijiet irriżultaw f'bidla ta' politika għall-approvazzjoni tal-kontijiet bejn il-banek l-antiki u l-banek il-gōdda. Minflok jiddependu fuq valutazzjonijiet li jsiru minn esperti indipendenti, il-partijiet jippreferu jipprovaw jagħmlu negozjati bil-għan li jilhq u qbil fuq il-valur tal-assi netti ttrasferiti.

<sup>(13)</sup> Ara wkoll ir-Rapport Annwali tal-FME għall-2009 (Lulju 2008 — Ġunju 2009), li huwa disponibbli fuq <http://en.fme.is/media/utgefidenfni/FME-Annual-Report-2009.pdf>

<sup>(14)</sup> Kellhom isegwu aktar akkwiżizzjonijiet ta' intrapriżi finanzjarji. F'Marzu 2009, l-FME ħadet kontroll tal-operazzjonijiet ta' tliet intrapriżi finanzjarji; Straumur-Burdaras, Reykjavik Savings Bank (SPRON) u Sparisjodabanki Íslands (Icebank), u ħadet deċizzjonijiet dwar id-disponiment tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ta' dawk l-intrapriżi. Filwaqt li aktar tard ġie approvat ftehim ta' kompożizzjoni mal-kredituri ta' Straumur, SPRON u Sparisjodabanki kienu sottomessi għal proċedura ta' stralċ. Barra minn hekk, kien hemm intrapriżi finanzjarji oħrajn li kienu affettwati b'mod sever mill-kollas tat-tliet banek kummerċjali ewlenin u mill-incezzzi prevalenti fis-swieq finanzjarji, filwaqt li intrapriżi finanzjarji oħrajn tpoġġew soġġetti għall-amministrazzjoni pubblika fl-2010. B'hekk, f'Marzu 2010, l-FME ħatret bord provviżorju ta' diretturi għal VBS Investment Bank. F'April 2010, l-FME ħadet kontroll ta' Keflavik Savings Bank u Byr Savings Bank, filwaqt li stabbilixxiet li l-operazzjonijiet tagħhom għandhom jittieħdu minn intrapriżi finanzjarji gōdda, SpKef Savings Bank u Byr hf, rispettivament. Billi rriżulta li l-kundizzjonijiet finanzjarji ta' dawn l-intrapriżi gōdda kienu agħar milli ġie antiċipat fil-bidu, SpKef ġie amalgamat aktar tard ma' Landsbankinn, filwaqt li Byr hf, ġie amalgamat ma' Íslandsbanki, wara sejħa għall-offerti għall-ishma ta' Byr. Barra minn hekk, fl-2009, l-awtoritajiet Islandiżi ntalbu sabiex jindirizzaw id-diffikultajiet finanzjarji ta' Saga Capital Investment Bank u, fl-2011, ta' Housing Financing Fund.

- (31) Kien jidher ċar li huwa diffiċli għall-partijiet li jilħqu ftehimiet dwar il-valutazzjonijiet, minħabba li kien evidenti li huma soġġetti għal għadd numeruż ta' suppożizzjonijiet li l-partijiet x'aktarx ma setgħux jaqblu dwarhom. L-Istat kellu l-għan li jilħaq ftehimiet dwar l-evalwazzjonijiet bażiċi li jipprovdu bażi b'saħħitha għall-kapitalizzazzjoni inizjali tal-banek il-ġodda. L-andament tal-prezzijiet tal-assi li jissuperaw l-evalwazzjoni bażika jista' jiġi attribwit lill-kredituri fil-forma ta' bonds kontinġenti jew żidiet fil-valur tal-kapital azzjonarju tal-banek, hekk kif min-negożjati rriżulta li l-kumitati tar-riżoluzzjoni ta' Glitnir u Kaupthing, kif ukoll parti kbira mill-kredituri tagħhom, jistgħu jkunu interessati li jakkwistaw 'holdings' fil-banek il-ġodda, u dan jagħtihom iċ-ċans li jibbenifikaw minn żidiet potenzjali fil-valuri tal-ishma ttrasferiti.
- (32) Fl-20 ta' Lulju 2009 tħabbar il-proċess tal-kapitalizzazzjoni sħiħa tat-tliet banek ġodda u tal-ftehimiet mal-kredituri tal-banek l-antiki dwar kif għandu jitħallas il-kumpens għat-trasferiment tal-assi netti fil-banek il-ġodda. Fir-rigward ta' tnejn mill-banek il-ġodda, New Glitnir (li aktar tard ingħata l-isem ta' Íslandsbanki) u New Kaupthing (li aktar tard ingħata l-isem ta' Arion Bank), dan kien jinkludi ftehimiet kundizzjonali għall-banek l-antiki sabiex jissottoskrivu l-interessi azzjonarji tal-maġġoranza fil-banek il-ġodda.
- (33) Fuq il-bażi tal-kapijiet tal-ftehim, f'Ottubru 2009 (għal Glitnir) u f'Diċembru 2009 (għal Kaupthing Bank u Landsbanki Islands), il-kumitati tar-riżoluzzjoni tal-banek l-antiki ddeċidew li jissottoskrivu għall-ishma fil-banek il-ġodda. Fit-18 ta' Diċembru 2009, il-Gvern ħabbar li kienet ġiet konkluża r-rikostruzzjoni tal-banek u li kienu ntlaħqu ftehimiet bejn l-awtoritajiet Islandiżi u l-banek il-ġodda, fuq naħa waħda, u bejn il-kumitati tar-riżoluzzjoni ta' Glitnir Bank, Landsbanki Íslands u Kaupthing Bank f'isem il-kredituri tagħhom, fuq in-naħa l-oħra. Il-ftehimiet kienu jinkludu soluzzjonijiet li jikkonċernaw l-assi li kienu ttrasferiti mill-banek l-antiki f'dawk ġodda, tant li mbagħad il-banek il-ġodda kienu ffinanzjati kompletament.
- (34) Il-kontribuzzjoni tat-Teżor għall-ekwiżità tal-banek il-ġodda tnaqqset b'mod sostanzjali, minn ISK 385 biljun kif previst oriġinarjament għal ISK 135 biljun fil-forma ta' kapital azzjonarju u, fil-każ ta' tnejn mit-tliet banek, Íslandsbanki u Arion Bank, madwar ISK 55 biljun tal-kapital fil-Livell II fil-forma ta' self subordinat, li flimkien jammontaw għal total ta' 190 biljun ISK. Barra minn hekk, it-Teżor ipprova ċerti faċilitajiet ta' likwidità lil Íslandsbanki u Arion Bank. B'kollox, il-kapital azzjonarju pprovdut mill-banek l-antiki lill-banek il-ġodda kien jammonta għal madwar ISK 156 biljun. Għalhekk, il-kapitalizzazzjoni totali tal-banek il-ġodda kienet tammonta għal madwar ISK 346 biljun. B'hekk, minflok tinżamm il-proprietà sħiħa tat-tliet banek, il-ftehimiet implikaw li l-'holdings' tal-Istat għandhom jitnaqqsu għal madwar 5 % fil-każ ta' Íslandsbanki, 13 % fil-każ ta' Arion Bank u 81 % fil-każ ta' Landsbankinn.
- (35) Filwaqt li dan it-trasferiment ta' tnejn mit-tliet banek mill-kredituri tal-banek l-antiki solva kwistjonijiet kbar fir-rikostruzzjoni tas-settur finanzjarju u stabbilixxa bażi kapitali aktar b'saħħitha għall-banek il-ġodda, kien għad fadal għadd numeruż ta' nuqqasijiet li kellhom bżonn jiġu indirizzati. Mill-ħarifa tal-2009, il-banek ikkonċentraw l-isforzi tagħhom l-aktar fuq kwistjonijiet interni, billi ddeterminaw l-istrategġija globali għall-operazzjonijiet tagħhom u, b'mod partikolari, permezz tar-ristrutturar tal-portafolli tas-self tagħhom, li jirrappreżentaw l-akbar fattur ta' riskju għall-operazzjonijiet u l-vijabbiltà fit-tul tagħhom. Il-proċess tar-ristrutturar kien kumpless minħabba diversi fatturi ta' komplikazzjoni, inklużi s-sentenzi tal-Qorti Suprema dwar l-illegalità tas-self mogħti fil-munita ISK iżda indiċżat f'munita barranin. Fir-rigward ta' Landsbankinn, sakemm ikun rilevanti għar-ristrutturar tiegħu, dawn il-kwistjonijiet huma diskussi aktar 'l isfel.

#### 2.4. L-ambjent makroekonomiku

- (36) Taqlib ekonomiku qawwi segwa l-kollass tas-sistema bankarja f'Ottubru 2008. Id-diffikultajiet fis-sistema finanzjarja tal-Islanda kienu akkumpanjati minn kollass tal-kunfidenza fil-munita tagħha. Il-króna waqgħet sostanzjalment fl-ewwel kwart tal-2008 u mbagħad kompliet titef mill-valur tagħha fil-ħarifa, qabel u wara l-falliment tat-tliet banek kummerċjali. Minkejja l-kontrolli kapitali li ġew imposti fil-ħarifa tal-2008, il-volatilità tal-munita ppre-dominat matul l-2009. <sup>(15)</sup> Dan it-taqlib wassal għal riċessjoni qawwija fl-ekonomija tal-Islanda, b'kontrazzjoni tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) b'6,8 % fl-2009 u b'4 % fl-2010.

<sup>(15)</sup> Bħala eżempju tal-iskala tad-deprezzament f'daqqa, ir-rata tal-kambju medja ta' kull xahar tal-Euro mal-króna Islandiża żdiedet minn ISK 90,71 f'Diċembru 2007 għal ISK 184,64 f'Novembru 2009.

- (37) Fost l-implikazzjonijiet tal-kriżi ekonomika kien hemm żieda f'daqqa fil-qgħad minn 1,6 % fl-2008 għal 8 % fl-2009, żieda fl-inflazzjoni u tnaqqis fil-pagi reali. Barra minn hekk, kien hemm żieda qawwija fid-dejn korporattiv u domestiku u fis-sehem tas-self improduttiv fil-portafolli tas-self tal-banek, kif ukoll trasferiment fuq skala kbira mill-banek il-ġodda ta' negozji f'inkwiet finanzjarju. Fl-istess ħin, l-ispiża fiskali għolja għar-ristrutturar tas-sistema bankarja wasslet għal żieda qawwija fid-defiċit fiskali u għal żieda kbira tad-dejn fis-settur pubbliku.
- (38) Wara r-riċessjoni qawwija, id-dejta provviżorja minn Statistics Iceland tindika bidla fid-direzzjoni fit-tieni nofs tal-2011 u tkabbir ta' 3,1 % fil-PDG għas-sena kollha meta mqabbel mas-sena ta' qabel.
- (39) It-tkabbir ekonomiku tas-sena li għaddiet kien dovut l-aktar għal żieda fid-domanda domestika, b'mod partikolari żieda ta' 4 % fil-konsum privat tad-djar. Dan it-tkabbir kien appoġġjat minn żidiet fil-pagi u fil-benefiċċji soċjali, kif ukoll minn ċerti inizjattivi ta' politika mwettqa sabiex jiffaċilitaw il-piż tal-ħlas tad-dejn domestiku, inkluż sus-sidju temporanju fuq ir-rata tal-imgħax, l-iffriżar tal-pagamenti fuq is-self u r-rimborż bikri ta' tfaddil għal pensjoni privata. Id-dejta provviżorja għall-2011 tindika wkoll żieda bil-mod fl-investimenti, madankollu f'livell partikolarment baxx <sup>(16)</sup>, filwaqt li l-konsum pubbliku baqa' f'livell baxx matul l-aħħar tliet snin.
- (40) Id-dejta makroekonomika ġenerali taħbi aktar differenzi settorjali sinjifikanti. Minbarra l-kollass fis-settur finanzjarju, kien hemm kontrazzjoni kbira fil-kostruzzjoni u f'ħaġġa attivitajiet domestiċi oħrajn ta' produzzjoni u servizz. Min-naħa l-oħra, kien hemm ukoll tkabbir f'ċerti setturi tal-esportazzjoni. Minħabba r-rata tal-kambju baxxa tal-króna u l-prezzijiet relattivament stabbli fil-munita barranija kemm għall-prodotti marittimi kif ukoll għall-prodotti tal-aluminju, id-dħul mill-esportazzjoni żdied wara l-bidu tal-kriżi ekonomika, anki fir-rigward tat-turiżmu u l-esportazzjonijiet ta' servizzi oħrajn. Fl-istess waqt, l-importazzjonijiet naqsu f'daqqa, tant li dawru l-bilanċ kummerċjali <sup>(17)</sup> temporanjament f'bilanċ pożittiv ta' madwar 10 % tal-PDG fl-2010. Madankollu, b'domanda domestika miżjuda fl-2011, l-importazzjonijiet reġġu żdiedu, tant li, b'mod ġenerali, wasslu għal bilanċ kummerċjali iżgħar ta' 8,2 % tal-PDG.
- (41) Il-previżjoni ta' Statistics Iceland għall-perjodu 2012-2017 tassumi li l-irkupru ekonomiku gradwali se jissokta bi tkabbir ta' 2,6 % fl-2012. Matul il-perjodu tal-previżjoni mistennija rata ta' tkabbir simili. Madankollu, din il-previżjoni hija soġġetta għal bosta inċertezzi. L-investimenti industrijali pjanati fuq skala kbira jistgħu jiffaċċjaw aktar dewmien. It-termini tal-kummerċ tal-Islanda sejrjn jiġu affettwati b'mod negattiv minn riċessjoni fit-tul fil-pajjiżi kummerċjali ewlenin, li timplika rata ta' tkabbir aktar baxxa fl-Islanda. Barra minn hekk, il-progress aktar bil-mod milli antiċipat fl-indirizzar tal-piż tad-dejn tal-familji u tal-korporazzjonijiet għandu jillimita d-domanda domestika u l-prospetti tat-tkabbir tal-ekonomija. It-tkabbir jista' jkun mhedded ukoll minn instabbiltà kontinwa fil-prezzijiet marbuta mal-volatilità tal-munita fil-kuntest tat-tneħħija tal-kontrolli kapitali.

## 2.5. Is-superviżjoni finanzjarja u t-titjib fil-qafas regolatorju

- (42) Wara l-ħidma inizjali tal-FME marbuta mal-fondazzjoni tal-banek il-ġodda u l-valutazzjoni tal-valur tal-assi netti ttrasferiti mill-banek l-antiki, fir-rebbiegħa tal-2009, l-FME għamlet verifika tal-banek il-ġodda u tal-pjanijiet kummerċjali, tas-saħħa finanzjarja u tar-rekwiżiti kapitali tagħhom fl-hekk imsejjaħ proġett ta' 'sign-off'. Din saret bl-assistenza tal-kumpanija internazzjonali ta' konsulenza manijerjali Oliver Wyman.

<sup>(16)</sup> Matul is-snin 2009-2011, is-sehem tal-investimenti fil-PDG kien biss bejn 13 u 14 %.

<sup>(17)</sup> It-terminu 'bilanċ kummerċjali' jirreferi għad-differenza fil-qligħ mill-esportazzjonijiet u mill-importazzjonijiet ta' prodotti u servizzi. Huwa ma jinkludix il-bilanċ fuq id-dħul primarju minn barra l-pajjiż, li kien negattiv fis-snin li għaddeu, b'mod partikolari mis-sena 2008. Dan jimplika li minkejja l-bilanċ pożittiv fuq il-bilanċ kummerċjali, il-kont kurrenti globali tal-Islanda kien negattiv matul is-snin riċenti, għalkemm naqas f'daqqa mis-sena 2009.



- (43) Wara li kkonkludiet il-proċess imsemmi hawn fuq, l-FME tat lill-banek liċenzji operattivi li kienu soġġetti għal diversi kundizzjonijiet. Minħabba l-kwalità tal-portafolli tal-assi u l-inċertezza ekonomika antiċipata, kien meqjus bħala li huwa neċessarju li jiġu imposti fuq it-tliet banek rekwiżiti kapitali ogħla mill-minimu statutorju. Għalhekk, l-FME ffixat il-proporzjon minimu tal-adeqwatezza kapitali ("CAD") għat-tliet banek f'perċentwal ta' 16 %, b'minimu ta' 12 % minnu għall-kapital fil-Livell I. Ir-rekwiżiti kienu applikabbli għal mill-inqas 3 snin sakemm ma jiġux riveduti mill-FME. Barra minn hekk, ġew speċifikati wkoll il-kundizzjonijiet tal-likwidità, li jirrikjedu li l-fondi likwidi disponibbli għandhom f'xi punt jammontaw għal minimu ta' 20 % tad-depożiti. Il-flus kontanti jew l-ekwivalenti għall-flus kontanti għandhom jammontaw għal mill-inqas 5 % tad-depożiti. Barra minn hekk, ġew speċifikati xi rekwiżiti fir-rigward ta' kwistjonijiet oħrajn, bħar-ristrutturar tal-portafolli tas-self, il-valutazzjoni tar-riskju, it-tmexxija korporattiva u s-sjieda. L-FME introduċiet xi rekwiżiti kapitali komparabbli fir-rigward ta' intrapriżi finanzjarji oħrajn.
- (44) Il-programm ta' stabbilizzazzjoni ekonomika stabbilit b'konsultazzjoni mal-FMI pprova għal revizzjoni tal-qafas regolatorju sħiħ tas-servizzi finanzjarji u s-supervizzjoni sabiex tittejjeb id-difiża kontra l-kriżi finanzjarja fil-ġejjieni. Il-Gvern stieden lill-eks-Direttur Ġenerali tal-Awtorità Islandiża għas-Sorveljanza Finanzjarja, is-Sur Kaarlo Jännäri, sabiex iwettaq valutazzjoni tal-qafas regolatorju u tal-prassi ta' sorveljanza eżistenti. Fost it-titjib propost mis-Sur Jännäri kien hemm il-ħolqien ta' Reġistru tal-Kreditu Nazzjonali fl-FME sabiex jitnaqqsu r-riskji tal-krediti fis-sistema. Ir-rapport tiegħu ssuġġerixxa wkoll li jiġu preskritti regoli u Prattiki aktar stretti fuq espożizzjonijiet kbar u self konness, kif ukoll li jsiru aktar spezzjonijiet fuq il-post bil-għan li jiġu vverifikati r-rapporti u s-sorveljanza mhux fuq il-post, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskju tal-kreditu, ir-riskju tal-likwidità u r-riskju tal-kambju barrani. Kien irrakkomandat ukoll li tiġi riveduta u mtejbja s-sistema ta' garanzija tad-depożiti, billi jiġu segwiti mill-qrib l-iżviluppi fi ħdan l-UE.
- (45) Sussegwentement, il-Gvern ippropona abbozz ta' liġi għall-Althingi, li ġie adottat u mdaħħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2010, bħala l-Att Nru 75/2010. Bil-liġi l-ġdida, saru emendi estensivi fl-Att dwar l-intrapriżi Finanzjarji. Aktar tard ġew introdotti diversi emendi oħrajn fil-liġi dwar l-intrapriżi finanzjarji, kif ukoll fir-regolazzjoni u s-sorveljanza tas-servizzi finanzjarji. Dawn l-emendi regolatorji huma kkunsidrati f'aktar dettall fl-Anness.

## 2.6. *L-isfidi ewlenin li għandna quddiemna* <sup>(18)</sup>

- (46) Minkejja l-kisbiet kbar fir-rikostruzzjoni ta' settur finanzjarju, l-Islanda qiegħda tkompli tissielet mar-riperkussjonijiet tal-kriżi finanzjarja u tal-munita li faqqgħet fil-ħarifa tal-2008. Il-kriżi finanzjarja żvelat diversi difetti u nuqqasijiet fis-sistema finanzjarja, li għandhom jiġu indirizzati jekk irridu li terġa' titrawwem il-kunfidenza fost il-pubbliku. Huwa evidenti li l-Islanda — bħal ħafna pajjiżi oħrajn li ntlaqtu b'mod qawwi mill-kriżi finanzjarja — qiegħda tiffaċċja bosta sfidi sabiex tadatta l-ambjent legali u operattiv tas-servizzi finanzjarji bil-għan li tiġi appoġġjata sistema finanzjarja vijabbli u effikaċi fil-ġejjieni u li jitnaqqas kemm jista' jkun possibbli r-riskju li jergħu jiffaċċaw aktar xokkijiet sistemiċi.
- (47) L-aktar sfidi immedjati li qegħdin jiffaċċjaw bħalissal-intrapriżi finanzjarji Islandiżi huma marbuta mal-fatt li l-banek qegħdin joperaw f'ambjent protett b'kontrolli kapitali u garanzija ta' depożiti globali. Jeħtieġ li l-banek issa jħejju ruħhom tajjeb sabiex jibdeu joperaw f'ambjent aktar espost, meta jitneħħew il-kontrolli kapitali u meta l-garanziji tad-depożiti jergħu lura għall-arranġament stabbilit fid-direttivi rilevanti tal-UE/taż-ŻEE <sup>(19)</sup>. L-awtoritazjiet Islandiżi enfasszaw li għandha tiġi eżerċitata kawtela kbira meta jiġu introdotti regoli ġodda f'dan ir-rigward.

<sup>(18)</sup> Dwar dan is-suġġett, ara, pereżempju, ir-rapport tal-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi għall-Althingi ta' Marzu 2012, *L-Istruttura Futura tas-Sistema Finanzjarja Islandiża (Future Structure of the Icelandic Financial System)*. Skont il-ministeru, dan ir-rapport jitqies bħala katalista għal diskussjoni informata dwar dan is-suġġett importanti minħabba li huwa ma jippreżentax proposti f'formati b'mod sħiħ, iżda jistabilixxi l-kwistjonijiet u l-prospetti ewlenin b'referenza għall-iżviluppi internazzjonali. Ir-rapport huwa disponibbli fuq <http://eng.efnahagsraduneyti.is/media/Acrobat/Future-Structure.pdf>.

<sup>(19)</sup> Il-proċess sabiex il-garanziji tad-depożiti jinġiebu lura fil-kundizzjonijiet normali tagħhom mhuwiex relatat mat-tneħħija tal-appoġġ mill-Istat għal tali garanziji, iżda wkoll mar-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet fl-Att ta' Emerġenza li, permezz tagħhom, id-depożiti li jgawdu minn garanziji tad-depożiti skont il-liġi, għandhom prijorità fil-likwidazzjoni ta' intrapriża finanzjarja. Dan jikkomprendi vantaggj konsiderevoli għad-depożituri, mhux l-inqas minħabba li l-kollass bankarju tal-2008 għadu frisk fl-imħuħ tan-nies. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni x'aktarx li tirrappreżenta żvantaġġ għall-banek sabiex jiddiversifikaw l-arranġament tal-finanzjament tagħhom.

- (48) Sfida kbira oħra hija l-ħtieġa li jkompli jiġi adattat il-qafas legali u regolatorju sabiex tiġi appoġġjata sistema finanzjarja b'saħħitha u effikaċi li tkun konsistenti wkoll mal-iżviluppi fil-liġi internazzjonali u taż-ŻEE <sup>(20)</sup>.

## 2.7. L-istat tal-kompetizzjoni fis-settur finanzjarju Islandiż

- (49) Skont l-informazzjoni riċenti mill-awtoritajiet Islandiżi <sup>(21)</sup>, il-kompetizzjoni fuq is-suq finanzjarju nbidlet radikalment minn mindu kkollassa s-settur bankarju. In-numru ta' intrapriżi finanzjarji naqas, billi bosta banek tat-tfaddil, banek kummerċjali u mutwanti speċjalizzati kellhom jagħlqu jew inkella jingħaqdu ma' intrapriżi oħrajn <sup>(22)</sup>. In-numru ta' intrapriżi finanzjarji għadu qiegħed jonqos, l-aktar riċenti bil-fużjoni ta' Landsbankinn u SpKef f'Marzu 2011, bil-fużjoni ta' Íslandsbanki u Byr f'Diċembru 2011 u bil-fużjoni li jmiss ta' Landsbankinn u Svarfdaelir Savings Bank, li ġiet approvata mill-Awtorità fid-Deċiżjoni ta' SpSv fl-20 ta' Ġunju 2012. Bit-tnaqqis fin-numru ta' intrapriżi finanzjarji u bil-banek il-kbar jieħdu d-depożiti mingħand il-banek li qiegħdin jagħlqu, il-konċentrazzjoni fis-suq domestiku żdiedet. Min-naħa l-oħra, il-preżenza globali tal-banek il-ġodda fis-swieq finanzjarji taż-ŻEE hija ferm iżgħar minn dik tal-predeċessuri tagħhom, minħabba li l-operazzjonijiet bankarji internazzjonali spiċċaw għalqu.
- (50) Barra minn hekk, is-suq domestiku ċkien b'mod konsiderevoli hekk kif ċerti swieq sekondarji sfaxxaw fix-xejn jew sabu ruħhom ikkontrollati ħafna. Il-kważi sfaxxar tal-borża u l-introduzzjoni tal-kontrolli kapitali naqqsu l-operazzjonijiet fil-borża u fis-swieq tal-kambju u rriżultaw f'għażliet ta' investment limitat. Bil-livell tal-investimenti fl-ekonomija fl-livell storikament baxx u bid-djar u l-kumpaniji f'ingranaġġ ġeneralment għoli, id-domanda għall-kreditu hija baxxa. Sa mill-kollass, il-banek ikkonċentraw l-isforzi tagħhom fuq il-kwistjonijiet interni u fuq ir-ristrutturar tal-portafolli tas-self tagħhom, kif ukoll fuq ir-ristrutturar ta' wħud mill-klijenti korporattivi ewlenin tagħhom.
- (51) Qabel il-kriżi finanzjarja, b'mod kollettiv, il-banek tat-tfaddil kienu responsabbli għal sehem mis-suq ta' madwar 20 — 25 % f'depożiti. Dan is-sehem issa kkollassa għal madwar 2 — 4 %. L-ishma mis-suq mitlufa mill-banek tat-tfaddil u l-banek kummerċjali li ħarġu mis-suq inkisbu mit-tliet banek kbar issa huma responsabbli għal madwar 90-95 % tas-suq minflok għal madwar 60-75 % li kellhom qabel, fejn is-sehem mis-suq ta' Landsbankinn huwa marġinalment l-ogħla. Minbarra l-10 banek tat-tfaddil reġjonali, li bħalissa huma responsabbli għal madwar 2-4 % tas-suq, l-uniku parteċipant ieħor fis-suq huwa l-bank ristrutturat bl-isem ta' MP Bank <sup>(23)</sup>, b'sehem mis-suq ta' madwar 1-5 %.
- (52) B'hekk, is-suq finanzjarju Islandiż huwa ċertament oligopolistiku u l-akbar tliet kumpaniji jistgħu b'mod kollettiv jiksbu pożizzjoni dominanti fis-suq. Skont l-Awtorità tal-Kompetizzjoni Islandiża ("ICA"), hemm ostakoli sinjifikanti għad-dħul fis-suq bankarju Islandiż. Dan għandu effetti detrimental fuq il-kompetizzjoni. Hemm ukoll ċerti

<sup>(20)</sup> Ara l-Kapitolu 9 tar-rapport tal-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi msemmi fin-nota 25 f'qiegħ il-paġna. Meta ppreżenta dak ir-rapport, il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi ħatar ukoll grupp ta' esperti bankarji, bil-parteċipazzjoni ta' esperti barranin, sabiex iħejju proposti dwar qafas legali u regolatorju komprensiv għas-suq finanzjarju fl-Islanda b'mod ġenerali. Skont l-istess rapport, l-awtoritajiet Islandiżi qiegħdin jipprevedu wkoll li jistudjaw għażliet oħrajn għall-ġejjieni, inklużi s-separazzjoni possibbli tal-attivitajiet bankarji kummerċjali u ta' investment, l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-istabbiltà finanzjarja u emenda possibbli tad-diviżjoni tar-responsabbiltà tal-korpi regolatorji tas-servizzi finanzjarji. Mid-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet Islandiżi, jidher ċar ukoll li reviżjoni tal-qafas tal-politika monetarja għadha fuq l-aġenda, bi jew mingħajr il-possibbiltà li l-Islanda ssir membru tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mezzi possibbli oħrajn sabiex tittejjeb il-ġestjoni ekonomika u jiġi żgurat li r-regolaturi "jaraw il-foresta għas-siġar" u effettivament japplikaw l-aktar għodod makroprudenzjali xierqa.

<sup>(21)</sup> Ara l-Kapitolu 6 tar-rapport mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi għall-Althingi, *L-Istruttura Futura tas-Sistema Finanzjarja Islandiża (The Future Structure of the Icelandic Financial System)*, disponibbli fuq <http://eng.efmahagsraduneyti.is/publications/news/nr/3559>

<sup>(22)</sup> Mill-ħarifa tal-2008, kien hemm diversi intrapriżi finanzjarji li għebu mis-suq (minbarra l-banek kummerċjali kbar "antiki", jiġifieri Glitnir, Kaupthing u Landsbanki): Sparisjóðabanki Íslands (dak li qabel kien jismu Icebank), Reykjavik Savings Bank (SPRON), Sparisjóður Mýrarsýslu (Mýrarsýsla Savings Bank, SPM), VBS Investment Bank u Askar Capital Investment Bank. L-operazzjonijiet ta' Straumur-Burdaras Investment Bank u Saga Capital Investment Bank naqsu wkoll b'mod sinjifikanti.

<sup>(23)</sup> Fil-11 ta' April 2011, ġie approvat kuntratt għall-bejgħ tal-operazzjonijiet tal-bank MP (l-antik) fl-Islanda u fil-Litwanja waqt il-laqgħa tal-azzjonisti tal-bank, meta aktar minn 40 azzjonist ġdid investew ISK 5.5 biljun f'ishma ġodda fil-bank. Barra minn hekk, kien hemm operazzjonijiet oħrajn tal-bank l-antik li baqgħu għand is-sidien preċedenti u li ġew ittrasferiti lill-entità legali ġdida bl-isem ta' EA fjárfestingarfélag hf. Għal aktar dettalji, ara l-istqarrijiet għall-istampa tal-bank MP tal-11 ta' April 2011, li huma disponibbli fuq <https://www.mp.is/um-mp-banka/utgefifid-efni/frettir/nr/1511> u <https://www.mp.is/um-mp-banka/utgefifid-efni/frettir/nr/1510>

impedimenti għall-konsumaturi biex ibiddlu l-banek. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Islandiżi rrikonoxxew li r-riskji tar-rati tal-kambju assoċjati mal-munita żgħira u mhux innegożjata tal-Islanda, jiġifieri l-króna Islandiża, komplew jillimitaw il-kompetizzjoni u jiskoraġġixxu lill-kumpaniji u l-banek barranin milli jidħlu fis-suq Islandiż.

- (53) Dan l-aħħar, l-ICA ffokat fuq kwistjoni speċifika li tirrigwardja l-infrastruttura tal-IT għall-operazzjonijiet tal-banek u l-kooperazzjoni tagħhom f'dak ir-rigward. Dan huwa relatat mal-fornitur konġunt tas-servizzi tal-IT tal-istituzzjonijiet finanzjarji, jiġifieri *Reiknistofa bankanna* (iċ-Ċentru tad-Dejta tal-Banek Islandiżi; RB). Din il-kwistjoni hija importanti għall-valutazzjoni tal-każ inkwistjoni u kienet fost il-kwistjonijiet li ġew diskussi mill-Awtorità mal-awtoritajiet Islandiżi u mal-banek.
- (54) RB huwa taħt proprjetà konġunta tat-tliet banek Islandiżi ewlenin, żewġ banek tat-tfaddil, l-Assoċjazzjoni Islandiża tal-Banek tat-Tfaddil u t-tliet proċessuri ewlenin tal-kards tal-ħlas fl-Islanda. Landsbankinn għandu 36,84 % tal-ishma f'RB, Íslandsbanki għandu 29,48 %, filwaqt li Arion Bank għandu 18,7 %. Għalhekk, flimkien, it-tliet banek kummerċjali għandhom 85,02 % tal-ishma f'RB. Il-klijenti ta' RB huma l-proprjetarji, il-Bank Ċentrali tal-Islanda u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn, kif ukoll il-gvern u entitajiet pubbliċi. Il-kooperazzjoni tal-banek f'dan il-qasam hija estensiva, billi RB żviluppa s-sistema tal-ikklerjar u tas-saldu fl-Islanda. Huwa jipprovdi wkoll għadd ta' soluzzjonijiet bankarji ewlenin li huma soluzzjonijiet għal bosta kerrejja, li jintużaw mill-maġġoranza tal-banek Islandiżi. Barra minn hekk, RB iħaddem sistema ta' fatturazzjoni elettronika u ta' pagament elettroniku għall-korporazzjonijiet u l-konsumaturi.
- (55) Skont l-ICA, il-kollass fl-2008 għamel lill-banek iż-żgħar u lill-banek tat-tfaddil partikolarment vulnerabbli. Għall-intrapriżi finanzjarji li huma iżgħar, is-servizzi tal-IT meħtieġa kellhom importanza kruċjali, hekk kif jistgħu jit-qiesu bħala wieħed mill-ostakoli għad-dħul għall-parteċipanti ġodda tas-suq. Il-pjattaforma għas-servizzi tal-IT fir-rigward tal-intrapriżi finanzjarji akbar kienet ipprovduta, sa ċertu punt, minn RB, filwaqt li dik fir-rigward tal-banek tat-tfaddil u tal-parteċipanti iżgħar tas-suq kienet ipprovduta minn Teris. Wara l-għeluq ta' ħafna intrapriżi finanzjarji iżgħar fis-snin riċenti, Teris tilfet sehem sinjifikanti mid-dħul tagħha, li wassal, f'Jannar 2012, għall-bejgħ ta' wħud mis-soluzzjonijiet tal-IT tagħha lil RB. Skont RB u Teris, din it-tranżazzjoni kienet immirata, fost l-oħrajn, sabiex tassigura l-provvediment kontinwu ta' servizzi tal-IT lill-intrapriżi finanzjarji iżgħar.
- (56) L-ICA kienet qiegħda tinvestiga żewġ każijiet li jikkonċernaw lil RB. L-ewwel nett, jekk il-proprjetà konġunta u l-kooperazzjoni tal-banek u ta' intrapriżi finanzjarji oħrajn fil-forum ta' RB għandhomx jitqiesu bħala ksur tal-projbizzjoni fuq Prattiki ristretti skont l-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni tal-Islanda. It-tieni, il-kompatibbiltà tax-xiri tal-assi ewlenin ta' Teris minn RB qiegħda tiġi vvalutata skont id-dispożizzjonijiet ta' fużjoni tal-istess att. Madankollu, f'Mejju 2012, dawn iż-żewġ każijiet ġew konklużi b'soluzzjoni bejn RB u l-proprjetarji tiegħu, fuq naħa waħda, u l-ICA, fuq in-naħa l-oħra <sup>(24)</sup>.
- (57) Minbarra t-tħassib imsemmi fuq li huwa relatat direttament mas-suq finanzjarju Islandiż, l-ICA enfasizzat b'mod partikolari fuq il-ħtieġa li l-bejgħ u r-ristrutturar tal-kumpaniji operattivi <sup>(25)</sup> jsiru mingħajr dewmien żejjed. Il-kontroll ta' ħafna kumpaniji operattivi ttieħed mill-banek (bħala kredituri ta' dawk il-kumpaniji) minħabba insolvenza wara l-kollass ekonomiku fl-2008. Skont l-ICA, dan jista' joħloq kunflitt ta' interess meta l-banek jipprovdu servizzi finanzjarji lill-kumpaniji u jkollhom il-proprjetà tal-kumpaniji fl-istess waqt. L-ICA hija tal-opinjoni li

<sup>(24)</sup> Skont is-soluzzjoni mil-huqa, RB u l-proprjetarji tiegħu qablu fuq numru ta' impenji mmirati biex jipprevjenu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-operazzjonijiet ta' RB u l-kooperazzjonijiet tal-proprjetarji tiegħu. L-impenji jirrikjedu, fost l-oħrajn, li l-RB għandu jiġi operat fuq termini kummerċjali ġenerali indipendenti mill-proprjetarji tiegħu, li l-maġġoranza tal-membri tal-bord ta' RB għandhom ikunu speċjalisti indipendenti mill-proprjetarji, li l-aċċess għas-sistemi u s-servizzi pprovduti minn RB għandu jiġi pprovdut fuq bażi mhux diskriminatorja u li t-termini tas-servizzi pprovduti minn RB għandhom ikunu l-istess, irrispettivament minn jekk il-klijent huwiex azzjonist jew le f'RB. Il-proprjetarji eżistenti ta' RB impenjaw ruħhom li joffru regolarment għall-bejgħ Parti mill-ishma tagħhom f'RB, bil-għan li jagħmluha faċli għall-intrapriżi mhux finanzjarji biex jakkwistaw il-proprjetà f'RB. Tali stedinet għandhom isiru mill-inqas kull sentejn, sakemm mill-inqas terz tal-ishma totali f'RB ikunu nbiegħu lil partijiet oħrajn għajr l-azzjonisti attwali jew inkella jkunu ġew offruti għall-bejgħ f'offerta ta' ishma.

<sup>(25)</sup> L-ICA tuża t-terminu "kumpaniji operattivi" għall-ishma tal-banek f'negozji normalment mhux finanzjarji li jkunu kisbu l-banek fir-rigward tar-ristrutturar tal-portafolli tas-self tagħhom permezz ta' bdil ta' dejn f'ekwità jew b'xi mod ieħor. Bl-istess mod, l-Awtorità tuża t-terminu "kumpanija operattiva" għal intrapriża f'ekonomija reali, li ma tkunx tappartjeni għan-negozju ewleni tal-bank fis-swieq finanzjarji.

l-proprjetà diretta u indiretta tal-banek <sup>(26)</sup> hija l-aktar problema mifruxa u perikoluża għall-kompetizzjoni wara l-kriżi finanzjarja, minħabba li din għandha effett kważi fuq kull kumpanija u industrija fl-Islanda. Fil-fehma tal-ICA, ristrutturar aktar malajr tal-kumpaniji għandu jtejjeb il-kompetizzjoni fis-suq finanzjarju. Meta l-involviment tal-banek fir-ristrutturar tal-klijenti korporattivi tagħhom kien soġġett għar-rekwiżiti tan-notifika taħt il-kontroll ta' għaqda nazzjonali, f'dan ir-rigward, l-ICA ta' spiss iffissat kundizzjonijiet li jirrigwardjaw il-proprjetà tal-banek. Madankollu, jidher li huwa diffiċli li tintlaħaq soluzzjoni komprensiva għall-problema, minħabba li din hija essenzjalment relatata mal-ingranaġġ għoli tas-settur kummerċjali Islandiż.

- (58) Fis-sottomissjoni tagħhom lill-Awtorità, it-tliet banek kummerċjali, jiġifieri Arion Bank, Íslandsbanki u Landsbankinn, kollha esprimew il-fehma li ma kien hemm ebda bidliet kbar fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq finanzjarju Islandiż sa mill-ħarifa tal-2008 li għandhom jikkawżaw tħassib. Is-suq kien iddominat minn kompetizzjoni effettiva, mingħajr ebda evidenza ta' mgħiba kollużiva min-naħa tal-akbar tliet parteċipanti. Meta eżaminat il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq, l-ICA injorat ċerti fatturi ewlenin, bħall-fatt li l-banek barranin għamlu żmien twil u għadhom sal-lum jikkompetu b'mod attiv mal-banek Islandiżi għall-provvista ta' servizzi finanzjarji lill-akbar klijenti, bħal intrapriżi f'attivitajiet ibbażati fuq l-espportazzjoni (is-sajd, l-industrija intensiva fl-użu tal-enerġija, eċċ.) kif ukoll f'attivitajiet muniċipali u tal-Istat.
- (59) Madankollu, din il-fehma tmur kontra l-fehma espressa fis-sottomissjoni tal-awtoritajiet Islandiżi, kif stabbilita fir-rapport imsemmi hawn fuq mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi għall-Althingi, kif ukoll kontra l-fehmiet tal-ICA. Barra minn hekk, kif se jiġi spjegat hawn taħt, minkejja ċerti riservi fir-rigward tal-analiżi tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni, Landsbankinn iddeċieda li jipprovdi ċerti impenji li huma mmirati biex jillimitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni marbuta mal-miżuri ta' għajjnuna kkonċernati. Dawk l-impenji huma rrapportati fl-Anness.

### 3. ID-DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

#### 3.1. Il-benefiċjarju

- (60) Kif ġie deskritt aktar 'il fuq, Landsbanki kkollassa fl-2008, l-istess kif għalhom iż-żewġ banek kummerċjali Islandiżi kbar l-oħrajn, Glitnir u Kaupthing. Bil-għan li jassiguraw l-operat kontinwu tas-settur bankarju domestiku, l-awtoritajiet Islandiżi ħadu ċerti miżuri, filwaqt li, bil-għan li jirrestawraw ċerti operazzjonijiet ta' Landsbanki (l-antik), huma stabbilixxew u kkapitalizzaw lil New Landsbanki (li issa ngħata l-isem ta' Landsbankinn), kif deskritt f'aktar dettall hawn taħt.

##### 3.1.1. Landsbanki

- (61) Qabel il-kriżi finanzjarja tal-2008, Landsbanki kien it-tieni l-akbar bank fl-Islanda. Fl-aħħar tat-tieni kwart tal-2008, il-karta tal-bilanċ tiegħu kienet tammonta għal 3 970 biljun ISK, filwaqt li, matul l-ewwel nofs ta' dik is-sena, huwa għamel profitt qabel it-taxxa ta' 31 biljun ISK. L-istrateġija tan-negozju ppubblikata <sup>(27)</sup> mill-bank kienet tgħid li l-bank għandu jiġi ttrasformat minn bank kummerċjali lokali, li jopera esklussivament fl-Islanda, "f'wieħed li jopera servizzi bankarji korporattivi u ta' investment profittabbli ħafna lejn il-Lvant mill-Islanda madwar l-Ewropa u lejn il-Punent tul l-Atlantiku". Fis-sena 2000, Landsbanki beda jopera l-attivitajiet tiegħu barra

<sup>(26)</sup> F'dan il-kuntest, l-Awtorità tifhem li proprjetà indiretta tirreferi għall-influenza u l-kontroll possibbli tal-banek fuq il-kumpaniji minħabba d-dejn għoli tagħhom dovut lill-bank.

<sup>(27)</sup> Rapport Annwali 2007, paġna 10. Disponibbli fuq: [http://www.lbi.is/library/Opin-gogn/pdf/landsbanki\\_annual\\_report\\_2007.pdf?bcsi\\_scan\\_A7E1E556D7B2F94D=aB9LkrKRu+y0xx3fim/JyUDnRB0bAAAAANp6SAg==&bcsi\\_scan\\_filename=landsbanki\\_annual\\_report\\_2007.pdf](http://www.lbi.is/library/Opin-gogn/pdf/landsbanki_annual_report_2007.pdf?bcsi_scan_A7E1E556D7B2F94D=aB9LkrKRu+y0xx3fim/JyUDnRB0bAAAAANp6SAg==&bcsi_scan_filename=landsbanki_annual_report_2007.pdf)

l-pajjiż billi kiseb 'holding' ta' 70 % fil-Heritable Bank f'Londra u, matul is-snin ta' wara, il-bank kiber b'mod sostanzjali kemm permezz ta' akkwizzizzjonijiet kif ukoll permezz tat-twaqqif ta' fergħat barranin. Qabel il-kollass tiegħu, il-bank kellu seba' sussidjarji ewlenin fir-Renju Unit, fl-Irlanda, fil-Lussemburgu, fi Franza/fil-Ġermanja u fl-Islanda stess. Huwa kellu wkoll fergħat oħrajn fir-Renju Unit (li min-naħa tagħhom kellhom uffiċini fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Ġermanja u fl-Istati Uniti), fil-Kanada, fin-Norveġja u fil-Finlandja, kif ukoll uffiċju tal-bejgħ f'Hong Kong.

### 3.1.2. Landsbankinn

- (62) Is-suċċessur ta' Landsbanki, jiġifieri Landsbankinn, huwa bank universali li joffri sett komprensiv ta' servizzi finanzjarji lil individwi, familji, korporazzjonijiet u investituri professjonali fl-Islanda. Landsbankinn huwa l-akbar bank fl-Islanda. Fl-aħħar tal-2011, l-assi totali kienu jammontaw għal ISK 1 135 biljun u l-bank għandu 1142 impjegat. Skont il-pjan tar-ristrutturar, Landsbankinn huwa primarjament attiv fl-oqsma li ġejjin:

#### 3.1.2.1. Servizzi bankarji bl-imnut

- (63) Id-diviżjoni tas-Servizzi Bankarji bl-Imnut tittratta s-servizzi ġenerali kollha pprovduti lill-individwi u lill-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju. B'520 impjegat, li 410 minnhom jaħdmu barra mid-diversi fergħat, din hija l-akbar diviżjoni tal-Bank. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Islandiżi, Landsbankinn għandu sehem mis-suq ta' [ $> 25$ ] % fis-settur tas-servizzi bl-imnut.

#### 3.1.2.2. Servizzi bankarji korporattivi

- (64) Id-diviżjoni tas-Servizzi Bankarji Korporattivi tittratta l-kumpaniji kbar u l-muniċipalitajiet, kif ukoll proġetti ta' finanzjament akbar. Dawn it-tliet dipartimenti fi ħdan id-diviżjoni tas-Servizzi Bankarji Korporattivi jitttrattaw is-self: L-Industrija, il-Kummerċ u s-Servizzi, Is-Sajd u l-Frott tal-Baħar u Il-Kostruzzjoni u l-Ġestjoni tal-Kreditu Ġenerali. Id-diviżjoni għandha 40 impjegat. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Islandiżi, Landsbankinn għandu sehem mis-suq ta' [ $> 30$ ] % f'dan is-segment tas-suq.

#### 3.1.2.3. Is-Swieq, it-Teżor u l-Ġestjoni tal-Assi

- (65) It-Teżor huwa responsabbli mil-likwidità u l-finanzjament tal-Bank, mill-ġestjoni tar-riskji tas-suq, mill-ġenerazzjoni tas-suq fis-suq tal-kambju barrani ("FX"), fis-suq tal-flus u t-titoli elenkati. Id-diviżjoni tas-Swieq tittratta l-bejgħ tal-FX u s-senserija tat-titoli f'bonds, ekwitajiet u derivattivi lill-klijenti professjonali.
- (66) Il-ġestjoni tal-assi tikkonsisti minn tliet dipartimenti sekondarji, jiġifieri l-ġestjoni tal-assi ta' partijiet terzi, is-settur bankarju privat u s-servizzi ta' konsulenza finanzjarja.


### 3.2. Tqabbil bejn il-bank l-antik u l-bank il-ġdid

- (67) L-awtoritajiet Islandiżi ppreżentaw ħarsa ġenerali lejn il-bidliet fundamentali li sehew diġà u li l-Awtorità tqis li huma rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni attwali tagħha.

- (68) Kif imsemmi aktar 'il fuq, l-istrateġija tan-negozju ta' Landsbanki kienet tinvolvi l-espansjoni tan-negozju tiegħu fuq Livell Internazzjonali u, mill-2004, il-mira ewlenija tal-bank kienet li huwa jikber fis-swieq internazzjonali tas-servizzi bankarji korporattivi u ta' investiment li jiffokaw fuq is-servizzi pprovduti lill-intrapriżi korporattivi żgħar u ta' daqs medju. Fl-2005 nfetħet fergħa f'Londra, li għall-ewwel kienet tiffoka fuq il-finanzjament tal-ingranaġġ u s-self ibbażat fuq l-assi. Il-fergħat l-oħrajn li nfetħu aktar tard fil-Kanada, fil-Finlandja u fin-Norveġja, kif ukoll l-uffiċċju tal-bejgħ li nfetħa f'Hong Kong, għall-ewwel kienu jiffokaw fuq is-self ibbażat fuq l-assi u l-finanzjament tal-kummerċ. L-għan ta' din l-istrateġija <sup>(28)</sup> kien li tiddiversifika l-portafoll tas-self madwar il-pajjiżi u s-setturi. Minħabba din l-istrateġija, is-self lill-kumpaniji mhux Islandiżi kien jammonta għal sehem akbar minn qatt qabel mill-operazzjonijiet tal-bank. F'Settembru 2008, kważi nofs l-2644 ruħ impjegati minn Landsbanki u mis-sussidjarji tiegħu kienu bbażati barra mill-Islanda.

Grafika 1:


#### Id-distribuzzjoni tal-assi skont ir-reġjun — L-ewwel kwart u t-tieni kwart tal-2008



- (69) Meta ġew eżaminati ġeografikament, 54 % tal-assi totali (minn ISK 3 970 biljun għall-ewwel kwart u t-tieni kwart tal-2008), kif muri fil-grafika ta' fuq, kienu jinsabu barra mill-Islanda. Barra minn hekk, 41 % tad-dħul fl-ewwel nofs tal-2008 oriġina fl-Islanda, 34 % fir-Renju Unit u fl-Irlanda, 6 % fil-Lussemburgu u 15 % f'żoni oħrajn.
- (70) Il-grafika ta' taħt turi li, għall-ewwel nofs tal-2008 (l-aħħar numri disponibbli għall-bank), l-akbar parti mill-profit f'qabel it-taxxa ta' Landsbanki, jiġifieri ISK 31 biljun, kienet ġejja mis-servizzi bankarji korporattivi u mis-servizzi bankarji ta' investiment. Fis-snin ta' wara l-privatizzazzjoni tal-bank (fl-2002), is-sehem tas-servizzi bankarji bl-imnut tal-profit f'qabel it-taxxa kien qiegħed jonqos b'rata stabbli.

Grafika 2:

#### Id-distribuzzjoni tal-profitti skont is-segment tan-negozju — L-ewwel kwart u t-tieni kwart tal-2008



<sup>(28)</sup> Rapport annwali 2007, p. 61.

- (71) Il-bank il-ġdid, Landsbankinn, jiffoka biss fuq attivitajiet fl-Islanda. Dan mhuwiex bank orjentat fuq Livell Internazzjonali bħall-predeċessur tiegħu u, kuntrarju għal Landsbanki, li bbaża t-tkabbir tiegħu fuq taħlita varjata ta' finanzjament u ddependa ħafna fuq bonds mhux garantiti mibjugħa madwar id-dinja, huwa jiddependi primarjament fuq id-depożiti bħala bażi ta' finanzjament. Dan jillimita l-potenzjal ta' Landsbankinn li jkompli jikber.
- (72) Barra minn hekk, il-qasma bejn l-assi domestiċi u barranin kienet tfisser tnaqqis sinjifikanti fid-daqs tal-karta tal-bilanċ ta' Landsbankinn meta mqabbel ma' Landsbanki:

Tabella 1:

**Il-karta tal-bilanċ ta' Landsbanki (LBI) u Landsbankinn**

Il-karta tal-bilanċ ta' LBI u l-paragun ta' Landsbankinn (m. ISK)	30.6.2008	9.10.2008
Self u ħlasijiet bil-quddiem lill-klijenti	2 571 470	655 725
Self u ħlasijiet bil-quddiem lill-istituzzjonijiet finanzjarji	337 003	5 291

- (73) Kif muri hawn fuq permezz ta' referenza għall-aktar żewġ entrati sinjifikanti fuq in-naħa tal-assi, il-karta tal-bilanċ tal-ftuħ ta' Landsbankinn kienet biss madwar 25 % tal-karta tal-bilanċ ta' Landsbanki għat-30 ta' Ġunju 2008. Fl-aħħar tal-2011, l-assi totali ta' Landsbankinn kienu jammontaw għal ISK 1 135 biljun.
- (74) F'termini ta' impjegati, kien hemm tnaqqis ta' aktar minn 55 % (minn 2 644 għal 1 142).

**3.3. Il-bażi legali nazzjonali għall-miżura ta' għajjnuna**

— Att Nru 125/2008 dwar l-Awtorità għall-Ħlasijiet mit-Teżor dovuti għal Ċirkostanzi Mhux tas-Soltu tas-Suq Finanzjarju eċċ., magħruf aħjar bħala l-Att ta' Emerġenza

- (75) L-Att ta' Emerġenza ta lill-FME l-awtorità li tintervjeni "f'ċirkostanzi estremi" u tassumi s-setgħat tal-laqqgħat tal-bord u tal-laqqgħat tal-azzjonisti tal-istituzzjonijiet finanzjarji, kif ukoll li tiddeċiedi dwar it-trasferiment tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tagħhom. L-FME ngħatat ukoll is-setgħa li taħtar kumitati ta' riżoluzzjoni għall-intrapriżi finanzjarji li ħadet kontroll tagħhom, li kellhom is-setgħat tal-laqqgħat tal-azzjonisti. Fil-proċess tal-likwidazzjoni tal-istituzzjonijiet, l-Att jagħti status ta' prijorità lit-talbiet li jsiru mid-detenturi tad-depożiti u lill-iskemi ta' garanzija tad-depożiti. L-Att awtorizza wkoll lill-Ministeru Islandiż tal-Finanzi sabiex jistabbilixxi banek ġodda. L-Att ta' Emerġenza jinkludi emendi tal-Att dwar l-Intrapriżi Finanzjarji, Nru 161/2002, l-Att dwar is-Sorveljanza Uffiċjali tal-Attivitajiet Finanzjarji, Nru 87/1998, l-Att dwar il-Garanziji tad-Depożiti u l-Iskema ta' Kumpens għall-Investituri, Nru 98/1999 u l-Att dwar l-Affarijiet tad-Djar, Nru 44/1998.

— L-Att Supplimentari dwar il-Baġit tal-Istat għall-2008 (Artikolu 4)

— L-Att dwar il-Baġit tal-Istat għall-2009 (Artikolu 6)

**3.4. Il-miżuri ta' għajjnuna**

- (76) L-intervent tal-awtoritajiet Islandiżi wara l-falliment ta' Landsbanki ġie deskritt hawn fuq u kien stipulat faktar dettall fid-deċiżjoni tal-ftuħ. Is-sustanza tal-interventi tista' tinġabar fil-qosor kif ġej:

- (77) L-FME ħadet kontroll ta' Landsbanki fis-7 ta' Ottubru 2008 u l-obbligazzjonijiet domestiċi u (ħafna mill-)assi domestiċi ġew ittrasferiti lil New Landsbanki fid-9 ta' Ottubru 2008. Il-beni tal-bank l-antik u l-kredituri tiegħu kellhom jiġu kkompensati għal dan it-trasferiment billi jirċievu s-somma tad-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet. Madankollu, id-determinazzjoni ta' din id-differenza wriet li kienet diffiċli u tiegħu ż-żmien, filwaqt li l-Istat ipprova xi kapital inizjali, kif ukoll impenn li jikkontribwixxi aktar kapital jekk ikun hemm bżonn. Fil-15 ta' Diċembru 2009 intlaħaq ftehim bejn l-Istat u l-kredituri tal-bank l-antik, li permezz tiegħu l-Istat akkwista sehem ta' 81,33 % fil-bank (permezz tal-injezzjoni ta' ISK 121,225 biljun), filwaqt li l-kredituri ta' Landsbanki sottomskriwew għal 18,67 % tal-ishma l-ġodda. Il-kumpens tal-kredituri għall-assi ttrasferiti jiddependi primarjament, skont il-ftehim bejn l-Istat u l-kredituri, fuq bond kontinġenti, li huwa deskritt f'aktar dettall hawn isfel. L-Awtorità hija tal-fehma li d-data li fiha ntlaħaq il-ftehim — jiġifieri l-15 ta' Diċembru 2009 — timmarka l-bidu tal-perjodu ta' ristrutturar mifruq fuq ħames snin, li konsegwentement għandu jidm sal-15 ta' Diċembru 2014.
- (78) It-taqsimha li ġejja hija limitata għad-deskrizzjoni ta' dawk l-aspetti tal-intervent tal-Istat li jikkostitwixxu l-miżuri ta' għajjuna rilevanti għall-valutazzjoni skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE.

#### 3.4.1. Il-Kapital tal-Grad I

- (79) L-Istat ipprova kapital tal-Grad I darbtejn — darba meta nħoloq il-bank ġdid ta' Landsbanki (New Landsbanki) fl-2008 u darba oħra meta l-bank ġie kkapitalizzat b'mod sħiħ fl-2009, wara li ntlaħaq qbil mal-kredituri tal-bank l-antik.

##### 3.4.1.1. Il-kapital inizjali

- (80) L-Istat ipprova ISK 775 miljun <sup>(29)</sup> (EUR 5 miljun) fi flus kontanti bħala kapital inizjali lill-bank il-ġdid. Barra minn hekk, huwa ħareġ impenn sabiex jikkontribwixxi sa ISK 200 biljun lill-bank il-ġdid inkambju għall-ekwità kollha tiegħu. Din iċ-ċifra ġiet ikkalkolata bħala 10 % ta' valutazzjoni inizjali tad-daqs probabbli tal-bilanċ tal-assi tal-bank bil-piż differenzjat skont ir-riskju u kienet inkluża b'mod formali fil-baġit tal-Istat għas-sena 2009 bħala allokkazzjoni tal-fondi tal-gvern sabiex jiġu indirizzati ċ-ċirkostanzi straordinarji fis-swieq finanzjarji. Din l-allokkazzjoni tal-kapital kienet intiża sabiex tipprova garanzija adegwata tal-operabbiltà tal-bank sakemm ikunu jistgħu jiġu riżolti l-kwistjonijiet relatati mar-rikapitalizzazzjoni finali tiegħu, inkluż id-daqs tal-bilanċ tal-ftuħ tiegħu bbażat fuq l-istima tal-kumpens pagabbli lill-bank l-antik għall-assi ttrasferiti minnu.

##### 3.4.1.2. Il-kapitalizzazzjoni finali ta' Landsbankinn

- (81) Fl-20 ta' Lulju 2009, il-Gvern Islandiż ħabbar li huwa kien stabbilixxa l-bażi għall-kapitalizzazzjoni ta' Landsbankinn u li kien laħaq ftehim dwar proċess fuq kif għandhom jiġu kkompensati l-banek l-antiki għat-trasferiment tal-assi netti. Huwa ħabbar ukoll li l-Istat se jikkapitalizza lill-bank il-ġdid. Il-ftehim finali dwar il-kapitalizzazzjoni ntlaħaq fil-15 ta' Diċembru 2009 (eventwalment għas-somma totali ta' ISK 150 biljun, li minnhom l-Istat ipprova ISK 121.225 biljun) meta ntlaħaq ftehim fuq il-kumpens li għandu jingħata lill-kredituri għall-valur nett tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ittrasferiti lil Landsbankinn. Kif ġie deskritt aktar 'il fuq, ir-rekwiżiti kapitali imposti mill-FME stipulaw li Landsbankinn għandu jżomm mill-inqas 12 % tal-Kapital Ewlieni tal-Grad I <sup>(30)</sup> u 4 % addizzjonali mill-Kapital tal-Grad 2 bħala proporzjon tal-assi bil-piż differenzjat skont ir-riskju. Meta Landsbankinn kien kapitalizzat b'mod formali fl-20 ta' Jannar 2010, il-proporzjon tal-Kapital Ewlieni tal-Grad 1 tal-bank kien ta' madwar 15 %. L-FME tat eżenzjoni temporanja mir-rekwiżit (globali) ta' 16 % kundizzjonali fuq is-sottomissjoni ta' pjan aċċettabbli li juri kif se jinkiseb l-ammont sħiħ. F'Ġunju 2010, il-bank irrapporta li l-Kapital Ewlieni tal-Grad 1 tagħha qabeż is-16 % u, fuq dik il-bażi, l-FME eżenta b'mod permanenti lil Landsbankinn mir-rekwiżit li jżomm il-kapital tal-Grad 2 sakemm il-proporzjon tal-Kapital Ewlieni tal-Grad 1 tiegħu jibqa' 'l fuq minn 16 %.

<sup>(29)</sup> Iċ-ċifri monetarji jissemmew f'din it-taqsimha l-ewwel fil-munita li fiha ġie pprovdut il-kapital, segwiti minn referenza fil-parentesi għall-ammont korrispondenti f'ISK jew EUR (skont kif ikun xieraq), fejn ikun ġie pprovdut mill-awtoritajiet Islandiżi.

<sup>(30)</sup> Id-definizzjoni tal-kapital Ewlieni tal-Grad 1 tinkludi biss l-ekwità, jiġifieri l-kapital azzjonarju u l-qligħ miżmum, iżda ma tinkludix self subordinat jew tipi oħrajn ta' strumenti kapitali ibridi.



- (82) Dan il-ftehim intlaħaq wara proċess ta' negozjati fit-tul u kumpless li rriżulta fi ftehim qafas fost il-partijiet f'titoli tat-termini nhar l-10 ta' Ottubru 2009 u f'settijiet aktar dettaljati ta' dokumenti dwar il-kondizzjonijiet (term sheets) fir-rigward tal-istrumenti tad-dejn fl-20 ta' Novembru 2009. Saru wkoll għadd ta' laqgħat u diskussjonijiet sussegwenti bejn il-partijiet, li matulhom il-kondizzjonijiet deskritti ġew immodifikati u riflessi fid-dokumentazzjoni. Il-ftehim li rriżulta jikkompreni l-ħruġ ta' tliet bonds denominati fl-ewro, fil-Lira Sterlina u fid-Dollaru Amerikan, rispettivament, li għandhom ammont prinċipali totali ekwivalenti għal ISK 260 biljun u jinvolvi wkoll lil Landsbanki (jew lill-kredituri tal-bank l-antik) bi proprjetà (potenzjalment temporanja) ta' 18.67 % mill-ishma f'Landsbankinn <sup>(31)</sup>.
- (83) Barra minn hekk, minħabba l-inċertezza konsiderevoli dwar il-valur tal-assi ttrasferiti, Landsbankinn qabel li jhorròg bond kontinġenti lil Landsbanki (marbut mal-parteċipazzjoni azzjonarja tiegħu), li l-ammont prinċipali tiegħu mhuwiex se jiġi stabbilit sa jew wara l-31 ta' Marzu 2013. Wara li jiġi stabbilit l-ammont prinċipali tal-bond kontinġenti, l-ishma kollha jew Parti mill-ishma miżmuma minn Landsbanki jistgħu jiġu ttrasferiti lill-gvern Islandiż. <sup>(32)</sup>

#### 3.4.2. Il-garanzija tad-depożiti

- (84) Sabiex tikkonforma mad-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur <sup>(33)</sup> u 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti <sup>(34)</sup>, l-Islanda adottat l-Att Nru 98/1999 dwar il-garanziji tad-depożiti u l-iskema ta' kumpens għall-investituri u b'hekk waqqfet l-hekk imsejjaħ Fond ta' Garanzija għall-Investituri u għad-Depożituri ("TIF"). Il-fond kien iffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet annwali mill-banek, ikkalkolati fir-rigward tad-depożiti totali ta' dak il-bank.
- (85) Minbarra l-miżuri għas-salvataġġ tal-banek adottati mill-Gvern Islandiż fil-ħarifa tal-2008, l-awtoritajiet tal-Islanda kellhom il-ħsieb li jagħtu aktar assigurazzjoni u kumdità lill-pubbliku ġenerali dwar is-sigurtà tad-depożiti tagħhom meta tfaċċat il-kriżi. B'hekk, huma pprovdew sostenn addizzjonali mill-Istat għad-depożiti fil-banek tat-tfaddil u kummerċjali domestiċi barra mill-ambitu tal-Att Nru 98/1999 li jimplementa d-Direttiva 94/19/KE dwar il-garanziji tad-depożiti u d-Direttiva 97/9/KE dwar il-kumpens għall-investituri.
- (86) Avviż mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru tas-6 ta' Ottubru 2008 ddikjara li "Il-Gvern tal-Islanda jenfasizza li d-depożiti fil-banek tat-tfaddil u kummerċjali domestiċi u fil-fergħat tagħhom fl-Islanda se jiġu koperti kompletament" <sup>(35)</sup>. Dan l-avviż reġa' ġie ripetut mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru attwali fi Frar u f'Diċembru 2009 <sup>(36)</sup>. Barra minn hekk, saret ukoll referenza għalih fittra ta' intenzjoni mibgħuta mill-Gvern Islandiż lill-Fond Monetarju Internazzjonali (u ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u tal-FMI) fis-7 ta' April 2010 (tali referenza ġiet ripetuta fittra ta' intenzjoni oħra datata t-13 ta' Settembru 2010). L-ittra (li ġiet iffirmata mill-Prim

<sup>(31)</sup> Fil-15 ta' Ġunju 2012, Landsbankinn ħabbar li huwa se jibda jħallas lura (partijiet minn) dawk il-bonds lil Landsbanki aktar kmieni milli mistenni. Ara <http://www.landsbankinn.com/news-and-notifications/2012/06/15/Landsbankinn-starts-to-repay-bond-before-schedule/>.

<sup>(32)</sup> Il-bond kontinġenti huwa marbut mal-istima u l-prestazzjoni ta' ċerti assi ta' referenza. Sakemm il-valuri ta' dawn l-assi jkunu ogħla, fil-31 ta' Diċembru 2012, minn kemm kien stmat meta ġie konkluż il-ftehim, il-bond kontinġenti huwa intiż biex jikkumpensa lill-bank l-antik għal din id-differenza. Jekk id-differenza bejn l-istima f'dawn iż-żewġ dati tkun zero jew ammont negattiv, il-bilanċ prinċipali ġdid jitqies bħala zero u l-bond kontinġenti jiġi kkanċellat. Madankollu, jekk il-valur ikun pożittiv, il-bond kontinġenti jinħareġ f'dan il-valur u Landsbanki jċedi l-ishma tiegħu lil Landsbankinn, jew inkella parti mill-ishma tiegħu sakemm il-valur pożittiv ikun inqas mill-valur tal-ishma.

<sup>(33)</sup> ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22.

<sup>(34)</sup> ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5.

<sup>(35)</sup> It-traduzzjoni tal-avviż bl-Ingliż hija disponibbli fuq: <http://eng.forsaesiraduneyti.is/news-and-articles/nr/3033>.

<sup>(36)</sup> <http://www.efnahagsraduneyti.is/frettir/frettatilkynningar/nr/2842>

<http://www.efnahagsraduneyti.is/frettir/frettatilkynningar/nr/3001>. Il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi rrefera wkoll għaliha riċentament f'intervista ma' Viðskiptablaðið fit-2 ta' Diċembru 2010, paġna 8: "[The declaration] will be withdrawn in due course. We do not intend to maintain unlimited guarantee of deposits indefinitely. The question when it will be withdrawn depends, however, on when an alternative and effective deposit system will come into force and a financial system which will have fully resolved its issues" (it-traduzzjoni tal-Awtorità).

Ministru Islandiż, mill-Ministru tal-Finanzi, mill-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi u mill-Gvernatur tas-CBI) tgħid li “Bħalissa, aħna għadna impenjati li nipproteġu lid-depożituri b’mod sħiħ, iżda qegħdin nipplanaw li, meta l-istabbiltà finanzjarja tiġi garantita, aħna nkunu f’pożizzjoni li nneħħu din il-garanzija ġenerali b’mod gradwali” <sup>(37)</sup>. Barra minn hekk, fit-taqsimha tal-abbozz ta’ liġi għall-Att dwar il-Baġit tal-2011 dwar il-garanziji tal-Istat, issir referenza f’nota f’qiegħ il-paġna għad-dikjarazzjoni tal-gvern Islandiż li d-depożiti fil-banek Islandiżi jgawdu minn garanzija tal-Istat <sup>(38)</sup>.

- (87) Dikjarazzjoni riċenti ta’ Steingrímur Sigfússon, il-Ministru attwali tal-Affarijiet Ekonomiċi u eks-Ministru tal-Finanzi bejn l-2009 u l-2011, waqt dibattitu fil-Parlament Islandiż dwar l-ispiża tal-gvern relatata mat-teħid ta’ SpKef fil-kontroll ta’ Landsbankinn, tkompli tispjega dak li ntqal hawn fuq: Skont il-Ministru, fir-rigward ta’ din il-kwistjoni, wieħed għandu jżomm f’moħħu d-dikjarazzjoni li saret mill-Istat fil-ħarifa tal-2012 li d-depożiti kollha fil-banek tat-tfaddil u fil-banek kummerċjali sejrjn ikunu siguri u protetti. “Minn dakinhar, fil-każijiet kollha, il-ħidma kienet ibbażata fuq din (jiġifieri d-dikjarazzjoni) u sfortunatament huwa minnu li l-ħlasijiet dovuti lil SpKef huma fost l-akbar kontijiet imħallsin direttament mill-Istat bħala spejjeż sabiex jiggarrantixxu d-depożiti tal-abitanti kollha ta’ Suðurnes ... u tal-klijenti kollha ta’ SpKef fil-Fjords tal-Punent u fiż-żona tal-Punent u tal-Majjistral ... Jien ma nistenniex li jkun hemm xi ħadd li jaħseb li d-detenturi tad-depożiti f’dawk iż-żoni għandhom jiġu ttrattati b’mod differenti minn abitanti oħrajn, għalhekk, l-Istat ma kellux wisq għażla f’din il-kwistjoni” <sup>(39)</sup>.
- (88) Skont il-gvern Islandiż, il-garanzija tad-depożiti addizzjonali sejra titneħħa qabel jiġu aboliti għalkollox il-kontrolli kapitali, li skont l-awtoritajiet Islandiżi hija prevista għall-aħħar tal-2013.

#### 3.4.3. *Is-salvataġġ u t-trasferiment tal-operazzjonijiet minn Spkef għal Landsbankinn*

- (89) F’Marzu 2009, il-pożizzjoni tal-kapital ta’ Keflavik Savings Bank sabet ruħha taħt il-minimu statutorju meħtieġ. Skont l-awtoritajiet Islandiżi, dan kien ikkawżat parzjalment mir-riperkussjonijiet tat-taqlib finanzjarju li ġie deskritt aktar ‘il fuq, kif ukoll mill-impatt partikolarment b’saħħtu tal-kriżi ekonomika fuq ir-reġjuni li fihom kien attiv il-bank.
- (90) Dan il-bank offra kontijiet ta’ tfaddil u self lill-klijenti konsumaturi u lill-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju. Huwa offra wkoll servizzi ta’ ġestjoni tal-assi u senserija tat-titoli minbarra servizzi finanzjarji tradizzjonali bħal servizzi ta’ ħlasijiet, servizzi ta’ kollezzjoni, servizzi bankarji għall-assoċjazzjonijiet tad-djar, servizzi bankarji primjum, servizzi bankarji online u servizzi tal-ATM. Il-kwartieri ġenerali ta’ dan il-bank kienu jinsabu f’Keflavik u kien jopera sittax-il fergħa fiż-Żona ta’ Suðurnes, fil-Fjords tal-Punent, fi Hvammstangi u f’Ólafsvik. Il-bank kellu sehem mis-suq ta’ madwar 3 % imkejje l-fdepożiti totali fl-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Islanda.
- (91) Wara li l-proporzjon tas-CAD niżel taħt il-minimu meħtieġ, l-FME tat perjodi ta’ estensjoni ripetuti għall-bank sabiex ikun jista’ jerġa’ jorganizza l-finanzi tiegħu b’kollaborazzjoni mal-kredituri tiegħu u jgħib il-bażi tal-kapital tiegħu għall-minimu ta’ 16 %. L-iskadenza finali għaż-żieda tal-bażi tal-kapital ta’ Keflavik Savings Bank għalqet fil-21 ta’ April 2010. F’ittra datata t-22 ta’ April 2010, Keflavik Savings Bank għarraf lill-FME li wħud mill-kredituri tal-bank tat-tfaddil ma laqgħux il-proposti dwar ir-riorganizzazzjoni finanzjarja u, minħabba s-sitwazzjoni tal-bank f’dak iż-żmien, l-FME ntalbet tiegħu kontroll tal-operazzjonijiet tal-bank.

<sup>(37)</sup> Il-paragrafu rilevanti jista’ jinstab fit-taqsimha 16 (paġna 6) tal-ittra: [http://www.efnahagsraduneyti.is/media/Acrobat/Letter\\_of\\_Intent\\_2nd\\_review\\_-\\_o.pdf](http://www.efnahagsraduneyti.is/media/Acrobat/Letter_of_Intent_2nd_review_-_o.pdf)

<sup>(38)</sup> [http://hamar.stjr.is/Fjarlagavefur-Hluti-II/GreinargerdirogRaedur/Fjarlagafurvarp/2011/Seinni\\_hluti/Kafla\\_8.htm](http://hamar.stjr.is/Fjarlagavefur-Hluti-II/GreinargerdirogRaedur/Fjarlagafurvarp/2011/Seinni_hluti/Kafla_8.htm) [Mbl 10.6.2012].

<sup>(39)</sup> Traduzzjoni mhux uffiċjali mill-Awtoritá ta’ stqarrija li għet irrapportata f’Morgunblaðið ([www.mbl.is](http://www.mbl.is)) fl-10 ta’ Ġunju 2012.

- (92) Il-ġurnata ta' wara, il-Ministru tal-Finanzi stabbilixxa intrapriża finanzjarja ġdida, bl-isem ta' Spkef, li ħadet kontroll tal-operazzjonijiet ta' Keflavik Savings Bank skont Deċiżjoni meħuda mill-FME. Id-depożiti, parti minn obbligazzjonijiet oħrajn u l-biċċa l-kbira tal-assi tal-bank tat-tfaddil ġew ittrasferiti lill-intrapriża l-ġdida, li min-naħa tagħha bdiet l-operazzjonijiet minnufih.
- (93) Għall-ewwel, skont l-awtoritajiet Islandiżi, kien maħsub li l-vijabbiltà ta' Spkef terġa' tinkiseb permezz ta' injezzjoni tal-kapital u fuq bażi awtonoma. Madankollu, fi Frar 2011, u wara d-deterjorazzjoni ulterjuri tal-kundizzjonijiet ekonomiċi fl-oqsma li fihom kien attiv Spkef, il-maniġment u l-bord ta' Spkef stmaw li d-differenza finanzjarja fil-valuri rispettivi tad-depożiti u l-assi hija ta' ISK 11,2 biljun, li kien ifisser li kien hemm bżonn ISK 19,4 biljun sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-proporzjon CAD tal-FME. Skont l-awtoritajiet Islandiżi, din l-istima kienet ferm aġġar milli indikaw il-valutazzjonijiet preċedenti u, għalhekk, ġew ikkunsidrati mezzi inqas għaljin sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni.
- (94) Fil-5 ta' Marzu 2011 intlaħaq ftehim bejn Landsbankinn u l-awtoritajiet Islandiżi, li permezz tiegħu l-operazzjonijiet, l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' Spkef jiġu amalgamati ma' Landsbankinn. Skont l-awtoritajiet Islandiżi, din kienet meqjusa bħala l-aqwa azzjoni sabiex jiġu mħarsal-istabbiltà finanzjarja u l-interessi tal-klijenti, tal-kredituri u tal-Istat Islandiż minħabba li l-proporzjon tal-adegwatezza kapitali ta' Landsbankinn kien sar biżżejjed sabiex jittieħed kontroll ta' Spkef mingħajr il-ħtieġa ta' kontribuzzjoni addizzjonali mill-Istat. L-awtoritajiet Islandiżi jostnu li t-tpaċija tal-pożizzjoni negattiva tal-assi (kontra l-impenni f'depożiti) ta' Spkef kienet, fi kwalunkwe każ, neċessarja, minħabba l-garanzija tad-depożiti. B'hekk, il-ftehim dwar it-trasferiment bejn Landsbankinn u l-Istat Islandiż involva impenn mill-Istat għat-tpaċija tal-pożizzjoni negattiva tal-assi ta' Spkef. Barra minn hekk, ġie inkluż mekkaniżmu speċjali li jiddetermina din id-differenza — u b'hekk l-ambitu tal-obbligu tal-Istat — li permezz tiegħu, fin-nuqqas ta' eżitu maqbul b'mod reċiproku tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni, it-tilwima titressaq quddiem kumitat tal-arbitraġġ.
- (95) Billi l-partijiet għall-ftehim ma setgħux jaqblu fuq id-differenza bejn l-obbligazzjonijiet u l-assi li ġew ittrasferiti, il-kumitat tal-arbitraġġ imsemmi qabel ġie inkarigat b'dan il-kompitu. Fit-8 ta' Ġunju 2012, dan il-kumitat ikkonkluda l-ħidma tiegħu u ddeċieda li l-kumpens dovut lil Landsbankinn wara t-trasferiment tad-depożiti u tal-assi ta' Spkef kellu jammonta għal ISK 19,2 biljun. <sup>(40)</sup> Skont l-awtoritajiet Islandiżi, is-saldu se jsir fil-forma ta' bonds tat-teżor.

#### 3.4.4. *Is-salvataġġ u l-akkwist ta' Sparisjodur Svarfdaela*

- (96) Fir-rigward ta' Sparisjodur Svarfdaela, l-avvenimenti li wasslu għal April 2011 u li jiddeskrivu d-diffikultajiet finanzjarji tiegħu u l-intervent mill-Istat Islandiż ġew stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Banek tat-Tfaddil imsemmija aktar 'il fuq. L-akkwist sussegwenti minn Landsbankinn ġie deskritt u approvat mill-Awtorità fid-Deċiżjoni dwar SpSv imsemmija qabel.
- (97) Il-gvern Islandiż ipprova għajnnuna mill-Istat lil SpSv billi ħareġ self subordinat f'April 2011, kif ukoll billi laqa' l-pretensjonijiet ta' CBI kontra SpSv. Dawn il-pretensjonijiet ġew ikkonvertiti sabiex jiggarantixxu l-kapital ittrasferit għall-Investimenti Finanzjarji tal-Istat Islandiż ("l-ISFI"). Dawn il-miżuri ta' salvataġġ tqiesu bħala li huma temporanjament kompatibbli mal-ftehim taż-ŻEE bbażat fuq id-Deċiżjonijiet tal-Banek tat-Tfaddil, soġġetti għas-sottomissjoni ta' pjan ta' ristrutturar għal SpSv. Billi Landsbankinn ħa kontroll tal-assi u l-operazzjonijiet kollha tal-SpSv, li jammontaw għal madwar 0,311 % tal-assi ta' Landsbankinn fl-istess data, l-Awtorità tikkunsidra l-pjan ta' ristrutturar ta' Landsbankinn bħala l-pjan ta' ristrutturar għall-entità amalgamata.

### 3.5. **Il-pjan ta' ristrutturar**

- (98) L-awtoritajiet Islandiżi sottomettew pjan ta' ristrutturar għal Landsbankinn fil-31 ta' Marzu 2011. Il-pjan ġie emendat, aġġornat u sottomess mill-ġdid mill-awtoritajiet Islandiżi fit-23 ta' Mejju 2012 (minn hawn 'il quddiem il-"pjan ta' ristrutturar").

<sup>(40)</sup> Ara <http://www.fjarmalaraduneyti.is/frettatilkynningar/nr/15527>.

- (99) Il-pjan ta' ristrutturatur jindirizza l-kwistjonijiet sostantivi tal-vijabbiltà, il-kondiviżjoni tal-piżijiet u l-limitazzjonijiet tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Skont il-pjan ta' ristrutturatur, Landsbankinn se jiffoka fuq in-negozju ewlieni tiegħu u fuq ir-ristrutturatur tal-portafolli tas-self korporattiv u domestiku.
- (100) Kif ġie indikat aktar 'il fuq, l-Awtorità tqis li l-perjodu ta' ristrutturatur se jidm sal-15 ta' Diċembru 2014.

### 3.5.1. *Id-deskrizzjoni tal-pjan ta' ristrutturatur*

- (101) L-awtoritajiet Islandiżi u l-Bank huma tal-fehma li r-ristrutturatur ta' Landsbankinn għandu jiżgura li huwa jerġa' lura għall-pożizzjoni ta' bank b'saħħtu u b'bażi tajba bi proporzjonijiet kapitali tajbin sabiex ikun jista' jżomm ir-rwol tiegħu bħala fornitur tal-kreditu għall-ekonomija reali. Abbażi tal-informazzjoni fil-pjan ta' ristrutturatur u t-tweġibiet bil-miktub għall-mistoqsijiet magħmula mill-Awtorità, dan se jinkiseb b'mod partikolari permezz ta':
- (i) Tnaqqis fl-ingranaġġ tal-karta tal-bilanċ permezz tal-likwidazzjoni tal-bank l-antik u t-twaqqif ta' bank ġdid;
  - (ii) It-twaqqif u ż-żamma ta' pożizzjoni ta' proporzjon kapitali b'saħħtu u karta tal-bilanċ b'saħħitha;
  - (iii) Il-kisba ta' profittabilità sodisfaċenti;
  - (iv) It-twaqqif u ż-żamma ta' pożizzjoni ta' likwidità b'saħħitha;
  - (v) L-iffinalizzar tar-ristrutturatur tal-portafoll tas-self, kemm għad-djar privati kif ukoll għan-negozji;
  - (vi) It-titjib tal-istrateġija ta' finanzjament;
  - (vii) It-titjib tal-kosteffiċjenza;
  - (viii) It-titjib tal-ġestjoni tar-riskji.
- (102) Qabel jiġu deskritti f'aktar dettall kull wiehied mill-punti msemmija hawn fuq, il-fehma tal-bank dwar kif in-nuqqasijiet li kkontribwew għall-falliment ta' Landsbanki qegħdin jiġu indirizzati fil-pjan ta' ristrutturatur hija preskritta fil-qosor hawn taħt. Il-bank isostni li għalkemm Landsbankinn huwa bbażat fuq l-operazzjonijiet domestiċi ta' Landsbanki, huwa bank differenti.
- (103) L-awtoritajiet Islandiżi jsostnu li n-nuqqasijiet li kkaratterizzaw lil Landsbanki qabel il-kollass tas-sistema bankarja huma diskussi fid-dettall fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Investigazzjoni Speċjali, deskritt aktar kmieni. Barra minn hekk, il-bank jenfasizza li, b'mod partikolari, il-ġestjoni ħażina tar-riskji, l-aptit eċċessiv għar-riskji, ir-relazzjoni mill-qrib mhux tas-soltu bejn il-proprjetarji u l-akbar mutwatarji, it-tkabbir eċċessiv fuq perjodu qasir wisq, in-nuqqas ta' esperjenza fis-swieq globali, ir-regoli inqas stretti tas-self, in-nuqqas ta' verifiki u kontrolli interni, kif ukoll kultura u strateġija korporattivi irregolari kienu fatturi li wasslu għall-kollass. Huwa jsostni wkoll li saru bidliet ewlenin fil-mudell kummerċjali tal-bank minn mindu Landsbankinn beda jopera fil-ħarifa tal-2008 u li l-fatturi msemmija hawn fuq servew bħala linja gwida għall-implimentazzjoni tat-tmexxija u l-istrateġija l-ġdida tal-Bank.
- (104) Minbarra lista twila ta' miżuri għar-riorganizzazzjoni tal-proċessi tal-ħidma interna u s-sostituzzjoni ta' membri ewlenin tal-persunal, l-aktar bidliet rilevanti jidhru li huma dawn li ġejjin: Enfasi akbar fuq l-operazzjonijiet domestiċi, b'mod partikolari fuq is-servizzi bankarji bl-immnut u n-netwerk tal-fergħat, tnaqqis qawwi fl-attivitajiet bankarji ta' investiment, enfasi fuq ir-ristrutturatur tal-portafoll tas-self, ġestjoni riveduta tar-riskji u importanza akbar tar-responsabbiltà korporattiva u l-konformità ma' standards etiċi għoljin.

(105) B'hekk, filwaqt li Landsbankinn, l-istess bħall-predeċessur tiegħu, jipprovi firxa wiesgħa ta' servizzi finanzjarji fis-suq Islandiż, id-differenza bejn is-servizzi bankarji ta' qabel il-kriżi u ta' wara l-kriżi għal Landsbankinn hija aktar viżibbli fil-"mod kif" jopera l-bank (il-proċessi, il-proċeduri, id-dokumentazzjoni, ir-regoli u r-regolamentazzjoni) aktar milli fil-firxa ta' prodotti u servizzi li joffri fl-Islanda.

(i) It-tnaqqis fl-ingranaġġ tal-karta tal-bilanċ permezz tal-likwidazzjoni tal-bank l-antik u t-twaqqif ta' bank ġdid;

(106) Kif issemma aktar 'il fuq, il-biċċa l-kbira tal-assi u l-obbligazzjonijiet domestiċi ta' Landsbanki ġew ittrasferiti lil Landsbankinn matul Ottubru tal-2008. Bħala riżultat ta' dan il-proċess, il-maġġoranza tad-dejn bl-ingrossa baqa' fil-proprietà ta' Landsbanki u, b'hekk, Landsbankinn qatt ma ġie ingranat bl-istess mod kif ġie ingranat Landsbanki. Skont il-pjan ta' ristrutturatur, dan ifisser li l-kwistjoni tat-tnaqqis fl-ingranaġġ tal-karta tal-bilanċ tal-bank issolviet essenzjalment f'Ottubru 2008.

(ii) It-twaqqif u ż-żamma ta' pożizzjoni ta' proporzjon kapitali b'saħħtu u ta' karta tal-bilanċ b'saħħitha

(107) Bħala riżultat tal-miżuri ta' kapitalizzazzjoni deskritti hawn fuq u fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew minn mindu twaqqaf il-bank, b'mod partikolari l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-assi (elaborati aktar hawn isfel), Landsbankinn kiseb proporzjonijiet tas-CAD ogħla sewwa mir-rekwiżiti kapitali tal-FME. Il-proporzjon tas-CAD żdied minn 13,0 % fl-aħħar tal-2008 għal 15,0 % fl-aħħar tal-2009, 19,5 % fl-aħħar tal-2010 u 21,4 % fl-aħħar tal-2011.

(108) Skont il-pjan ta' ristrutturatur, qiegħed jiġi mbassar li dan il-proporzjon se jkompli jiżdied matul il-perjodu tar-ristrutturatur, sabiex jilħaq [ $> 20$ ] % sal-aħħar tal-2014. B'hekk, Landsbankinn qiegħed jantiċipa li jibqa' ogħla sewwa mir-rekwiżiti kapitali tal-FME matul il-perjodu tar-ristrutturatur u wara [...].

(109) Matul dan il-perjodu, il-karta tal-bilanċ mistennija tiċkien bi ftit, minn madwar 1 ISK 135 biljun għal ISK [...] biljun. Fir-rigward tal-assi tal-karta tal-bilanċ, l-importanza tal-ekwitajiet u tal-istrumenti ta' ekwità se jra tonqos ħafna, preżumibbilment minħabba l-bejgħ intiż tal-kumpaniji operattivi. Bl-istess mod, l-ammont ta' self lill-istituzzjonijiet finanzjarji mistenni jonqos b'madwar [...] % sal-2014. Min-naħa l-oħra, skont il-pjan tar-ristrutturatur, is-self lill-klijenti għandu jiżdied b'bejn wieħed u ieħor [...] % għal madwar ISK [...] biljun.

(110) Fir-rigward tal-obbligazzjonijiet, l-importanza tad-depożiti se jra tiżdied (minn madwar ISK 444 biljun fil-preżent għal ISK [...] biljun, filwaqt li s-sehem tal-obbligazzjonijiet u l-bonds garantiti dovuti lill-istituzzjonijiet finanzjarji u lis-CBI mistenni jonqos ħafna.

(iii) Il-kisba ta' profittabbiltà sodisfaċenti

(111) Skont il-pjan tar-ristrutturatur, u kif muri hawn taħt fit-Tabella 2, ir-redditu azzjonarju ta' Landsbankinn ilu b'saħħtu mill-2009.

Tabella 2:

**ROE preċedenti**

	(%)		
	2009	2010	2011
Redditi Azzjonarju (ROE) (*)	9,5	15,9	8,8

(\*) Meta ssir referenza għal "Redditi Azzjonarju/ROE" nifhmu b'ROE wara t-taxxi.

Barra minn hekk, il-pjan tar-ristrutturar jipprevedi l-ROE li ġej għall-bqija tal-perjodu tar-ristrutturar (Tabella 3).

Tabella 3:

**Previżjoni ta' ROE**

	2012	2013	2014
Redditi Azzjonarju (ROE)	[5-15]	[5-15]	[5-15]

(112) Din il-previżjoni hija r-riżultat ta' ppjanar finanzjarju aktar dettaljat involut fil-pjan ta' ristrutturar:

- Id-dħul operattiv se jiżdied minn madwar ISK 30 biljun għal ISK [...] biljun, filwaqt li l-profitti sejrin jibqgħu relattivament stabbli, billi jvarjaw madwar ISK [...] biljun fis-sena;
- Id-dħul mill-imgħax nett se jvarja bejn ISK [...] u [...] biljun;
- Id-dħul mill-miżati u l-kummissjonijiet mistenni jiżdied b'madwar [...] %, minn kważi ISK 4 biljun għal ISK [...] biljun;
- Il-marġini tal-imgħax nett mistenni jonqos minn [...] % fl-2012 għal [...] % fl-2014;
- In-numru ta' impjegati mistenni jonqos b'madwar [...], minn 1158 għal [...] fl-2016;
- Il-proporzjon ta' spiża/dħul mistenni jonqos minn 57,2 % fl-2011 għal [...] % fl-2014.

(113) Skont l-awtoritajiet Islandiżi, il-prestazzjoni tajba ta' Landsbankinn minn mindu ġie stabbilit hija sa ċertu punt dovuta għall-fatt li l-assi fil-portafoll tas-self miksub mill-bank mingħand Landsbanki ġew assenjati b'mod sinjifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn. Filwaqt li dawn il-profitti ta' valutazzjoni huma sa ċertu punt impaċija mill-bond kontinġenti, l-"iskont" kien u se jibqa' parti importanti mid-dħul tal-bank waqt li qiegħed jiġi ristrutturat il-portafoll tas-self.

(114) Għal dan il-għan, l-awtoritajiet Islandiżi sottomettew kalkolazzjoni (Tabella 4) li tindika x'setgħu jkunu r-riżultati annwali mingħajr l-iskont u "elementi irregolari" oħrajn.

Tabella 4:

**Il-profitti netti ta' elementi irregolari**

	7.10.2008 - 31.12.2008	2009	2010	2011	Baġit għall-2012	Baġit għall-2013	Baġit għall-2014	Baġit għall-2015
Profitti għas-sena	- 6 936	14 332	27 231	16 957	[...]	[...]	[...]	[...]
Aġġustamenti għall-profittabbiltà:								
Evalwazzjoni mill-ġdid tal-assi ttrasferiti		- 23 772	- 49 702	- 58 489	[...]	[...]	[...]	[...]

	7.10.2008 - 31.12.2008	2009	2010	2011	Baġit għall- 2012	Baġit għall- 2013	Baġit għall- 2014	Baġit għall- 2015
Bidliet ġusti fil-valur tal-bond kontinġenti		10 241	16 269	34 316				
Verdetti tal-FX		0	18 158	40 726				
Ekwiżità u Bonds		- 7 983	- 7 318	- 18 017				
Introjtu / telf mill-FX		3 000	- 14 623	759				
Operazzjonijiet li ma tkomplewx		- 693	- 2 769	- 6 255				
L-ispiż a għall-finanzjament tal-pożizzjonijiet tal-ekwiżità		2 804	1 019	1 223				
Profittabbiltà aġġustata		- 2 072	- 11 735	11 221	[...]	[...]	[...]	[...]
ROE aġġustat		- 1,4 %	- 6,9 %	5,8 %	[5-10]%	[5-10]%	[5-10]%	[5-10]%

(115) Skont din id-dejta, mill-2010 'l quddiem, il-bank xorta għamel il-profitti u matul il-bqija tal-perjodu ta' ristrutturar mistenni jibqa' jagħmel il-profitti anki fin-nuqqas tal-iskont. <sup>(41)</sup>

(iv) It-twaqqif u ż-żamma ta' pożizzjoni b'saħħitha ta' likwidità

(116) Fir-rigward tal-likwidità, l-FME tesiġi li l-assi fi flus jew bħal flus għandhom jammontaw għal 5 % tad-depożiti fuq talba, filwaqt li ssostni li l-banek għandhom ikunu kapaċi jirreżistu ħruġ istantanju ta' 20 % tad-depożiti. Min-barra dan, il-Bank Ċentrali tal-Islanda jistabbilixxi regoli dwar il-likwidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu <sup>(42)</sup>, li permezz tagħhom l-assi u l-obbligazzjonijiet likwidi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu huma kklassifikati skont it-tip u l-maturità u assenjati piżijiet skont ir-riskju. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom aktar assi likwidi mill-obbligazzjonijiet tat-tliet xhur li jkun imiss. Ir-regoli jinvolvu wkoll ċertu test ta' stress fejn jiġi applikat skont għad-diversi elementi ta' ekwiżità, iżda fejn huwa preżunt ukoll, fuq naħa waħda, li l-obbligazzjonijiet kollha għandhom jitħallsu mal-maturità u, fuq in-naħa l-oħra, li porzjonijiet tal-obbligazzjonijiet, bħad-depożiti, għandhom jitħallsu fi żmien qasir jew saħansitra mill-ewwel. Skont l-awtoritajiet Islandiżi, Landsbankinn huwa konformi mar-regoli msemmija hawn fuq. Fil-fatt, skont il-pjan tar-ristrutturar, bħalissa huwa jippossedi 42,5 % tal-assi likwidi kontra d-depożiti totali.

(117) Barra minn hekk, skont il-gvern Islandiż, riċentament Landsbankinn biddel il-politika tal-likwidità tiegħu sabieħ jimmonitorja u jassigura l-konformità mar-rewiżiti ta' Basel III. Fil-preżent, il-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (LCR) tiegħu huwa [...] %.

(118) L-impatt tal-pożizzjoni tal-likwidità tal-bank f'każ ta' stress, bħat-tneħħija immedjata tal-kontrolli kapitali, huwa deskritt aktar hawn taħt.

<sup>(41)</sup> Ir-rapport tal-ISFI għall-2011 (dwar l-operazzjonijiet tal-banek fl-2010) jaasal għal konklużjoni simili; il-“profittabbiltà ewlenija” ta' Landsbankinn skont dan ir-rapport hija saħansitra ogħla. Ara [http://www.bankasysla.is/files/SkyrslaBR\\_2011\\_net\\_74617143.pdf](http://www.bankasysla.is/files/SkyrslaBR_2011_net_74617143.pdf)

<sup>(42)</sup> Ara r-Regoli dwar il-Proporzjonijiet tal-Likwidità ta' CBI Nru 317 tal-25 ta' April 2006, disponibbli fuq <http://www.sedla-banki.is/lisalib/getfile.aspx?itemid=4713>

(v) L-iffinalizzar tar-ristrutturar tal-portafoll tas-self, kemm għad-djar privati kif ukoll għan-negozji.

- (119) Qabel il-kriżi finanzjarja fl-2008, kemm il-klijenti privati kif ukoll dawk kummerċjali tal-bank daħlu għal livell għoli ta' dejn. Meta, bħala riżultat tal-kriżi, l-ekonomija ħadet daqqa ta' ħarta u, b'mod partikolari, naqsu l-prezzijiet tal-proprjeta' immobbli, il-klijenti li f'daqqa waħda sabu ruħhom b'ingranaġġ' eċċessiv ħafna drabi ma setgħux ikomplu jħallsu d-dejn tagħhom u, b'hekk, kellhom ekwita' negattiva. Minbarra t-theddida ġenerali għall-ġid ekonomiku tal-Islanda, id-deterjorazzjoni f'daqqa fil-portafoll tas-self tal-bank saret riskju prinċipali għall-vijabbiltà tal-bank fil-ġejjieni. Għal din ir-raġuni, ir-ristrutturar tal-portafolli tas-self privati u kummerċjali (tnaqqis fl-ingranaġġ'), kif rifless fil-pjan tar-ristrutturar, sar prijorità għal Landsbankinn.
- (120) Skont l-awtoritajiet Islandiżi, Landsbankinn żviluppa programmi speċifiċi ta' ħelsien mid-dejn u kkoopera mal-Istat u ma' banek oħrajn fuq miżuri ġenerali ta' ħelsien mid-dejn (pereżempju; l-aġġustament ipotekarju ta' 110 %) <sup>(43)</sup>.
- (121) Sat-30 ta' Marzu 2012, kien sar ir-ristrutturar finanzjarju ta' aktar minn 75 % tal-kumpaniji bi djun eċċessivi b'obligazzjonijiet lejn il-bank ta' aktar minn ISK 100 miljun u aktar minn 75 % tad-dejn totali. Il-pjan ta' ristrutturatur jassumi li sal-aħħar tal-2012 din iċ-ċifra għandha tkun żdiedet għal 92 %. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-għotjiet ta' self li ġew ristrutturati diġà sejrjn tajjeb. Pereżempju, 2,6 % biss tal-valur tas-self totali tal-kumpaniji li ġew ristrutturati diġà skada b'aktar minn 30 ġurnata.

(vi) It-titjib tal-istrateġija ta' finanzjament

- (122) Skont l-awtoritajiet Islandiżi, il-profil tal-finanzjament ta' Landsbankinn huwa diversifikat biżżejjed u ma hija mistennija ebda hteġa ta' rifinanzjament ewlieni għall-perjodu ta' żmien qasir jew medju. Il-kompożizzjoni attwali tal-finanzjament hija bejn wieħed u ieħor kif ġej: 10 % depożiti minn istituzzjonijiet finanzjarji, 40 % depożiti minn klijenti (li 80 % minnhom isiru fuq talba u l-20 % l-oħrajn huma depożiti għal terminu fiss sa 5 snin), 30 % self garantit li jimmatūra fil-perjodu 2014-2018 u 20 % ekwita'.
- (123) Kif ġie indikat aktar 'il fuq, id-depożiti huma l-aktar sors ta' finanzjament importanti għal Landsbankinn. Skont il-pjan tar-ristrutturar, l-importanza tad-depożiti saħansitra għandha tkompli tiżdied matul il-perjodu tar-ristrutturar. Fl-istess waqt, Landsbankinn għandu l-ħsieb li jżid is-sehem tad-depożiti għal terminu fiss sabiex jagħmilhom "akbar".
- (124) Is-self garantit ser jibqa' sors ta' finanzjament importanti. L-istess x'aktarx tkun l-għażla ta' finanzjament mill-ġdid meta jimmatūra s-self garantit attwali, filwaqt li l-ħruġ ta' bond mhux garantit mhuwiex għażla ta' finanzjament probabbli għal Landsbankinn fuq perjodu ta' żmien qasir jew medju. Il-bank għandu l-ħsieb li fil-ġejjieni jiffinanzja l-assi fuq perjodu ta' żmien twil, bħal ipoteki b'bonds garantiti, u dan jista' jirrappreżenta sa 5 % tal-finanzjament totali tal-bank fil-ġejjieni. Madankollu, dan mhuwiex mistenni li jimmaterjalizza fil-perjodu ta' żmien kopert mill-pjan tar-ristrutturar sottomess lill-Awtorità.

(vii) Kosteffiċjenza mtejba

- (125) Skont il-pjan tar-ristrutturar, Landsbankinn qiegħed ikompli jiffoka fuq operazzjonijiet effikaċi u ssimplifikati sabiex jindirizza l-ispiża ogħla tal-infrastruttura wara kontrolli regolatorji aktar stretti, tassazzjoni ogħla u l-ispejjeż marbuta mal-ħidma tar-ristrutturar.
- (126) Il-pjan tar-ristrutturar jassumi li l-ispiża operattiva ġenerali sejra tonqos b'[...] % (b'kunsiderazzjoni tal-inflazzjoni), primarjament bħala riżultat tal-amalgamazzjoni ta' Spkef u sussidjarji oħrajn mal-bank. Skont Landsbankinn, din tippovdi l-opportunità sabiex titnaqqas l-ispiża, b'mod partikolari billi jitnaqqsu l-membri tal-persunal ([...] % tal-impjegati fuq bażi full-time matul it-3 snin li ġejjin). Barra minn hekk, il-bank isostni li ġie mniedi proġett kbir li għandu l-għan li jissimplifika l-katina tas-servizzi ta' Landsbankinn. Fl-aħħar nett, il-bank impenja ruħu li jagħlaq [...] fergħat matul il-perjodu tar-ristrutturar. Dawk il-miżuri, kif ukoll il-miżura tat-tnaqqis fin-numru tal-persunal, mistennija jwasslu għall-proporzjon ta' spiża/dħul li jinżel minn 57,2 % fl-2011 għal [...] % fl-2014.

<sup>(43)</sup> Il-banek Islandiżi ewlenin qablu li joffru lill-klijenti kollha b'ingranaġġ' eċċessiv aġġustament ipotekarju ta' 110 %, jiġifieri li l-kapital tal-ipoteki jiġi ffixsat għal 110 % tal-valur irreġistrat tal-proprjeta'.



(viii) It-titjib tal-ġestjoni tar-riskji

- (127) Landsbankinn għarraf lill-Awtorità li waħda mill-prijoritajiet tiegħu hija li jtejjeb il-prassi tal-ġestjoni tar-riskju tiegħu. F'dan ir-rigward, Landsbankinn waqqaf diviżjoni ta' Ġestjoni tar-Riskji. Id-diviżjoni hija responsabbli mill-ġestjoni tar-riskji tradizzjonali kollha, kif ukoll mill-kejl u l-valutazzjoni tar-riskji tas-suq, tar-riskji tal-likwidità, tar-riskji operattivi u tar-riskji ta' kreditu. Skont Landsbankinn, il-ġestjoni tar-riskji ttejjeb ħafna permezz tal-istruttura organizzattiva ġdida tal-Bank. Id-diviżjoni għandha 44 impjegat.

### 3.5.2. Il-kapaċità li tintlaħaq vijabbiltà taħt xenarju ta' referenza u ta' stress

- (128) Fil-pjan tar-ristrutturar, l-awtoritajiet Islandiżi sottomettew xenarju ta' referenza u 3 xenarji ta' stress għal Landsbankinn bil-għan li juru l-kapaċità ta' Landsbankinn li jikseb vijabbiltà fit-tul, kif ukoll ir-reżistenza tiegħu għall-iżviluppi makroekonomiċi negattivi.

#### 3.5.2.1. Ix-xenarju ta' referenza

- (129) Il-pjan tar-ristrutturar kif deskritt hawn fuq jikkostitwixxi l-każ ta' referenza. Skont l-awtoritajiet Islandiżi, l-indikaturi makroekonomiċi sottostanti huma simili għal dawk tal-previżjoni ta' referenza tas-CBI għas-snin li ġejjin u huma riflessi hawn taħt fit-Tabella 5:

Tabella 5:

#### Previżjoni makroekonomika, xenarju ta' referenza

Indikatur ewlieni	Tbassir			
	2011	2012	2013	2014
PDG	3,2 %	1,7 %	2,3 %	3,9 %
Konsum privat	3,4 %	1,5 %	3,4 %	3,2 %
Konsum pubbliku	-0,2 %	1,3 %	1,5 %	1,0 %
Investiment totali	6,6 %	23,9 %	6,4 %	13,4 %
Esportazzjonijiet	2,7 %	2,0 %	2,0 %	2,5 %
Importazzjonijiet	4,1 %	3,4 %	4,9 %	3,1 %
Diskrepanza fil-produzzjoni	-2,7 %	-1,6 %	-0,8 %	1,1 %
IR fuq Perjodu ta' Żmien Qasir	4,5 %	4,9 %	6,4 %	6,9 %
Qgħad	7,4 %	6,2 %	5,0 %	4,0 %
Rata tal-kambju ISK/EUR	162,6	163,5	163,5	163,5
Inflazzjoni	4,0 %	4,6 %	3,0 %	2,6 %

#### 3.5.2.2. Ix-xenarji ta' stress

- (130) Il-pjan tar-ristrutturar jinkludi 3 xenarji ta' stress — riċessjoni moderata, dipressjoni ekonomika internazzjonali u deprezzament tal-króna, inkluża l-metodoloġija użata sabiex jinbnew dawk ix-xenarji, kif ukoll l-impatt fuq il-pożizzjoni kapitali tal-bank. Ix-xenarji huma ddisinjati fl-isfond tal-bidliet severi mhux probabbli iżda plawżibbli fl-ambjent ekonomiku li fih jopera l-bank. Pereżempju, ix-xenarju tad-dipressjoni ekonomika internazzjonali huwa bbażat fuq l-isfazzar potenzjali taż-żona ewro u l-effetti sussegwenti fuq l-ekonomija Ewropea. Il-varjabbli makroekonomiċi li jirriżultaw għal dan ix-xenarju huma dawn li ġejjin:

Tabella 6:

**L-indikaturi makroekonomiċi fix-xenarju tad-dipressjoni ekonomika internazzjonali**

Xenarju 3 – Dipressjoni Internazzjonali						
Indikatur ewlieni	2012		2013		2014	
PDG	-3,5 %	-5,2 %	-3,6 %	-5,9 %	-0,8 %	-4,7 %
Konsum privat	-5,6 %	-7,1 %	-3,9 %	-7,3 %	3,6 %	0,4 %
Konsum pubbliku	1,3 %	0,0 %	1,5 %	0,0 %	1,0 %	0,0 %
Investiment totali	-15,7 %	-39,6 %	-1,4 %	-7,8 %	0,6 %	12,8 %
Esportazzjonijiet	-5,8 %	-7,8 %	-4,0 %	-6,0 %	2,8 %	0,3 %
Importazzjonijiet	-16,3 %	-19,7 %	0,4 %	-4,5 %	13,7 %	10,6 %
Diskrepanza fil-produzzjoni	-4,0 %	-2,5 %	-9,7 %	-9,0 %	-12,8 %	-13,9 %
IR fuq Perjodu ta' Żmien Qasir	4,8 %	-0,1 %	4,0 %	-2,4 %	2,3 %	-4,6 %
Qgħad	6,9 %	0,7 %	7,3 %	2,3 %	7,7 %	3,7 %
Rata tal-kambju ISK/EUR	196,2	32,7	196,2	32,7	196,2	32,7
Inflazzjoni	6,7 %	2,1 %	3,8 %	0,8 %	1,3 %	-1,3 %

- (131) Fl-eżerċizzju tat-test ta' stress li sottometta Landsbankinn, jintużaw metodi differenti sabiex dawn it-3 xenarji jiġu tradotti f'kejl tal-impatt fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-bank, it-telf mis-self u l-kapital ekonomiku. Permezz ta' eżempju, il-grafika 3 hawn taħt turi kif it-telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD) huwa relatat mal-prestazzjoni tal-PDG.

Grafika 3:

**Korrelazzjoni bejn il-PDG u l-LDG**

[Graff dwar il-korrelazzjoni bejn it-telf fil-każ ta' inadempjenza u l-PDG

Valuri mhux żvelati għal raġunijiet ta' segretezza professjonali]

- (132) Is-sejba prinċipali tat-testijiet ta' stress hija li l-kapitalizzazzjoni ta' Landsbankinn hija tali li tibqa' l fuq mir-rekwiżiti minimi interni u esterni tas-CAD fix-xenarji kollha u, skont il-pjan tar-ristrutturar, fil-fatt għandha kapital eċċessiv ta' [...] %.
- (133) Barra minn hekk, il-pjan tar-ristrutturar ta' Landsbankinn jinkludi quasi-stress test tal-proporzjon tal-likwidità tal-bank. F'dan il-każ, il-bank jassumi li d-depożiti kollha miżmuma mill-istituzzjonijiet finanzjarji sejrini jiġu rtirati immedjatament, wara, pereżempju, it-tneħħija tal-kontrolli kapitali. Skont l-informazzjoni sottomessa mill-awtoritajiet Islandiżi, anki f'każ bħal dan, il-pożizzjoni tal-likwidità ta' Landsbankinn tibqa' b'saħħitha, b'mod partikolari minħabba li huwa jista' jillikwida l-assi addizzjonali relattivament malajr u mingħajr effett detrimentali eċċessiv fuq il-karta tal-bilanċ, bħal pereżempju l-kontijiet tiegħu tas-self b'ipoteka ddenominat fil-munita ISK (permezz ta' operazzjonijiet ta' self mas-CBI). Il-grafika 4 ta' hawn taħt turi dan ix-xenarju:

Grafika 4:

**Il-pożizzjoni tal-likwidità prinċipali wara l-irtirar tad-depożiti istituzzjonali kollha u l-irtirar varjat mill-klijenti**

[Graff dwar il-pożizzjoni tal-likwidità ta' Landsbankinn

Valuri mhux żvelati għal raġunijiet ta' segretezza professjonali]

- (134) Skont dan il-kalkolu, il-bank jista' jirreżisti rtirar addizzjonali ta' [...] % tad-depożiti tal-klijenti mingħajr ma jkollu bżonn jibda jillikwida l-assi. Dan ir-riżultat jindika li l-Bank huwa f'pożizzjoni tajba sabiex jiffaċċja l-problemi mhux mistennija ta' likwidità.

#### 4. IR-RAĠUNIJET GĦALL-BIDU TA' PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI, IT-TRANŻAZZJONI TA' SPKEF U L-MIŻURI APPROVATI TEMPORANJAMENT FID-DEĊIŻJONIJET TAL-BANEK TAT-TFADDIL

- (135) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-Awtorità kkonkludiet b'mod preliminari li l-miżuri adottati mill-Istat Islandiż sabiex jikkapitalizza lil Landsbankinn jinvolvu għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE. Barra minn hekk, hija ma setgħetx teskludi li l-għajjnuna mill-Istat kienet preżenti fil-garanzija tad-depożiti bla limiti. Id-deċiżjoni tal-ftuħ ma koprietx il-miżuri ta' għajjnuna relatati mal-akkwist ta' SpSv, li kienu approvati temporanjament mill-Awtorità fid-Deċiżjonijiet tal-Banek tat-Tfaddil. L-Awtorità sejra tiegħu deċiżjoni finali dwar dawn il-miżuri, li jkomplu jkollhom konsegwenzi fuq il-valutazzjoni inkwistjoni, fid-deċiżjoni preżenti. Fl-aħħar nett, il-miżuri relatati mat-trasferiment tal-operazzjonijiet minn Spkef għal Landsbankinn ma kinux koperti mid-deċiżjoni tal-ftuħ u, għaldaqstant, l-Awtorità sejra tevalwahom hawn taħt.
- (136) Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-miżuri vvalutati fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-Awtorità kienet tal-fehma li deċiżjoni finali għandha tittieħed biss fuq il-bażi ta' pjan tar-ristrutturar, li kien għadu ma ġiex sottomess meta l-Awtorità fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-15 ta' Diċembru 2010. Dan kien dovut b'mod partikolari għannuqqas ta' pjan ta' ristrutturar aktar minn sentejn wara t-twaqqif ta' Landsbankinn u sena wara l-ftehim mal-kredituri ta' Landsbanki li l-Awtorità esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-għajjnuna.

#### 4.1. Il-kummenti minn partijiet interessati

- (137) L-Awtorità rċeviet sqarrija fisem il-kredituri tal-bank l-antik, li fiha huma enfasizzaw li huma kellhom jitqiesu bħala partijiet interessati, filwaqt li indikaw li possibbilment jistgħu jissottomettu kummenti ulterjuri fi stadju aktar tard.

#### 4.2. Il-kummenti mill-awtoritajiet Islandiżi

- (138) L-awtoritajiet Islandiżi jaċċettaw li l-miżuri meħuda sabiex jitwaqqaf l-NBI, issa Landsbankinn, jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat. Fil-fehma tal-awtoritajiet Islandiżi, madankollu, il-miżuri huma kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim, billi huma meħtieġa, proporzjonati u xierqa sabiex jirrimedjaw taqlib serju fl-ekonomija Islandiża. Fil-fehma tal-awtoritajiet Islandiżi, il-miżuri meħuda huma fl-aspetti kollha konformi mal-prinċipji stipulati fil-linji gwida tal-Awtorità dwar l-għajjnuna mill-Istat u jsostnu li l-għajjnuna hija meħtieġa u limitata għall-ammont minimu meħtieġ.
- (139) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Islandiżi jenfasizzaw li l-azzjonisti preċedenti ta' Landsbanki kollha tilfu l-ishma tagħhom u ma rċevew ebda kumpens mill-Istat, kif ukoll li l-għajjnuna hija ddisinjata sewwa sabiex tnaqqas ir-riperkussjonijiet negattivi fuq il-kompetituri.
- (140) Fir-rigward tat-trasferiment tal-operazzjonijiet minn Spkef għal Landsbankinn, l-awtoritajiet Islandiżi jirrikonoxxu li l-obbligu tal-Istat li jaġghmel tajjeb għal nuqqas fl-assi ttrasferiti (imqabbel mal-ammont ta' obligazzjonijiet ittrasferiti) jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 (1) tal-Ftehim ŻEE, anki jekk huma tal-opinjoni li n-natura tal-ftehim tipprekludi lil Landsbankinn milli jirċievi vantaġġ finanzjarju dirett. Madankollu, huma jikkonċedu li l-miżura tista' ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' Landsbankinn hekk kif huwa jkabbar il-bażi ta' klijenti tiegħu u jista' jipprovdi opportunitajiet għas-simplifikazzjoni tal-operazzjonijiet.

- (141) Fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet Islandiżi jsostnu li l-ghajjnuna hija kompatibbli mal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim. Minħabba li l-kontribuzzjoni tal-Istat hija limitata biex tkopri preċiżament id-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet u dik id-differenza hija stabbilita minn kumitat indipendenti, huma jsostnu wkoll li l-ghajjnuna hija limitata għall-minimu neċessarju. Huma jisħqu li l-ghajjnuna kienet ukoll proporzjonata, minħabba li Landsbankinn kien l-uniku bank li seta' jerfa' r-responsabbiltà tal-operazzjonijiet ta' Spkef f'dak iż-żmien, kif ukoll li l-alternattivi, bħall-amalgamazzjoni sforzata mill-FME, kienu jkunu aktar ta' tfixkil u potenzjalment jiswew aktar flus għall-Istat.
- (142) L-awtoritajiet Islandiżi ma jqisux il-garanzija tad-depożiti bħala li tinvolvi ghajjnuna mill-Istat.

#### 4.3. L-impenji mill-awtoritajiet Islandiżi

- (143) L-awtoritajiet Islandiżi ssottomettew numru ta' impenji, li ħafna minnhom huma relatati mad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kkawżati mill-ghajjnuna li qiegħda tiġi evalwata u li huma stipulati fl-Anness.

## II. IL-VALUTAZZJONI

### 1. IL-PREŻENZA TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT

- (144) L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE jaqra kif ġej:

“Bla ħsara għal dispożizzjonijiet kuntrarji f'dan il-Ftehim, kull ghajjnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija mill-Istati Membri tal-KE, l-Istati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li twassal biex ixkekkel jew thedded li xkekkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti, safejn tolgot il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, tkun inkompatibbli ma' dan il-Ftehim.”

- (145) L-Awtorità sejra tevalwa l-miżuri li ġejjin <sup>(44)</sup>:

- Il-kapital operattiv inizjali pprovdut mill-Istat Islandiż lill-bank il-ġdid;
- Il-kapitalizzazzjoni sħiħa (inizjali) mill-Istat tal-bank il-ġdid; u ż-żamma ta' sehem maġġoritarju mill-Istat.

Il-miżuri msemmija fuq issir referenza għalihom b'mod kollettiv bħala l-“miżuri ta' kapitalizzazzjoni”. Barra minn hekk, l-Awtorità sejra tivvaluta:

- Il-garanzija tal-Gvern Islandiż għad-depożiti domestiċi fil-banek Islandiżi kollha u
- It-trasferiment tal-operazzjonijiet minn Spkef għal Landsbankinn (“it-tranżazzjoni ta' Spkef”).

- (146) L-Awtorità tfakkar ukoll li l-miżuri ta' salvataġġ approvati b'mod temporanju għal SpSv, li issa se jiġi amalgamat ma' Landsbankinn, jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat, li l-kompatibbiltà finali tagħha tiddependi fuq il-pjan ta' ristrutturar għall-entità amalgamata.

#### 1.1. Il-preżenza tar-riżorsi tal-Istat

- (147) Kif ikkonkludiet diġà b'mod preliminari l-Awtorità fid-deċiżjoni tal-ftuħ, huwa ċar li l-miżuri ta' kapitalizzazzjoni huma ffinanzjati permezz tar-riżorsi tal-Istat ipprovduti mit-Teżor Islandiż. Fir-rigward tat-tranżazzjoni ta' Spkef, l-Istat assumu r-riskju li l-assi ta' Spkef ikunu insuffiċjenti sabiex ikopru l-obbligazzjonijiet ittrasferiti (depożiti) tal-bank Spkef. Fis-sustanza, huwa ggarantixxa li ser jagħmel tajjeb għan-nuqqas, li kien jinvolvi trasferiment (potenzjali) ta' riżorsi tal-Istat. Kif ġie indikat aktar 'il fuq, dan l-aħħar il-kumitat tal-arbitraġġ iddeċieda li l-Istat kellu jħallas is-somma ta' ISK 19,2 biljun lil Landsbankinn. Għalhekk, huwa evidenti li din il-miżura tinvolvi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat.

<sup>(44)</sup> Deskritti fid-dettall fil-Kapitolu 3 tad-deċiżjoni preżenti.

- (148) Fir-rigward tal-garanzija tad-depożiti, l-Awtorità enfasizzat sa mill-bidu nett li l-valutazzjoni hija limitata għall-garanzija tad-depożiti addizzjonali deskritta aktar 'il fuq, li essenzjalment tikkompreni d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-gvern Islandiż li d-depożiti fil-banek tat-tfaddil u kummerċjali domestiċi u fil-fergħat tagħhom fl-Islanda sejrjn jiġu koperti b'mod sħiħ.
- (149) Din il-valutazzjoni hija bla ħsara għall-opinjoni tal-Awtorità dwar il-kompatibilità tal-Att Nru. 98/1999 u tal-azzjonijiet tal-Gvern Islandiż u tat-TIF matul il-kriżi finanzjarja mal-liġi taż-ŻEE, b'mod partikolari d-Direttiva 94/19/KE. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttivi 97/9/KE u 94/19/KE, l-Awtorità hija tal-fehma li sakemm tali miżuri jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat, l-użu tar-riżorsi tal-Istat sabiex hija tkun tista' tikkonforma mal-obbligi skont il-liġi taż-ŻEE ġeneralment ma jqajmux tħassib skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE. Għalhekk, id-deċiżjoni preżenti ma tikkonċernax dawk il-miżuri.
- (150) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-Awtorità qalet li hija sejra tkompli tinvestiga jekk id-dikjarazzjonijiet mill-Gvern Islandiż deskritti aktar 'il fuq humiex preċiżi, b'saħħithom, mhux kundizzjonali u legalment vinkolanti biżżejjed b'tali mod li jinvolvu impenn tar-riżorsi tal-Istat<sup>(45)</sup>. Fil-valutazzjoni ta' jekk dawn il-kriterji ġewx issodisfati, l-Awtorità tinnota li d-dikjarazzjonijiet kienu jinvolvu impenn irrevokabbli ta' riżorsi pubbliċi kif muri mill-fatt li l-Istat Islandiż għamel dak kollu li seta' sabiex iħares lid-depożitori: Mhux biss biddel il-prijorità tad-detenturi tad-depożiti fi proprjetajiet insolventi (li ma jinvolvu l-użu ta' riżorsi tal-Istat), iżda għamilha wkoll ċara li mhuwiex ser jippermetti lid-depożitori jsofru telf. Barra minn hekk, il-garanzija globali mill-Gvern tad-depożiti kollha fil-banek tat-tfaddil u kummerċjali domestiċi hija distinta minn kwalunkwe skema ta' garanzija tad-depożiti bbażata fuq atti taż-ŻEE minħabba l-fatt li l-protezzjoni ma għandha ebda limiti fl-ammont u ma ssir ebda kontribuzzjoni finanzjarja mill-banek li jibbenifikaw mill-miżura.
- (151) L-għarfien tal-Gvern Islandiż dwar id-dikjarazzjoni tiegħu huwa spjegat permezz tal-interventi tal-Istat fis-settur finanzjarju li tfaċċaw minn Ottubru tal-2008 u li kienu mmotivati mill-intenzjoni li jonora din id-dikjarazzjoni. Dawk l-interventi inkludew miżuri li kienu maħsuba biex ikopru d-depożiti tal-impriżi finanzjarji, bħat-twaqqif tat-tliet banek kummerċjali, it-trasferiment tad-depożiti ta' SPRON lil Arion Bank, it-trasferiment tad-depożiti ta' Straumur lil Íslandsbanki, il-kontroll tad-depożiti ta' 5 banek tat-tfaddil fi Sparisjóabanki Íslands mis-CBI, it-trasferiment tad-depożiti f'Byr Savings Bank lil Byr hf, it-trasferiment tad-depożiti minn Keflavík Savings Bank lil SpKef u r-responsabbiltà tal-Istat għad-depożiti f'SpKef wara l-amalgamazzjoni ma' Landsbankinn.
- (152) Fil-fatt, f'bosta każijiet ta' għajjnuna mill-Istat li qiegħda tinvestiga bħalissal-Awtorità, li wħud minnhom issem mew hawn fuq, l-awtoritajiet Islandiżi sostnew li l-miżura magħżula rispettiva kienet l-għażla bl-inqas piż finanzjarju għall-Istat Islandiż sabiex ikun jista' jżomm il-wegħda tiegħu li jħares lid-depożitori b'mod sħiħ.
- (153) Fid-dawl tal-punti msemmija hawn fuq, l-Awtorità tqis li hemm miżura legalment vinkolanti, preċiża, mhux kundizzjonali u b'saħħitha fis-seħħ. Għalhekk, abbażi ta' dan, l-Awtorità tikkonkludi li d-dikjarazzjonijiet mill-Istat Islandiż, li permezz tagħhom id-depożiti huma garantiti b'mod sħiħ, jinvolvu impenn ta' riżorsi tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE.

## 1.2. Il-miżuri li jiffavorixxu ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti

### 1.2.1. Il-vantaġġ

- (154) L-ewwel nett, il-miżuri ta' għajjnuna għandhom jagħtu lill-bank il-ġdid vantaġġi li jtaffuh mill-ħlasijiet u l-ispejjeż li normalment ikollhom jinġarru mill-baġit tiegħu. Skont il-konklużjoni preliminari tagħha fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-Awtorità tibqa' tal-fehma li kull waħda mill-miżuri ta' kapitalizzazzjoni tikkonferixxi vantaġġ fuq Landsbankinn minħabba li l-kapital ipprovdut ma kienx ikun disponibbli għall-bank mingħajr l-intervent tal-Istat.

<sup>(45)</sup> Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża konġunti T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04, *Franza u oħrajn vs il-Kummissjoni*, is-sentenza tal-21.5.2010, Ġabra [2010] II-02099, il-paragrafu 283 (dwar l-appelli), kif ukoll l-Opinjoni mogħtija minn AG Mengozzi fil-każ ta' appell, jiġifieri l-Kawża C-399/10 *Bouygues*, il-paragrafu 47, fejn dawn il-kondizzjonijiet huma meqjusa bħala wisq restrittivi għall-finanzjament tal-għajjnuna mill-Istat.

- (155) Sabiex tistabbilixxi jekk investiment f'impriża, pereżempju permezz ta' injezzjoni kapitali, jinvolvi vantaġġ, l-Awtorità tapplika l-prinċipju tal-investitur tal-ekonomija tas-suq, u tivvaluta jekk investitur privat ta' daqs komparrabbli għal dak tal-entità pubblika li topera f'kondizzjonijiet tas-suq normali jkunx għamel tali investiment <sup>(46)</sup>. Sa mill-bidu tal-kriżi finanzjarja, l-approċċ imħaddan kemm mill-Kummissjoni Ewropea (f'għadd numeruż ta' każijiet minn mindu bdiet il-kriżi finanzjarja <sup>(47)</sup>) kif ukoll mill-Awtorità <sup>(48)</sup> kien li r-rikapitalizzazzjonijiet tal-banek mill-Istat jammontaw għall-ghajjnuna mill-Istat fid-dawl tat-taqlib u l-inċertezza li kkaratterizzaw is-swieq finanzjarji sa mill-ħarifa tal-2008. Din il-kunsiderazzjoni ġenerali tapplika b'mod partikolari għas-swieq finanzjarji Islandiżi fl-2008 u fl-2009, meta kkollasat is-sistema kollha. B'hekk, l-Awtorità hija tal-fehma li l-miżuri ta' kapitalizzazzjoni jagħtu vantaġġ lil Landsbankinn minkejja t-trasferiment eventwali ta' sehem minoritarju lill-kredituri (l-aktar fis-settur privat). L-involvement tas-settur privat fil-kapitalizzazzjoni ta' Landsbankinn huwa magħmul kollu kemm hu minn kredituri tal-banek l-antiki li qegħdin ifittxu biss li jnaqqsu t-telf tagħhom <sup>(49)</sup>. Barra minn hekk, minħabba l-mekkaniżmu tal-bond kontinġenti deskritt aktar 'il fuq, huma ma jstgħux jiqiesu bħala li investew fl-istess termini bħall-Istat.
- (156) Fir-rigward tat-tranżazzjoni ta' Spkef, l-Awtorità tosserva li t-tranżazzjoni kienet maħsuba sabiex tipprovi lil Landsbankinn b'kumpens ugwali biss għad-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu li jstabbilixxi din id-differenza, b'kumitat tal-arbitraġġ bħala l-arbitru finali, assigura livell għoli ta' oġġettività f'dan il-proċess. Madankollu, l-Istat ġie allokat bir-riskju sħiħ tal-assi ta' Spkef b'inqas valur mid-depożiti ttrasferiti, kif ukoll bl-obbligu li jagħmel tajjeb għal kwalunkwe nuqqas potenzjali. Irriżulta li Landsbankinn seta' jikseb avvjament u ishma addizzjonali mis-suq, mingħajr ma kellu bżonn jieħu xi riskju. L-Awtorità tikkonkludi li dan jikkostitwixxi vantaġġ.
- (157) Fl-aħħar nett, jeħtieġ li l-Awtorità tevalwa wkoll jekk il-garanzija tad-depożiti addizzjonali tagħtix vantaġġ lil Landsbankinn u lill-banek Islandiżi b'mod ġenerali. F'dan ir-rigward, l-Awtorità tosserva li l-ewwel darba li ġie ddikjarat mill-awtoritajiet Islandiżi li d-depożiti għandhom jiġu garantiti, ma kienx ċar għalkollox kif kienet sejra taħdem fil-prattika din il-garanzija, b'mod partikolari x'effett kien ser ikollu tali intervent fuq bank li qiegħed ifalli. Illum il-ġurnata, jidher li tali bank jista' jfalli, iżda li l-Istat Islandiż għandu jiżgura — pereżempju billi jittrasferixxi d-depożiti lil bank ieħor u jagħmel tajjeb għan-nuqqas fl-assi — li d-depożiti jkunu jstgħu jitħallsu b'mod sħiħ u li d-depożituri qatt ma jitilfu l-aċċess għall-ammont sħiħ tad-depożiti tagħhom.
- (158) L-Awtorità tqis li hija ta' importanza sekondarja kif se jaġixxi l-Istat sabiex jikkonforma mal-garanzija bla limiti fuq id-depożiti domestiċi. Dak li jgħodd huwa li l-Istat assumi l-obbligu li jagħti l-appoġġ u l-kontribut tiegħu jekk xi bank jonqos milli jħallas id-depożiti, mingħajr ebda limiti.
- (159) B'hekk, fil-fehma tal-Awtorità, din il-garanzija mingħajr limiti ffavorixxiet lil Landsbankinn: l-ewwel nett, minħabba li tipprovi vantaġġ kompetittiv siewi — garanzija mingħajr limiti mill-Istat u, għaldaqstant, xibka tas-sigurtà sinjifikanti — fuq il-fornituri u l-ġhażliet ta' investiment alternattivi. Dan huwa spjegat, pereżempju, permezz ta' rapport riċenti tal-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi, illi jgħid li: "L-impriżi finanzjarji Islandiżi bħalissa

<sup>(46)</sup> Ara, pereżempju, T-228/99 *WestLB* [2003] *Ġabra* 435.

<sup>(47)</sup> Ara, pereżempju, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10.10.2008 fil-kawża NN 51/2008 *Skema ta' garanziji għall-banek fid-Danimarka*, fil-paragrafu 32, u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21.10.2008 fil-kawża C10/2008 *IKB*, fil-paragrafu 74.

<sup>(48)</sup> Ara d-deċiżjoni tal-Awtorità tat-8.5.2009 dwar skema għal rikapitalizzazzjoni temporanja ta' banek fundamentament b'saħħithom maħsuba biex trawwem l-istabbiltà finanzjarja u s-self għall-ekonomija reali fin-Norveġja (205/09/COL) disponibbli fuq: <http://www.eftasurv.int/?1=1&showLinkId=16694&l=1>

<sup>(49)</sup> Ara, f'dan il-kuntest, raġunament simili adottat mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-investimenti li saru minn fornituri ta' kumpanija f'diffikultà fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C 4/10 (ex NN 64/09) — *Għajjnuna favur Trèves* (Franza).

qegħdin joperaw f'ambjent protett b'kontrolli kapitali u garanzija ta' depożiti globali. Taħt dawn il-kondizzjonijiet, id-depożiti bankarji huma prattikament l-unika għażla sikura li għad fadlilhom l-Islandiżi li jridu jfaddlu flushom”<sup>(50)</sup>.

- (160) It-tieni, jidher ċar li, fin-nuqqas ta' tali garanzija, Landsbankinn seta' jsofri faċilment minn assalt fuq id-depożiti tiegħu b'ħall-predeċessur tiegħu<sup>(51)</sup>. B'hekk, il-bank x'aktarx li kellu jħallas rati ta' imgħax ogħla (sabiex jikkompensa għar-riskju) bil-għan li jattira jew saħansitra sempliċiment iżomm l-istess ammont ta' depożiti. Għaldaqstant, l-Awtorità tikkonkludi li l-garanzija tad-depożiti tinvolvi vantaġġ għall-bank.

#### 1.2.2. Is-selettività

- (161) It-tieni, il-miżura ta' għajjnuna għandha tkun selettiva, fis-sens li tiffavorixxi lil “*ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti*”. Il-miżuri ta' kapitalizzazzjoni u t-tranżazzjoni ta' Spkef huma selettivi minħabba li minnhom jibbenifika biss Landsbankinn.
- (162) Barra minn hekk, billi l-appoġġ mill-Istat jista' jkun selettiv anki f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm settur wieħed jew aktar tal-ekonomija li jibbenifikaw u oħrajn li ma jibbenifikawx, l-Awtorità tqis ukoll il-garanzija tal-Istat fuq id-depożiti li minnhom jibbenifika s-settur bankarju Islandiż b'mod ġenerali b'ħala selettiva. Din il-konklużjoni ssegwi wkoll mill-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq u li permezz tagħhom il-banek jiġu f'favoriti fuq impriżi oħrajn li joffru possibiltajiet sabiex il-klijenti jfaddlu u jinvestu flushom.

### 1.3. Il-miżuri li qegħdin ifixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti

- (163) Il-miżuri jsaħħu l-pożizzjoni ta' Landsbankinn meta mqabbla mal-pożizzjoni tal-kompetituri tiegħu (jew tal-kompetituri potenzjali) fl-Islanda u ta' Stati oħrajn taż-ŻEE. Landsbankinn huwa impriża attiva, kif ġie deskritt hawn fuq, fis-swieq finanzjarji, li huma miftuħa għall-kompetizzjoni internazzjonali fiż-ŻEE. Filwaqt li b'ħalissa s-swieq finanzjarji Islandiżi huma pjuttost iżolati, b'mod partikolari minħabba l-kontrolli kapitali, xorta għadu jeżisti (potenzjal għal) kummerċ transkonfinali, li għandu jidded hekk kif jitnehew il-kontrolli kapitali. Għalhekk, il-miżuri kollha li qegħdin jiġu evalwati għandhom jitqiesu b'ħala li qegħdin ifixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE.<sup>(52)</sup>

#### 1.4. Il-konklużjoni

- (164) Għalhekk, l-Awtorità tasal għall-konklużjoni li l-miżuri meħuda mill-Istat Islandiż sabiex jikkapitalizza l-bank il-ġdid, il-garanzija tad-depożiti u t-tranżazzjoni ta' Spkef jinvolvu għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61 (1) tal-Ftehim ŻEE. L-Awtorità tfakkar li hija waslet għall-istess konklużjoni fir-rigward tal-miżuri ta' kapitalizzazzjoni mogħtija lil SpSv fid-deċizzjonijiet dwar il-banek tat-Tfaddil.

## 2. IR-REKWIŻITI PROĊEDURALI

- (165) Skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3 SCA, “l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiġi informata, fi żmien suffiċjenti sabiex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha, dwar kwalunkwe pjan li għandha li tagħti jew tbiddel l-għajjnuna (...). L-Istat ikkonċernat ma għandux jimplementa l-miżuri proposti minnu qabel ma l-proċedura tkun irriżultat f'deċizzjoni finali”.

<sup>(50)</sup> Rapport tal-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi għall-Althingi (Marzu 2012), “L-Istruttura Futura tas-Sistema Finanzjarja Islandiża”, Kapitulu 9.6, disponibbli fuq: <http://eng.atvinnuvegaraduneyti.is/media/ Acrobat/Future-Structure.pdf>

<sup>(51)</sup> F'dan ir-rigward, l-Awtorità tinnota l-kummenti tal-Gvernatur tas-CBI, li fid-daħla għar-rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja tal-bank għat-tieni nofs tal-2010 jgħid li l-“*kapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji b'ħalissa hija protetta mill-kontrolli kapitali u mid-dikjarazzjoni tal-garanzija tad-depożiti tal-Gvern*”. Ara <http://www.sedlabanki.is/lisalib/getfile.aspx?itemid=8260>, p. 5. Ara wkoll id-Deċizzjonijiet tal-Kummissjoni NN48/2008 dwar l-Iskema ta' Garanziji għall-Banek fl-Irlanda, il-paragrafi 46 u 47: [http://ec.europa.eu/community\\_law/state\\_aids/comp-2008/nn048-08.pdf](http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/comp-2008/nn048-08.pdf); u NN51/2008 dwar l-Iskema ta' Garanzija għall-Banek fid-Danimarka: [http://ec.europa.eu/community\\_law/state\\_aids/comp-2008/nn051-08.pdf](http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/comp-2008/nn051-08.pdf)

<sup>(52)</sup> Ara, f'dan ir-rigward, il-Kawża 730/79 Phillip Morris vs il-Kummissjoni [1980] Ġabra 2671.

- (166) L-awtoritajiet Islandiżi naqsu milli jinnotifikaw il-miżuri ta' għajjnuna koperti mid-deċiżjoni tal-ftuħ lill-Awtorità qabel l-implimentazzjoni tagħhom. L-istess japplika għat-tranżazzjoni ta' Spkef. Għalhekk, l-Awtorità tikkonkludi li l-awtoritajiet Islandiżi ma rrispettawx l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3. Għalhekk, l-għoti ta' dawk il-miżuri ta' għajjnuna kien illeġittimu.

### 3. IL-KOMPATIBILITÀ TAL-GĦAJNUNA

- (167) Bħala rimarka preliminari, l-Awtorità tosserva li filwaqt li Landsbankinn huwa entità legali ġdida li twaqqfet fl-2008, fir-rigward tal-operazzjonijiet domestiċi, huwa evidentement is-suċċessur ta' Landsbanki, fis-sens li hemm kontinwità ekonomika bejn dawk iż-żewġ entitajiet. Fil-fatt, l-awtoritajiet Islandiżi spjegaw li s-similarità tal-ismijiet tal-bank l-antik u tal-bank il-ġdid hija maħsuba sabiex tippermetti lil Landsbankinn jikkapitalizza fuq l-avvjament li għadu assoċjat mal-isem "Landsbanki" fl-Islanda. Billi dawk l-operazzjonijiet ekonomiċi li twettqu minn Landsbankinn mill-ħarifa tal-2008 'il quddiem ma setgħux jissoktaw fin-nuqqas tal-għajjnuna, l-Awtorità tqis il-bank bħala impriża f'diffikultajiet.
- (168) Barra minn hekk, il-miżuri li qegħdin jiġu evalwati bħalissa huma fl-istess waqt miżuri ta' salvataġġ u ristrutturatur. Kif ġie ddikjarat fid-deċiżjoni tal-ftuħ, probabbilment li l-Awtorità kienet tapprova temporanjament il-miżuri bħala għajjnuna ta' salvataġġ kompatibbli li kieku ġiet innotifikata dwarhom qabel l-implimentazzjoni tagħhom, qabel ma mbagħad tieħu deċiżjoni finali dwarhom fuq il-bażi tal-pjan tar-ristrutturatur. Madankollu, fin-nuqqas ta' notifika f'waqtha, l-Awtorità bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali u talbet is-sottomissjoni ta' pjan ta' ristrutturatur. Kif ġie indikat aktar 'il fuq, il-kompatibbiltà finali ta' dawn il-miżuri tiddependi fuq jekk il-pjan ta' ristrutturatur jissodisfax il-kriterji tal-linji gwida applikabbli tal-Awtorità dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-impriżi f'diffikultajiet.

#### 3.1. Il-bażi legali għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà: l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim ŻEE u l-Linji Gwida tal-Awtorità dwar ir-Ristrutturatur

- (169) Filwaqt li l-għajjnuna mill-Istat għall-impriżi f'diffikultajiet, bħal Landsbankinn, normalment tiġi vvalutata skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE, l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim jippermetti li l-għajjnuna mill-Istat "tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru tal-KE jew ta' Stat tal-EFTA". Kif ġie ddikjarat fil-paragrafu 8 tal-Linji Gwida tal-Banek<sup>(3)</sup>, l-Awtorità tirriafferma li, skont il-każistika u l-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim ŻEE jitlob interpretazzjoni restrittiva ta' x'jista' jitqies bħala taqlib serju tal-ekonomija ta' Stat tal-EFTA.
- (170) L-awtoritajiet Islandiżi spjegaw, kif deskritt fid-dettall hawn fuq, li s-sistema finanzjarja tal-Islanda daħlet fi stat ta' kriżi sistemika f'Ottubru 2008, tant li wasslet għall-kollass tal-banek ewlenin tagħha, kif ukoll ta' banek tat-tfaddil ewlenin f'perjodu ta' ftit jiem. Is-sehem ikkombinat mis-suq tal-istituzzjonijiet finanzjarji falluti qabeż id-90 % fil-biċċa l-kbira tas-segmenti tas-suq finanzjarju Islandiż. Id-diffikultajiet kienu akkumpanjati minn kollass tal-kunfidenza fil-munita tal-pajjiż. L-ekonomija reali tal-Islanda ħadet daqqa ta' ħarta qawwija mill-kriżi finanzjarja. Min-keja li għadew aktar minn tliet snin minn mindu faqqgħet il-kriżi, is-sistema finanzjarja tal-Islanda għadha vulnerabbli. Anki jekk is-sitwazzjoni tjebet ħafna mill-2008 'il hawn, huwa evidenti li f'dak iż-żmien meta ttieħdu l-miżuri, huma kienu intiżi biex jirrimedjaw taqlib serju fl-ekonomija Islandiża.

- (171) Konsegwentement, l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim ŻEE huwa meqjus bħala li japplika f'dan il-każ.

<sup>(3)</sup> Ara l-Parti VIII tal-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-Għajjnuna mill-Istat. Regoli temporanji rigward il-kriżi finanzjarja. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-miżuri meħuda fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali attwali, disponibbli fuq <http://www.eftasurv.int/?1=1&showLinkId=16604&1=1>



*L-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar*

- (172) Il-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat fuq ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat <sup>(54)</sup> ("il-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar") stabbilixxew ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli għar-ristrutturar tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi attwali. Skont il-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar, sabiex ikun kompatibbli mal-Artikolu 61(3) (b) tal-Ftehim ŻEE, ir-ristrutturar ta' istituzzjoni finanzjarja fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja attwali għandu:
- (i) Iwassel għar-restorazzjoni tal-vijabbiltà tal-bank;
  - (ii) Jinkludi kontribuzzjoni proprja suffiċjenti mill-benefiċjarju (kondiviżjoni tal-piżijiet);
  - (iii) Jinkludi miżuri suffiċjenti li jillimitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- (173) B'hekk, abbażi tal-pjan ta' ristrutturar sottomess għal Landsbankinn, l-Awtorità sejra tivvaluta hawn taħt jekk dawn il-kriterji humiex sejrin jintlaħqu u jekk il-miżuri ta' għajnuna deskritti hawn fuq humiex sejrin jikkostitwixxu għajnuna għar-ristrutturar kompatibbli.

**3.2. Ir-riġenerazzjoni tal-vijabbiltà**

- (174) Ir-riġenerazzjoni tal-vijabbiltà fit-tul ta' benefiċjarju li jirċievi għajnuna għar-ristrutturar hija l-għan ewlieni ta' tali għajnuna, filwaqt li l-valutazzjoni ta' jekk l-għajnuna għar-ristrutturar hijiex ser tkun kapaċi tikseb tali riġenerazzjoni, hija aspett importanti sabiex tiġi stabbilita l-kompatibbiltà tagħha.
- (175) Kif ġie indikat hawn fuq, it-taqlib fl-ekonomija Islandiża wara l-ħarifa tal-2008, il-preżenza ta' miżuri straordinarji bħall-kontrolli kapitali, ambjent regolatorju li għadu qiegħed jevolvi u perspettiva makroekonomika li għadha kemmxejn inċerta, jagħmluha diffiċli li bank jopera b'mod profittabbli u jiżgura l-vijabbiltà fit-tul tiegħu. L-Awtorità tenfasizza mill-bidu nett li din il-kunsiderazzjoni għandha titqies fil-valutazzjoni ta' hawn taħt.
- (176) It-taqsimha 2 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar tgħid li l-Istat taż-ŻEE għandu jipprovdi pjan ta' ristrutturar komprensiv u dettaljat li jipprovdi informazzjoni kompleta dwar il-mudell tan-negozju u li jirriġenera l-vijabbiltà fit-tul tal-bank. Il-paragrafu 10 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jitlob li l-pjan tar-ristrutturar jidentifika l-kawżi tad-diffikultajiet tal-bank u n-nuqqasijiet tal-bank stess, filwaqt li jispjega kif il-miżuri ta' ristrutturar proposti jirrimedjaw il-problemi sottostanti tal-bank.
- (177) Kif ġie deskritt hawn fuq, il-kawżi tad-diffikultajiet ta' Landsbanki huma msemmija kemm fil-pjan tar-ristrutturar kif ukoll fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Investigazzjoni Speċjali. Fost il-kawżi ewlenin li ġew identifikati fil-livell tal-bank fir-rapport imsemmi l-aħħar kien hemm il-ġestjoni ħażina tar-riskji, aptit eċċessiv għar-riskji, ir-relazzjoni mill-qrib b'mod diżordinat bejn il-proprjetarji u l-akbar mutwanti, tkabbir eċċessiv fuq perjodu qasir wisq, in-nuqqas ta' esperjenza fis-wieq globali, regoli mhux stretti fuq is-self, in-nuqqas ta' verifiki u kontrolli interni u kultura u strateġija korporattivi difettużi. Dawn kollha flimkien kienu fatturi li wasslu għall-kollaps. Barra minn hekk, il-bank iddependa ħafna fuq il-finanzjament bl-ingrossa fuq perjodu ta' żmien qasir u kellu jikseb ammont kbir ta' depożiti barra l-pajjiż sabiex ikun jista' jiffinanzja l-operazzjonijiet tiegħu. Dan kompli jaggrava l-iżbilanċi diġà eżistenti fil-munita.

<sup>(54)</sup> Ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, adottati mill-Awtorità fil-25 ta' Novembru 2009 taħt il-Kapitolu VII: Regoli Temporanji li jirrigwardjaw il-Kriżi Finanzjarja, kif estiżi mil-Linji Gwida dwar il-Kriżi Finanzjarja 2012. Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità fuq: <http://www.eftasurv.int/media/state-aid-guidelines/Part-VIII—Return-to-viability-and-the-assessment-of-restructuring-measures-in-the-financial-sector.pdf>.

*Il-miżuri regolatorji ta' vijabbiltà*

- (178) L-Awtorità tqis li l-falliment ta' Landsbanki, kif ukoll il-kollass tal-industrija finanzjarja Islandiża, ġew ikkawżati wkoll minn numru ta' fatturi speċifiċi għall-Islanda, li huma relatati mad-daqs żgħir ta' tagħha u man-nuqqasijiet regolatorji u superviżorji enfasizzati mill-Kummissjoni ta' Investigazzjoni Speċjali. B'hekk, il-vijabbiltà fit-tul ta' Landsbankinn, b'hal dik ta' kwalunkwe bank Islandiż ieħor, tiddependi wkoll fuq jekk dawk in-nuqqasijiet regolatorji u superviżorji ġewx irrimedjati jew le.
- (179) F'dan ir-rigward, l-Awtorità tosserva b'mod pożittiv l-emendi għall-qafas regolatorju u superviżorju li għamlu l-awtoritajiet Islandiżi, kif spjegati fl-Anness.
- (180) L-ewwel nett, is-setgħat u l-kompetenzi tal-FME ttejbu, fost l-oħrajn, b'responsabbiltajiet ġodda li jirrigwardjaw espożizzjonijiet uniċi kbar u r-riskji relatati magħhom li, fil-fehma tal-Awtorità, jindirizzaw wieħed mill-fatturi li wasslu għall-kollass finanzjarju.
- (181) It-tieni, ir-reqwiziti temporanji tal-proporzjon għoli tas-CAD, kif ukoll għadd ta' dispożizzjonijiet relatati mal-kollateralizzazzjoni, b'mod partikolari l-projbizzjoni tal-estensjoni tal-kreditu fuq il-wegħdiet tal-ishma proprji, għandhom l-għan li jiżguraw li l-banek Islandiżi ma joperawx fuq pożizzjoni kapitali dgħajfa. L-Awtorità hija tal-fehma li dawn il-miżuri se jrin jikkontribwixxu għar-reżistenza tal-banek Islandiżi.
- (182) It-tielet, ġew implimentati firxa ta' miżuri relatati mal-eliġibbiltà tad-diretturi tal-membri tal-bord, kif ukoll mar-rimunerazzjoni ta' tagħhom. Barra minn hekk, is-self lill-partijiet relatati (b'hal-proprjetarji) kien soġġett għal regoli aktar stretti u l-FME issa tista' tipprojbixxi bank milli jwettaq attivitajiet speċifiċi. Ġew emendati wkoll ir-regoli ta' kontabbiltà interna u esterna. Pereżempju, tqassar it-tul ta' żmien li 'accountant' estern jista' jaħdem għall-istess bank. L-Awtorità tosserva b'mod pożittiv li dawn il-miżuri huma mmirati biex jipprevjenu repetizzjoni ta' avvenimenti safejn ikunu kkonċernati l-proprjetarji u l-uffiċjali eżekuttivi għoljin. Il-miżuri jżidu wkoll il-monitoraġġ tar-riskji esterni, li t-tnejn inaqqsu t-tbeddidiet għall-vijabbiltà tal-banek.
- (183) Ir-raba', skont l-awtoritajiet Islandiżi, il-possibbiltà msemmija diġà għall-FME li tillimita l-attivitajiet ta' bank hija mħeġġa wkoll mit-teħid ta' depożiti fuq skala kbira mill-banek kummerċjali Islandiżi qabel il-kriżi. Barra minn hekk, jidher ukoll, fil-fehma tal-Awtorità, li r-regoli ġodda dwar il-likwidità u l-bilanċ tal-kambju barrani<sup>(5)</sup> jinvolvu ċerti restrizzjonijiet fir-rigward tal-possibbiltà tal-banek li jattiraw ammonti kbar b'mod sproporzjonat ta' depożiti barranin, li kieku dawk kellihom jagħmlu n-negozju tal-bank aktar fraġli u vulnerabbli għar-riskji tal-likwidità u tal-kambju barrani. L-Awtorità tilqa' l-fatt li l-awtoritajiet Islandiżi wiegħbu għal dan l-aspett ta' falliment regolatorju.

<sup>(5)</sup> Fl-1 ta' Jannar 2011 daħlu fis-seħħ ir-Regoli l-Ġodda dwar il-Bilanċ tal-Kambju li ġew adottati mis-CBI. L-għan tar-regoli huwa li jillimitaw ir-riskju tal-kambju billi jipprevjenu lill-bilanċi tal-kambju milli jaqzbu l-limiti definiti. Waħda mill-aktar bidliet importanti mill-verżjonijiet preċedenti tar-Regoli hija li l-pożizzjoni permissibbli tal-kambju miftuħ f'muniti individwali tnaqqset minn 20 % għal 15 % tal-ekwità, filwaqt li l-bilanċ permissibbli tal-kambju totali tbaħxa minn 30 % għal 15 %. Ir-rapportaġġ tal-bilanċ tal-kambju huwa wkoll aktar dettaljat minn qabel, hekk kif l-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'munita barranija huma kklassifikati skont it-tip: self, bonds, titoli ta' ekwità, ishma f'fondi reċiproċi, depożiti, ftehimiet li jipproduċu l-interessi, djun mal-Bank Ċentrali, eċċ. F'każ li l-bilanċ tal-kambju jiddevja mil-limiti stabbiliti fir-regoli, l-impriża finanzjarja kkonċernata għandha tiegħu azzjoni sabiex telimina d-differenza fi żmien massimu ta' tlett ijiem tax-xogħol. Jekk il-miżuri ta' impriża finanzjarja jonqsu milli jiksbu dan, is-CBI jista' jikkalkula l-penali perjodiċi. Is-CBI ħa wkoll xi passi oħrajn sabiex jillimita l-iżbilanċi tal-kambju, pereżempju billi kkonkluda ftehim dwar tpartit tal-munita ma' wieħed mill-banek kummerċjali, kif ukoll l-akkwist ta' munita barranija. Skont is-CBI, dawn il-miżuri jippromwovu stabbiltà finanzjarja miżjuda u jappoġġjaw ir-riżervi tal-kambju mhux missellfa tas-CBI.

*Il-pjan ta' ristrutturar ta' Landsbankinn*

- (184) Fir-rigward tal-pjan ta' ristrutturar u l-miżuri fil-livell tal-bank, Landsbankinn essenzjalment irrikorra għal mudell bankarju aktar tradizzjonali, li jiffoka fuq is-saħħa prinċipali tiegħu fis-servizzi bankarji korporattivi u bl-immut domestiċi, li sejr in ikunu ffinanzjati b'mod predominanti permezz ta' depożiti tal-klijenti domestiċi.
- (185) Kif ġie indikat aktar 'il fuq, mill-mument tat-twaqqif tiegħu, Landsbankinn kien — meta mqabbel mal-predeċessur tiegħu — ingranat b'mod inqas sostanzjali. Billi l-biċċa l-kbira tad-dejn bl-ingrossa baqa' fil-proprjetà ta' Landsbanki, skont il-pjan tar-ristrutturar, huwa ma kellux bżonn jiddependi fuq il-finanzjament mill-ġdid billi joħroġ bonds mhux garantiti fis-swieq internazzjonali, li, fil-klima attwali, x'aktarx li tkun sfida akbar.
- (186) Fil-fatt, id-dipendenza fuq is-swieq bl-ingrossa u aktar tard fuq id-depożiti barranin għall-finanzjament mill-ġdid irriżultat f'waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-falliment ta' Landsbanki. Min-naħa l-oħra, il-finanzjament ta' Landsbankinn sa issa kien ibbażat ħafna fuq id-depożiti u l-ekwità (aktar minn 70 %), filwaqt li l-pjan tar-ristrutturar jipprevedi żieda żgħira fis-sehem tad-depożiti tal-obbligazzjonijiet totali. Il-pjan tar-ristrutturar juri li matul il-perjodu tar-ristrutturar ma kien hemm bżonn ta' ebda finanzjament mill-ġdid kbir [...], filwaqt li l-Awtorità tosserva b'mod pożittiv li la ritorn b'suċċess għas-swieq internazzjonali għal dejn mhux garantit u lanqas il-ħruġ inqas difiċli ta' bonds garantiti ma jiformaw Parti mis-suppożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat it-tbassir għall-finanzjament.
- (187) Fir-rigward tal-possibbiltà msemija qabel tal-ħruġ b'suċċess ta' bonds mhux garantiti, il-bank isostni li l-aptit attwalment limitat tal-investituri għal dan id-dejn jista' jerġa' jirkupra ladarba titneħħa l-garanzija tad-depożiti bla limiti, b'mod partikolari l-prijorità tad-depożiti, li bħalissa qiegħda tnaqqas l-attrazzjoni ta' forom oħrajn ta' dejn.
- (188) Abbażi tal-fatti sottomessi mill-awtoritajiet Islandiżi, l-Awtorità tqis li s-sitwazzjoni tal-finanzjament tal-bank tidher li sejra tkun b'saħħitha sal-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar. Fid-dawl tal-inċertezzi li għandhom x'jaqsmu mal-garanzija tad-depożiti u l-kontrolli kapitali, kif ukoll l-iżviluppi futuri ambigwi tas-swieq tad-djun (sovrani), hija ma tistax tikkonkludi dwar jekk l-istrateġija ta' finanzjament fit-tul ta' Landsbankinn hijiex sejra timmaterjalizza kif previst fit-tul. Madankollu, minħabba l-istabbiltà tal-prospetti tal-finanzjament, b'mod partikolari d-dipendenza qawwija fuq id-depożiti u l-ekwità matul il-perjodu tar-ristrutturar, u s-sehem kbir ta' dawk it-tipi ta' dejn fuq il-karta tal-bilanċ, l-Awtorità tikkonċedi li varjazżjonijiet żgħar fl-istrateġija ta' finanzjament mhumiex sejr in ikunu ta' theddida għall-vijabbiltà tal-bank.
- (189) Fir-rigward tal-assi tal-karta tal-bilanċ, il-biċċa l-kbira tal-assi internazzjonali riskjużi nżammu wkoll fil-proprjetà ta' Landsbanki. B'riżultat ta' dan, il-karta tal-bilanċ ċkienet b'madwar 75 %. B'hekk, ġie rrimedjat nuqqas ewlieni tal-mudell kummerċjali ta' Landsbanki — id-dipendenza fuq assi internazzjonali riskjużi u, b'mod partikolari, id-dipendenza qawwija fuq il-profitti mis-servizzi bankarji ta' investment (43 % tal-profitti ta' qabel il-kriżi) mingħajr valutazzjoni tar-riskji xierqa u għarfien limitat dwar is-suq. L-Awtorità tilqa' l-fatt li, skont il-pjan tar-ristrutturar, il-bank mhux se jinvolvi ruħu f'negozju simili fil-ġejjieni, iżda minflok se jiffoka fuq in-negozju prinċipali u tradizzjonali tiegħu.
- (190) Huwa evidenti li l-bank kiber minn mindu twaqqaf, b'mod partikolari permezz tal-akkwisti ta' SpKef u SpSv kif deskritti hawn fuq. Madankollu, skont il-pjan tar-ristrutturar, dan ma għandu ebda impatt kbir fuq il-mudell kummerċjali ta' Landsbankinn, billi SpKef u SpSv iddisponew primarjament mill-assi domestiċi ta' karatteristiċi simili għal dawk fil-portafoll ta' Landsbankinn. Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità tqis li l-iżvestimenti impenjati, li huma diskussi aktar hawn isfel, sejr in jikkontribwixxu sabiex jippermettu lil Landsbankinn jiffoka fuq in-negozju prinċipali tiegħu. L-għeluq impenjat ta' [...] fergħat matul il-perjodu tar-ristrutturar se jikkontribwixxi sabiex jippermetti lil Landsbankinn jikseb żidiet fl-effiċjenza.

- (191) Sfida konsiderevoli għall-bank hija r-ristrutturar tas-self li ġie ttrasferit minn Landsbanki. F'dan ir-rigward, l-Awtorità tinnota b'mod pożittiv li dan il-proċess ta' ristrutturar huwa prijorità għall-bank, kif muri mill-ħafna proposti ġeneriċi u mfassla apposta li għamel il-bank lill-klijenti tiegħu b'ingranaġġ eċċessiv. Huwa ħoloq ukoll diviżjoni ta' ristrutturar b'ammont tajjeb ta' ħaddiema. Filwaqt li l-proċess ma għamilx il-progress malajr kif kien ippjanat fil-bidu, diġà sar ħafna. Pereżempju, sat-30 ta' Marzu 2012, 75 % tad-dejn totali fi ħtieġa ta' ristrutturar għadda minn xi forma ta' aġġustament tad-dejn. Barra minn hekk, skont iċ-ċifri sottomessi mill-awtoritajiet Islandiżi, il-maġġoranza kbira tagħhom setgħu jħallsu d-dejn tagħhom wara r-ristrutturar.
- (192) L-Awtorità hija tal-fehma li dan huwa indikatur tas-saħħa tal-metodi tar-ristrutturar ta' Landsbankinn u jservi bħala evidenza li l-bank fil-fatt għamel ir-ristrutturar tal-portafoll tas-self tiegħu bħala prijorità. Barra minn hekk, abbażi tal-progress li sar sa issa, jidher li huwa realistiku li l-bank jista' jilħaq il-mira tiegħu li jlesti 92 % tar-ristrutturar (f'termini tal-volum tas-self totali) sal-aħħar tas-sena 2012.
- (193) L-Awtorità tinnota b'mod pożittiv ukoll li l-pjan tar-ristrutturar qiegħed ibassar biss żieda ta' [...] % f'termini tas-self lill-klijenti matul il-perjodu tar-ristrutturar. Dan jidher li huwa plawżibbli fl-ambjent ekonomiku attwali. Hija tal-fehma wkoll li l-importanza mnaqsa tal-ekwitajiet u tal-istrumenti tal-ekwiżità, b'mod partikolari l-bejgħ impenjat ta' [...] (ara l-Anness), sejra tkompli tnaqqas l-istat ta' riskju tal-portafoll tal-assi ta' Landsbankinn.
- (194) B'mod ġenerali, sakemm ma jkunx hemm xi żviluppi mhux mistennija fl-ambjent makroekonomiku fl-Islanda jew barra mill-pajjiż, dan jidher li qiegħed jissuġġerixxi li sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-perjodu tar-ristrutturar, Landsbankinn se jkollu karta tal-bilanċ relattivament b'saħħitha u portafolli tas-self li jkunu sejrin tajjeb.
- (195) Kif ġie indikat aktar 'il fuq, il-kapitalizzazzjoni dgħajfa ta' Landsbanki kienet waħda mill-fatturi li wasslu għall-falliment tiegħu. Il-pjan ta' ristrutturar ta' Landsbankinn ibassar li l-bank se jibqa' 'l fuq sewwa mill-proporzjon minimu ta' CAD ta' 16 % matul il-perjodu tar-ristrutturar. Dan il-proporzjon huwa 'l fuq sewwa mir-rekwiżit minimu ta' 10,5 % ta' Basel III għall-ġejjieni. Anki fit-testijiet ta' stress severi biżżejjed li għamel Landsbankinn u li huma konformi mar-rekwiżit tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar ta' "taħlita ta' avvenimenti ta' stress, inkluża reċessjoni globali protratta" (cf. il-paragrafu 13 tagħhom), il-proporzjon ta' CAD mhuwiex mistenni jinżel taħt dan il-punt ta' riferiment għoli. L-Awtorità tqis li huwa prudenti u komdu li, anki fil-każ ta' stress bl-akbar impatt fuq il-bażi kapitali ta' Landsbankinn — essenzjalment diżintegrazzjoni taż-żona ewro — il-bank iżomm [...] % tal-kapital żejjed, li, f'ambjent operattiv kif deskritt hawn fuq, jipprovdi lil Landsbankinn b'bafer sinjifikanti sabiex ikun jista' jitratta l-avversitajiet mhux mistennija.
- (196) Barra minn hekk, il-proporzjon ta' CAD ta' Landsbankinn se jkompli jiddied b'mod gradwali matul il-perjodu tar-ristrutturar. Abbażi ta' dan, l-Awtorità tqis li l-kapitalizzazzjoni ta' Landsbankinn tagħmel lill-bank reżistenti biżżejjed.
- (197) Fir-rigward tal-pożizzjoni tal-likwidità tal-banek, l-Awtorità tosserva li jidher li bħalissa hija robusta biżżejjed, kif ukoll li ma hemm ebda indikazzjoni li s-sitwazzjoni għandha tiddeterjora b'mod sostanzjali matul il-perjodu tar-ristrutturar. L-Awtorità tinnota b'mod pożittiv li l-bank diġà beda jadatta l-politika tal-likwidità tiegħu sabiex jikkonforma mar-rekwiżit ta' Basel III għall-ġejjieni. Hija tal-fehma li l-LCR attwali tal-bank ta' [...] % huwa indikatur komdu, b'mod partikolari meta mqabbel mal-medja ta' 83 % li ġiet stabbilita fi studju li jinkludi aktar minn 200 bank u li sar mill-Bank għall-Flasijiet Internazzjonali <sup>(56)</sup>. Barra minn hekk, skont l-ittestjar tal-istress tal-proporzjon tal-likwidità tal-bank, l-Awtorità tqis li s-sitwazzjoni tal-likwidità ta' Landsbankinn hija b'saħħitha.

<sup>(56)</sup> Cf. <http://www.bis.org/press/p120412a.htm>.

- (198) L-Awtorità tilqa' wkoll il-bidliet fit-tmexxija korporattiva ta' Landsbankinn u t-tibdil ta' membri ewlenin tal-persunal. Bl-istess mod, ir-rwol akbar tal-ġestjoni tar-riskji, kif deskritt hawn fuq, jindirizza, fil-fehma tal-Awtorità, nuqqas fil-mudell kummerċjali ta' Landsbankinn u se jikkontribwixxi għal valutazzjoni tar-riskju aktar oġġettiva u professjonali fl-operazzjonijiet tal-bank.
- (199) Il-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jistabbilixxu wkoll li l-pjan tar-ristrutturar għandu juri kif il-bank se jikseb lura l-vijabbiltà fit-tul tiegħu mingħajr għajjnuna mill-Istat u mill-aktar fis possibbli. B'mod partikolari, il-bank għandu jkun jista' jiġġenera redditu azzjonarju xieraq, filwaqt li jkopri l-ispejjeż kollha tal-operat normali tiegħu u fl-istess waqt jikkonforma mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti. B'mod partikolari, il-punt 13 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jindika li l-vijabbiltà fit-tul tinkiseb meta bank ikun jista' jkopri l-ispejjeż kollha tiegħu, inklużi d-deprezzament u l-ħlasijiet finanzjarji, filwaqt li jipprovi redditu azzjonarju xieraq, b'kunsiderazzjoni tal-profil ta' riskju tal-bank.
- (200) F'dan il-punt, l-Awtorità tfakkar li l-ambjent ekonomiku li fih jopera Landsbankinn huwa diffiċli għal kwalunkwe bank. Barra minn hekk, l-Awtorità hija tal-fehma li għandu jintlaħaq bilanċ diffiċli għal kwalunkwe bank fl-Islanda fil-mument bejn il-mira li tiżdied il-profittabbiltà u ż-żamma ta' bilanċ kapitali sikur (jiġifieri għoli). B'kunsiderazzjoni ta' dan, l-Awtorità hija sodisfatta bil-profittabbiltà mbassra tal-pjan tar-ristrutturar, li, minkejja l-proporzjon kapitali għoli, se jkun adegwat matul il-perjodu tar-ristrutturar. Bejn l-2009 u l-2014, l-ROE qiegħed iwarja bejn  $[> 5]$  % u  $[> 15]$  %.
- (201) Madankollu, kif ġie deskritt aktar 'il fuq, din il-varjazzjoni hija dovuta wkoll għal sitwazzjonijiet u avvenimenti irregolari, bħal pereżempju, il-profitti ta' valutazzjoni mill-assi ttrasferiti minn Landsbanki. Avvenimenti oħrajn li jistgħu jħallu impatt jinkludu avvenimenti ta' darba bħall-bejgħ b'suċċess mhux mistenni tas-sussidjarji fuq naħa waħda u t-tniżżil fil-valur ikkawżat mid-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Suprema dwar is-self fmunita barranija fuq in-naħa l-oħra. Il-kalkolazzjoni sottomessa mill-awtoritajiet Islandiżi, fejn id-Dikjarazzjoni tal-Profitt u t-Telf (P&L) tnaddfet minn dawk l-elementi irregolari, tindika li l-bank għamel u se jkompli jagħmel profitti relattivament stabbli mill-2011 'il quddiem. Ir-rapport maħruġ mill-Investimenti Finanzjarji tal-Istat Islandiż ("ISFI"), imsemmi aktar 'il fuq, jidher li jappoġġja din il-konklużjoni. Mhuwiex ċar jekk dawn il-kalkoli humiex tali li jirriflettu biss il-"profittabbiltà prinċipali" tal-bank. Madankollu, l-Awtorità tosserva li l-importanza tal-iskont tonqos b'mod rapidu matul il-perjodu tar-ristrutturar, filwaqt li l-bank qiegħed jistenna li jirrapporta profitti "ewlenin" ta' bejn madwar [...] u ISK [...] biljun fis-sena skont il-pjan tar-ristrutturar fil-perjodu bejn l-2012 u l-2014.
- (202) Uħud mill-aktar aspetti rilevanti u aktar dettaljati tal-ippjanar finanzjarju ssemmev diġà aktar 'il fuq. L-Awtorità hija tal-fehma li, b'mod ġenerali, dawn is-suppożizzjonijiet jidhru li huma prudenti biżżejjed, meta wieħed iqis l-ambjent operattiv diffiċli. Fir-rigward tal-marġini tar-rata tal-imgħax, l-Awtorità tosserva li anki wara t-tnaqqis antiċipat għal [...] %, dan jidher li se jkun pjuttost għoli f'paragun internazzjonali<sup>(57)</sup>. Skont l-awtoritajiet Islandiżi, matul dawn l-aħħar deċennji, il-marġini kien bejn wieħed u ieħor f'dak il-livell jew saħansitra flivell ogħla. Fost fatturi oħrajn, dan huwa dovut għall-ambjent b'rata ta' imgħax għolja fl-Islanda, għas-sehem aktar baxx ta' ipoteki fil-portafoll tas-self u għad-daqs iżgħar tal-banek. L-Awtorità tqis li dawn l-ispejjeżijiet huma raġonevoli u, għaldaqstant, issib li dan l-aspett tal-ippjanar finanzjarju huwa plawżibbli biżżejjed.
- (203) Fattur importanti ieħor għall-profittabbiltà fil-ġejjieni huwa dħul akbar mill-miżati u l-kummissjonijiet, li mistenni jiżdied b'madwar [...] %. Din iż-żieda mbagħad mistennija tiġġenera profitti ta' aktar minn ISK [...] biljun fl-2014. L-awtoritajiet Islandiżi jsostnu li dawn il-projezzjonijiet huma plawżibbli, minħabba li attivitajiet kummerċjali bħal tranżazzjonijiet relatati mal-borża u l-kummerċ fmunita barranija Prattikament staġnaw wara l-kollass u l-introduzzjoni tal-kontrolli kapitali.

<sup>(57)</sup> Cf., pereżempju, ir-rapport dwar l-Istabbiltà Finanzjarja ta' CBI 2011:2, li jgħid li l-marġini tar-rata tal-imgħax huwa madwar darbtejn jew tliet darbiet ogħla fl-Islanda milli huwa f'pajjiżi Nordiċi oħrajn.

- (204) Il-bank ħa għadd ta' inizzjattivi, kif deskritti fuq, bil-għan li jżid l-effiċjenza u jnaqqas l-ispiża, fost l-oħrajn, it-tnaqqis ippjanat tal-membri tal-persunal kif deskritt aktar 'il fuq, l-għeluq impenjat ta' [...] fergħat u simplifikazzjoni ġenerali tal-operazzjonijiet. B'mod ġenerali, dawn il-miżuri għandhom inaqqsu l-proporzjon tad-dħul relatat mal-ispejjeż minn 57,2 % għal [...] % fl-2014. L-Awtorità tilqa' dawn l-isforzi, billi l-proporzjon attwali jidher li huwa pjuttost għoli f'paragun internazzjonali. L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li huwa plawżibbli li din il-mira tista' tabilħaq tintlaħaq.
- (205) Minbarra l-punti msemmija hawn fuq, huwa evidenti li l-pjan ta' ristrutturar huwa bbażat fuq numru kbir ta' suppożizzjonijiet oħrajn. L-Awtorità mmirat li tifli bir-reqqa daww is-suppożizzjonijiet li jidhru li huma l-aktar pertinenti u tal-akbar influwenza għall-vijabbiltà ta' Landsbankinn fil-ġejjieni. Is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi jidhru li huma konformi mal-previżjonijiet tas-CBI. B'mod ġenerali, is-suppożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat il-pjan tar-ristrutturar jidhru li huma prudenti biżżejjed sabiex jippermettu l-konklużjoni li l-miżuri ta' ristrutturar meħuda mill-bank huma suffiċjenti sabiex jiżguraw il-vijabbiltà fit-tul tiegħu, sakemm ma jkunx hemm xi avvenimenti negattivi mhux mistennija ta' skala u konsegwenzi imprevedibbli.
- (206) Fid-dawl tal-elementi msemmija hawn fuq, l-Awtorità tqis li l-pjan tar-ristrutturar jispjega r-riġenerazzjoni tal-vijabbiltà fit-tul tal-bank. Għalhekk, l-Awtorità tikkonkludi li d-dispożizzjonijiet tat-taqsima 2 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar ġew issodisfati.

### 3.3. Il-kontribuzzjoni proprja/il-kondiviżjoni tal-piżijiet

- (207) Il-paragrafu 22 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jaqra kif ġej: "Sabiex jiġu llimitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jiġi indirizzat il-periklu morali, l-għajnuna għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju, filwaqt li l-benefiċjarju tal-għajnuna għandu jipprovi kontribuzzjoni proprja għall-ispejjeż tar-ristrutturar. Il-bank u d-detenturi tal-kapital tiegħu għandhom jikkontribwixxu kemm jista' jkun għar-ristrutturar bir-riżorsi proprji tagħhom. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-banek salvati jgħorru responsabbiltà adegwata għall-konsegwenzi tal-imġiba tagħhom fil-passat u sabiex jinħolqu inċentivi xierqa għall-imġiba tagħhom fil-ġejjieni".
- (208) F'dan ir-rigward, l-Awtorità tfakkar aspeċt deċiżiv tal-każ inkwistjoni. Meta twaqqaf Landsbankinn fuq il-bażi tal-operazzjonijiet domestiċi ta' Landsbanki, l-investimenti tal-azzjonarji f'Landsbanki kienu spiċċaw kompletament fix-xejn u b'hekk ikkontribwew sal-massimu possibbli għar-ristrutturar ta' Landsbankinn. Barra minn hekk, il-kredituri ta' Landsbanki kellhom jagħmlu telf konsiderevoli <sup>(58)</sup>, jew għall-inqas kellhom jassumu r-riskju tal-investiment tagħhom skont il-prestazzjoni tal-assi ttrasferiti lil Landsbankinn (permezz tal-bond kontinġenti). Għalhekk, safejn huma kkonċernati l-proprjetarji u l-kredituri ta' Landsbanki, il-kriterju tal-kondiviżjoni tal-piżijiet huwa sso-disfat u l-kwistjoni tal-periklu morali ġiet indirizzata.
- (209) Minbarra l-punti msemmija hawn fuq, l-Awtorità għandha tevalwa jekk l-għajnuna mill-Istat li rċieva Landsbankinn kinix limitata għall-minimu meħtieġ.
- (210) Fir-rigward tal-miżuri ta' kapitalizzazzjoni, il-kapitalizzazzjoni inizjali ta' Landsbankinn fit-twaqqif tiegħu kienet taħt ir-rekwiżiti kapitali tal-FME (13 % minflok 16 %). Fl-2009, wara li ntlaħaq il-ftehim ma' Landsbanki, il-proporzjon ta' CAD laħaq perċentwal ta' 15 %, punt perċentwali inqas mill-proporzjon minimu stabbilit mill-FME, li tat eżenzjoni temporanja. F'dan il-kuntest, l-Awtorità tosserva li l-proporzjon kapitali (għall-ġejjieni) kien jiddependi primarjament fuq jekk il-valutazzjoni tal-assi li kienu ttrasferiti minn Landsbanki lil Landsbankinn saritx b'mod preċiż. Il-fatt li l-proporzjon ta' CAD ta' Landsbankinn sussegwentement kiber b'saħħtu biżżejjed sabiex ikun jista' jassorbi l-operazzjonijiet ta' Spkef, u aktar tard ta' SpSv, ġie spjegat permezz tal-kitba tal-valur skont il-kotba tal-assi li kienu ġew ittrasferiti. Fil-fehma tal-Awtorità, il-fatt li l-proporzjon ta' CAD aktar tard żviluppa tant b'saħħtu ma jagħti ebda raġuni sabiex wieħed iqis li Landsbankinn kien inġhata kapital eċċessiv mill-Istat fil-bidu nett.

<sup>(58)</sup> Il-firxa eżatta tat-telf għadha inċerta u tvarja skont il-klassifikazzjoni. Indikazzjoni tat-telf, skont l-estimi attwali, tista' tiġi dedotta minn [http://www.lbi.is/library/Opin-gogn/skysrslan/Opna%20neti%20-%20CreditorsMeeting\\_31Mai2012%20-%20%20islenskaME.pdf](http://www.lbi.is/library/Opin-gogn/skysrslan/Opna%20neti%20-%20CreditorsMeeting_31Mai2012%20-%20%20islenskaME.pdf), li turi li l-obbligazzjonijiet huma bejn wieħed u ieħor 3 darbiet akbar mill-assi fil-proprjetà.

- (211) Il-paragrafu 26 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jstabbilixxi li l-banek li jirċievu għajnuna għar-ristrutturar “għandhom ikunu kapaċi jirrimuneraw il-kapital, inkluż fil-forma ta’ dividendi u kupuni fuq dejn subordinat li jkun għadu dovut, mill-profitti ġġenerati mill-attivitajiet tagħhom”.
- (212) L-Awtorità kkjarifikat il-linji gwida tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-injezzjonijiet ta’ kapital li saru permezz ta’ ishma fl-2012. Il-paragrafi 7-8 tal-Linji Gwida dwar il-Kriżi Finanzjarja tal-2012 jstabbilixxu: “Fid-dawl tal-bidliet regolatorji u l-ambjent tas-suq li qiegħed jinbidel, l-Awtorità qiegħda tantiċipa li, fil-ġejjieni, l-injezzjonijiet ta’ kapital mill-Istat jistgħu jseħħu l-aktar fil-forma ta’ ishma b’rimunerazzjoni varjabbli. Ikun tajjeb li ssir kjarifika tar-regoli dwar l-ipprezzar tal-injezzjonijiet ta’ kapital, billi r-rimunerazzjoni tal-ishma ssir fil-forma ta’ dividendi u qligħ kapitali (li ma jkunx hemm ċertezza dwarhom), li jagħmluha diffiċli li ssir valutazzjoni diretta *ex ante* tar-rimunerazzjoni fuq strumenti bħal dawn. Għaldaqstant, l-Awtorità sejra tivvaluta r-rimunerazzjoni ta’ injezzjonijiet ta’ kapital bħal dawn fuq il-bażi tal-prezz tal-ishma meta jinħarġu. L-injezzjonijiet tal-kapital għandhom ikunu sottokritti bi skont suffiċjenti għall-prezz tal-ishma (wara aġġustament għall-‘effett ta’ dilwizzjoni’) immedjatament qabel it-tħabbir tal-injezzjoni ta’ kapital biex tingħata assigurazzjoni raġonevoli ta’ rimunerazzjoni adegwata għall-Istat”<sup>(59)</sup>.
- (213) Fil-fehma tal-Awtorità, din id-dispożizzjoni mhijiex direttament applikabbli għall-każ inkwistjoni, billi, teknikament, l-Istat ikkapitalizza bank ġdid. B’hekk, l-azzjonisti antiki ma setgħux jiġu dilwiti fil-veru sens tal-kelma. Madankollu, ir-raġuni wara d-dispożizzjoni hija li l-proprietà dilwita b’mod suffiċjenti u l-profitti futuri għandhom jiġu allokatati lill-Istat li kellu jieħu riskju billi injetta kapital f’kumpanija li kienet tinsab f’diffikultà.
- (214) Fil-każ inkwistjoni, huwa evidenti li l-Istat kiseb il-maġġoranza (81,33 %) tal-proprietà ta’ Landsbankinn u konsewwentement se jirċievi l-istess sehem ta’ profitti fil-ġejjieni, filwaqt li l-azzjonisti preċedenti ma jirċievu xejn. Sa ċertu punt, l-azzjonisti attwali ta’ minoranza, li huma kredituri preċedenti, se jrin jipparteċipaw fil-profitti futuri. Madankollu, il-probabbiltà kbira hija li dawn xorta jkollhom iġorru telf sinjifikanti, kif ġie stipulat aktar ‘il fuq.
- (215) Barra minn hekk, il-prestazzjoni ta’ Landsbankinn sa mit-twaqqif tiegħu kienet adegwata, filwaqt li l-pjan ta’ ristrutturar jipprevedi profitti stabbli għas-snin li ġejjin. Għalhekk, l-Awtorità hija tal-fehma li kien hemm konformità mar-rekwiżit tal-Paragrafu 26 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar, flimkien mal-Paragrafu 8 tal-Linji Gwida dwar il-Kriżi Finanzjarja tal-2012.
- (216) Filwaqt li t-tranżazzjoni ta’ Spkef, kif ġiet deskritta hawn fuq, tinvolvi elementi ta’ għajnuna mill-Istat, l-Awtorità tqis li din tfasslet b’tali mod li timmira li teskludi vantaġġ finanzjarju dirett għal Landsbankinn. F’dan ir-rigward, hija tfakkar li l-kumpens finali għat-trasferiment tad-depożiti ta’ Spkef ġie stabbilit minn kumitat tal-arbitraġġ indipendenti. Għalhekk, din it-tranżazzjoni tikkostitwixxi essenzjalment kumpens innegożjat għal Landsbankinn fi skambju għat-trasferiment tal-obbligazzjonijiet tad-depożiti ta’ Spkef. L-Awtorità ma tqisx li din l-għajnuna hija ta’ importanza kbira għall-valutazzjoni tagħha dwar il-kondiviżjoni tal-piżijiet. Madankollu, l-avvjament addizzjonali u s-sehem mis-suq li kiseb Landsbankinn permezz tat-tranżazzjoni għandhom piż aktar sinjifikanti fuq il-valutazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni msemmija hawn taħt.

<sup>(59)</sup> Il-Linji Gwida dwar il-Kriżi Finanzjarja 2012, adottati mill-Awtorità fl-14 ta’ Diċembru 2011 taħt il-Kapitolu VII: Regoli Temporanji rigward il-Kriżi Finanzjarja. Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità fuq: <http://www.eftasurv.int/media/state-aid-guidelines/Part-VIII—Financial-Crisis-Guidelines-2012.pdf>. Enfasi miżjuda.

- (217) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-garanzija tad-depożiti, l-Awtorità diġà indikat fid-deċiżjoni tal-ftuħ li — fid-dawl ta' ċirkostanzi straordinarji fil-mument — din tista' tikkostitwixxi mezz proporzjonat għall-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja fl-Islanda. Madankollu, huwa evidenti li tali għajjnuna ma tistax tiġi approvata b'mod indefinit.
- (218) B'hekk, sabiex din l-għajjnuna mill-Istat tkun tista' titqies bħala limitata għall-minimu meħtieġ, l-Awtorità hija tal-opinjoni li din għandha titwaqqaf mill-aktar fis possibbli. Għalhekk, l-Awtorità tilqa' l-intenzjoni tal-awtoritajiet Islandiżi li jabolixxu l-garanzija tad-depożiti qabel jitneħħew il-kontrolli kapitali, jiġifieri, skont il-pjanijiet attwali, sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-2013.
- (219) Sabiex jiġi indirizzat id-dewmien fit-tneħħija tal-kontrolli kapitali u sabiex tkun riflessal-fehma tal-Awtorità li bank vijabbli għandu jkun jista' jikkompeti fis-suq mingħajr il-protezzjoni ta' tali garanzija globali fuq id-depożiti, hija għalhekk tawtorizza l-garanzija tad-depożiti sal-aħħar tal-2014. <sup>(60)</sup> Wara dak iż-żmien, il-protezzjoni tad-depożiti għandha tiġi rregolata biss mil-leġiżlazzjoni taż-ŻEE applikabbli fir-rigward tal-garanziji tad-depożiti.
- (220) L-Awtorità tikkonkludi li l-pjan tar-ristrutturar ta' Landsbankinn jiżgura li l-għajjnuna tkun limitata għall-minimu meħtieġ u li l-benefiċjarju, l-azzjonisti u d-detenturi tad-dejn tal-bank predeċessur tiegħu jkun pparteċipaw b'mod sinjifikanti fil-kondiviżjoni tal-piżijiet. B'hekk, l-għajjnuna għar-ristrutturar tikkonforma mat-taqsima 3 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar.

### 3.4. Il-limitazzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni

- (221) Il-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar jistabbilixxu fil-paragrafi 29-32 tat-taqsima 4:

“L-istabbiltà finanzjarja tibqa' l-għan primarju tal-għajjnuna għas-settur finanzjarju fi kriżi sistemika, iżda s-salvagwardjar tal-istabbiltà sistemika għal perjodu qasir ma għandux jirriżulta fi ħsara għal perjodu itwal għall-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ugwali u għas-swieq kompetittivi. F'dan il-kuntest, il-miżuri maħsuba biex jillimitaw id-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni minħabba l-għajjnuna mill-Istat għandhom rwol importanti. [...] Il-miżuri maħsuba biex jillimitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni għandhom jifasslu b'mod speċifiku sabiex jindirizzaw id-distorsjonijiet identifikati fis-swieq fejn jopera l-bank benefiċjarju wara r-ritorn tiegħu għall-vijabbiltà wara r-ristrutturar, filwaqt li fl-istess ħin jaderixxu ma' politika u prinċipji komuni. Il-Kummissjoni tiegħu bħala punt ta' tluq għall-valutazzjoni tagħha tal-ħtieġa ta' miżuri bħal dawn, id-daqs, l-iskala u l-ambitu tal-attivitajiet li jkollu l-bank inkwistjoni wara l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar kredibbli kif previst fit-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu. [...] In-natura u l-forma ta' miżuri bħal dawn se jrid jiddependu fuq żewġ kriterji: l-ewwel, l-ammont tal-għajjnuna u l-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li taħtom ingħatat u, it-tieni, il-karatteristiċi tas-suq jew tas-swieq li fihom se jopera l-bank benefiċjarju.

Fir-rigward tal-ewwel kriterju, il-miżuri maħsuba biex jillimitaw id-distorsjonijiet se jrid ivarjaw b'mod sinjifikanti skont l-ammont tal-għajjnuna, kif ukoll skont il-grad tal-kondiviżjoni tal-piżijiet u l-livell tal-prezzijiet. Ġeneralment, fejn il-kondiviżjoni tal-piżijiet ikun akbar u l-kontribuzzjoni proprja tkun ogħla, ikun hemm inqas konsegwenzi negattivi li jirriżultaw mill-periklu morali.

Fir-rigward tat-tieni kriterju, l-Awtorità sejra tanalizza l-effetti probabbli tal-għajjnuna fuq is-swieq fejn jopera l-bank benefiċjarju wara r-ristrutturar. L-ewwel nett, se jrid jiġu eżaminati d-daqs u l-importanza relattiva tal-bank fis-suq jew fis-swieq tiegħu, wara li jkun irritorna għall-vijabbiltà. Il-miżuri se jrid jifasslu skont il-karatteristiċi tas-suq sabiex jiġi żgurat li tiġi ppreservata l-kompetizzjoni effettiva. [...] Il-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni ma għandhomx jippreġudikaw il-prospetti tar-ritorn tal-bank għall-vijabbiltà.”

- (222) Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li d-daqs tal-għajjnuna, b'mod partikolari f'termini relattivi, kif ukoll il-karatteristiċi tas-suq, huma essenzjali fil-valutazzjoni mill-Awtorità tal-adeqgatezza tal-miżuri li jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Fl-istess waqt, huwa evidenti li tali miżuri ma għandhomx jipperikolaw il-vijabbiltà tal-benefiċjarju tal-għajjnuna għar-ristrutturar, filwaqt li t-tħassib relatat mal-kompetizzjoni għandu jiġi indirizzat fid-dawl tal-għan prevalenti tal-istabbiltà finanzjarja fil-kriżi preżenti.

<sup>(60)</sup> Sal-aħħar tal-2014, il-perjodi tar-ristrutturar tal-bank Islandiżi kollha li għalihom inbdiet investigazzjoni formali ser ikollhom jiġu fi tmiemhom.



- (223) Fl-isfond tal-qafas legali msemmi qabel, fil-paġni li ġejjin, l-Awtorità sejra tippreskrivi l-kunsiderazzjonijiet li hija tqis li huma essenzjali għall-valutazzjoni tagħha tal-miżuri li huma maħsuba sabiex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.
- (224) L-ewwel u qabel kollox, l-Awtorità hija tal-fehma li minħabba s-sitwazzjoni partikolari fis-swieq finanzjarji Islandiżi, jeħtieġ li ssir valutazzjoni bir-reqqa tal-kundizzjonijiet tas-suq u tal-ambjent kompetittiv. Il-miżuri li jillimitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni għandhom jirriflettu ċ-ċirkostanzi diffiċli attwali, filwaqt li jiżguraw li d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jkunu limitati għal minimu, kemm għal perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fit-tul.
- (225) It-tieni, kif ġie stabbilit aktar 'il fuq fit-taqsima dwar il-kondiviżjoni tal-piżijiet, ġie indirizzat l-akbar kontribut possibbli mill-proprjetarji preċedenti ta' Landsbanki u, sa ċertu punt, tal-kredituri ta' Landsbanki. Konsegwentement, ġiet illimitata l-ħtieġa għal miżuri ta' kompetizzjoni addizzjonali.
- (226) It-tielet, fir-rigward tal-karatteristiċi tas-suq rilevanti, il-kollass tas-sistema finanzjarja fl-Islanda, segwit mill-interventi tal-awtoritajiet Islandiżi, wasslu għal konċentrazzjoni akbar fis-suq Islandiż għas-servizzi finanzjarji, filwaqt li żiedu b'mod sostanzjali s-sehem mis-suq mit-tliet banek ewlenin — Íslandsbanki, Arion Bank u Landsbankinn. Apparti dawn, illum il-ġurnata għad fadal biss xi ftit parteċipanti oħrajn żgħar fis-suq, filwaqt li l-prospett immedjat tad-dħul ta' parteċipant ġdid huwa żgħir ħafna, minħabba l-ostakoli għad-dħul imsemmija diġà u d-daqs żgħir tas-suq, kif ukoll, b'mod partikolari, minħabba l-kontrolli kapitali. Landsbankinn igawdi minn pożizzjoni sinjifikanti ħafna f'dan is-suq ikkonċentrat, b'sehem mis-suq ta' aktar minn 30 % fil-biċċa l-kbira tas-segmenti. Huwa fil-fatt l-akbar bank Islandiż f'termini tal-karta tal-bilanċ.
- (227) Ir-raba', il-kriżi wasslet għal numru ta' problemi speċifiċi ħafna, bħal-livell estremament għoli tal-proprjetà diretta u indiretta tal-banek il-kbar fl-ekonomija reali, kif ukoll l-emerġenza ta' monopolju *de facto* għas-servizzi bankarji tal-IT (RB), li l-maġġoranza tagħhom huma pposseduti mit-tliet banek.
- (228) Il-ħames, id-daqs relattiv tal-ghajjnuna li rċieva Landsbankinn huwa sinjifikanti. F'dan ir-rigward, l-Awtorità tosserva li, fil-bidu nett, il-kapital kollu tal-bank kien ipprovdut mill-Istat. Barra minn hekk, il-bank ibbenifika minn miżuri oħrajn ta' ghajjnuna — it-tranżazzjoni ta' Spkef u l-garanzija tad-depożiti. Minbarra dan, SpSv irċieva l-ghajjnuna qabel ma għadda f'idejn Landsbankinn. Fl-istess waqt, Landsbankinn għadu bank żgħir, għall-inqas skont l-istandards internazzjonali.
- (229) Is-sitt, il-kontroll ta' Spkef u SpSv mill-bank jitlob li jittieħdu miżuri ta' kompetizzjoni addizzjonali. Fid-deċiżjoni dwar SpSv, l-Awtorità enfasizzat li l-pjan ta' ristrutturar ta' Landsbankinn għandu jinkludi miżuri bħal dawn.
- (230) F'dan l-isfond, l-Awtorità tosserva li ttieħdu jew sejrjn jittieħdu għadd ta' miżuri li huma maħsuba biex jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-ghajjnuna mill-Istat mogħtija lil Landsbankinn.
- (i) Il-miżuri meħuda u l-iżviluppi regolatorji mwiegħda mill-awtoritajiet Islandiżi
- (231) Il-gvern Islandiż għamel żewġ impenji speċifiċi (ara l-Anness), li fil-fehma tal-Awtorità jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjent regolatorju li jiffavorixxi l-kompetizzjoni fis-swieq finanzjarji:

- (232) L-ewwel nett, billi ħatar grupp ta' ħidma li għandu jirrevedi l-Att Nru. 36/1978 dwar it-Taxxa tal-Bolla, kif ukoll billi jeżamina b'mod partikolari jekk għandhomx jiġu aboliti t-taxxi tal-bolla għall-bonds maħruġa minn individwi meta jiġu ttrasferiti bejn il-kredituri (pereżempju, meta l-individwi jittrasferixxu s-self tagħhom minn istituzzjoni ta' self waħda għal oħra). L-Awtorità hija tal-fehma li l-liġi attwali — li fost l-oħrajn tobblija lill-klijenti biex iħallsu t-taxxa tal-bolla fuq l-ammont tal-bond rispettiv (<sup>61</sup>) meta jaqilbu l-mutwanti — tista' tkun kapaċi tikkostitwixxi impediment għall-kompetizzjoni, minħabba li hija tista' timblokka lill-klijenti għall-kuntratti eżistenti fuq self fit-tul. B'hekk, l-Awtorità tilqa' l-impenn sabiex tiġi riveduta din il-liġi.
- (233) It-tieni, l-Awtorità tinnota li skont riżoluzzjoni li ġiet approvata mill-Parlament Islandiż fil-21 ta' Marzu 2012, kumitat jinħatar mill-gvern bil-mandat li janalizza l-protezzjoni tal-konsumaturi fis-suq finanzjarju. Dan jinkludi mandat speċifiku għall-analiżi tal-iffaċilitar tal-bdil u t-tnaqqis tal-ispejjeż marbuta mal-bdil, kif ukoll sabiex il-kumitat ikun jista' jaħdem mill-qrib mal-ICA fir-rigward ta' dik il-kwistjoni. Il-Kumitat għandu jippreżenta r-rapport tiegħu sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2013. Tali valutazzjoni aktar mill-qrib tista' tkun ta' benefiċċju għall-kompetizzjoni fit-tul. Sadanittant, l-impenn minn Landsbankinn speċifiku għall-bank, li huwa diskuss hawn taħt, għandu jikkontribwixxi sabiex jagħmel il-bdil aktar faċli u, b'hekk, tiżdied il-kompetizzjoni.
- (234) L-Awtorità tilqa' l-ftehim li laħqu l-ICA u l-proprjetarji ta' RB, inklużi t-tliet banek ewlenin, dwar din il-kwistjoni, minħabba li hija qiegħda tagħmel hilita sabiex tiżgura l-aċċess għall-infrastruttura tal-IT essenzjali fuq bażi mhux diskriminatorja u bi spiża raġonevoli għall-kompetituri żgħar u għall-parteċipanti ġodda u potenzjali fis-suq. L-Awtorità hija tal-fehma li t-tħassib tagħha, kif espress, fost l-oħrajn, fit-tieni deċiżjoni ta' Byr (<sup>62</sup>), ġie indirzzat b'mod sodisfaċenti minn dan il-ftehim. Għalhekk, l-Awtorità ma għandhiex bżonn tkompli tindirizza din il-kwistjoni fid-deċiżjoni attwali.
- (235) Fl-aħħar nett, l-Awtorità tieħu nota tal-emendi regolatorji li saru mill-2008 'l quddiem, kif diskussi fl-Anness. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tħassib li jirrigwardja l-kompetizzjoni, l-introduzzjoni tal-Art. 22 fl-Att dwar l-impriżi finanzjarji Nru. 161/2002 hija ta' importanza partikolari. Din id-dispożizzjoni tillimita l-parteċipazzjoni tal-impriżi finanzjarji fl-attivitajiet li jaqgħu barra mill-ambitu tal-liċenzji operattivi tagħhom. Skont din ir-regola ġdida, attivitajiet bħal dawn jistgħu jsiru biss fuq bażi temporanja u bil-għan li jiġu konklużi t-tranżazzjonijiet jew organizzati mill-ġdid l-attivitajiet tal-klijenti. Għal dan il-għan, għandha tintbagħat notifika raġunata lill-FME, fil-waqt li ġew introdotti limiti taż-żmien għall-impriżi finanzjarji sabiex ikunu jistgħu jorganizzaw lill-klijenti taqgħom mill-ġdid u jiddisponu mill-assi appropjati.
- (236) L-Awtorità tqis din il-bidla bħala reazzjoni regolatorja xierqa għall-kwistjoni tal-proprjetà kbira b'mod sproporzjonat mill-istituzzjonijiet finanzjarji fl-ekonomija reali. Din id-dispożizzjoni tidher li hija maħsuba sabiex tipprevjeni li din is-sitwazzjoni — li hija riżultat dirett ta' bdil ta' dejn fekwitā — issir waħda permanenti.

(ii) Il-miżuri speċifiċi għal Landsbankinn

- (237) L-Awtorità tenfasizza li d-daqs u l-preżenza ta' Landsbankinn fis-suq huma biss frazzjoni ta' dawk ta' Landsbanki — hekk kif l-assi totali tnaqqsu b'75 %, kif ġie deskritt aktar 'il fuq. Barra minn hekk, kuntrarju għal Landsbanki, Landsbankinn huwa attiv biss fis-suq Islandiż. Filwaqt li ħafna minn dan it-tnaqqis huwa riżultat tal-likwidazzjoni tal-operazzjonijiet internazzjonali ta' Landsbanki, l-Awtorità hija tal-opinjoni li dan il-proċess għandu importanza partikolari fir-rigward tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, minħabba li, b'mod partikolari, kienet l-istrateġija estera riskjuża ta' Landsbanki li wasslet għall-kollass tiegħu u li kkawżat distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji taż-ŻEE fl-imgħoddi (<sup>63</sup>).

<sup>(61)</sup> It-taxxa tal-bolla tvarja skont it-tip ta' dokument legali kkonċernat, iżda normalment tkun 15 ISK għal kull elf ISK mibdi (jiġifieri madwar 1,5 %) fuq l-ammont ta' bonds li jipproduċu l-interessi garantiti permezz ta' ipoteka jew titolu ieħor.

<sup>(62)</sup> Deċiżjoni Nru. 325/11/COL tad-19.10.2011.

<sup>(63)</sup> Cf., pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.28264, Għajnuna għar-Ristrutturar għal Hypo Real Estate, fejn il-Kummissjoni aċċettat is-separazzjoni ta' Parti kbira min-negozju barrani ta' Hypo Real Estat bħala miżura sabiex jiġu llimitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni għas-suċċessur tal-bank PBB.

- (238) Barra minn hekk, l-Awtorità tilqa' l-impenji ta' Landsbankinn (ara l-Anness) sabiex ikompli jnaqqas il-preżenza tiegħu fis-suq domestiku permezz ta' [...] żvestiment relatat ma' [...]. Minbarra dan, l-Awtorità tosserva b'mod pożittiv li Landsbankinn impenja ruħu li jagħlaq [...] fergħat matul il-perjodu tar-ristrutturar. Abbażi tal-pjan tar-ristrutturar finali u fid-dawl tal-fatt li Landsbankinn huwa bank żgħir li jopera skont l-istandards taż-ŻEE, l-Awtorità taqbel ma' Landsbankinn li l-miżuri strutturali ulterjuri jistgħu jipperikolaw il-prospetti tal-bank li jirriġenera l-vijabbiltà fit-tul <sup>(64)</sup>
- (239) L-Awtorità tiegħu nota tal-impenn li Landsbankinn mhuwiex se jikseb istituzzjonijiet finanzjarji sal-15 ta' Diċembru 2014, għajr jekk huwa jikseb l-approvazzjoni tal-Awtorità minn qabel. Dan ifisser li tista' tiġi evitata l-konċentrazzjoni ulterjuri tas-suq finanzjarju Islandiż permezz tal-akkwisti minn Landsbankinn. Dan l-impenn jiżgura wkoll li l-ghajjnuna li nġhatat lil Landsbankinn tintuża għar-riġenerazzjoni tal-vijabbiltà tiegħu minflok biex issaħħaħ u tkompli tespandi l-preżenza tiegħu fis-suq Islandiż. L-istess jgħodd għall-impenn ta' Landsbankinn, li permezz tiegħu, sal-15 ta' Ottubru 2014, huwa la għandu jinforza klawżoli kuntrattwali u lanqas jintroduċi klawżoli kuntrattwali ġodda li jagħmlu t-termini speċjali fuq ir-rati tal-imġax kontinġenti fuq iż-żamma ta' negozju minimu mal-bank, kif ukoll għall-impenn sabiex l-involvement tal-Istat ma jiġix invokat bħala sors ta' vantaġġ kompetittiv waqt il-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi tiegħu.
- (240) Kif ġie deskritt aktar 'il fuq, is-suq finanzjarju Islandiż bħalissa qiegħed jippreżenta ambjent operattiv diffiċli għal kwalunkwe bank. B'hekk, l-Awtorità tilqa' l-impenji minn Landsbankinn relatati mal-iffaċilitar tal-bdil bejn il-banek u l-provvista ta' servizzi bażiċi ta' pproċessar tal-pagamenti, kif ukoll servizzi ta' distribuzzjoni tal-flus. L-Awtorità hija tal-fehma li dawk il-miżuri, flimkien mal-fehim bejn it-tliet banek ewlenin u l-ICA dwar l-RB imsemmi fuq, jiżguraw li l-parteċipanti iżgħar fis-suq ikollhom aċċess għall-aktar infrastruttura u servizzi essenzjali bi prezzijiet raġonevoli mingħajr ma l-parteċipanti akbar ikollhom bżonn jimblokkaw l-aċċess tagħhom. L-Awtorità hija tal-fehma li dan għandu jnaqqas l-ostakoli għad-dħul ta' parteċipanti futuri (potenzjali) fis-suq. Il-miżuri jistgħu jippermettu wkoll lill-parteċipanti iżgħar eżistenti jespandu l-ishma tagħhom mis-suq jekk ikunu jistgħu joffru servizzi aħjar mill-kompetituri akbar minnhom. Barra minn hekk, il-miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw il-bdil għandhom jikkontribwixxu għal kompetizzjoni aktar qawwija bejn il-parteċipanti kbar eżistenti, filwaqt li jistgħu jikkontribwixxu biex jipprevjenu jew itemmu sitwazzjoni ta' dominanza kollettiva potenzjali.
- (241) Fl-aħħar nett, Landsbankinn jimpenja ruħu li jbigħ, mill-aktar fis possibbli, l-ishma fil-kumpaniji operattivi, li kienu ġew ittrasferiti minħabba r-ristrutturar li sar skont l-Artikolu 22 tal-Att dwar l-impriżi finanzjarji Nru. 161/2002. Huwa qiegħed jimpenja ruħu li jsegwi l-proċedura u l-limiti ta' żmien li huma stabbiliti f'din id-dispożizzjoni, kif ukoll li jżomm informazzjoni aġġornata fuq is-sit elettroniku tiegħu (jew dak ta' sussidjarju) dwar is-sussidjarji u l-ishma li huma miżmuma għall-bejgħ. Barra minn hekk, Landsbankinn impenja ruħu li jbigħ [...] sa ċerti dati tal-ghelugħ fi ħdan il-perjodu tar-ristrutturar.
- (242) L-Awtorità tilqa' l-impenn ġenerali ta' Landbankinn li jiżvesti, mill-aktar fis possibbli, il-kumpaniji u l-ishma kollha li mhumiex relatati man-negozju ewlieni tiegħu. Dan ma jindirizzax biss it-tħassib potenzjali fir-rigward tal-kompetizzjoni li jista' jirriżulta mill-fatt li huwa proprjetarju daqstant dominanti fl-ekonomija reali Islandiża, iżda għandu jevita wkoll il-possibbiltà li l-vijabbiltà tal-bank titpoġġa f'riskju.
- (243) Dan jiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet Islandiżi u ta' Landsbankinn għall-fatt li minħabba l-impenji, il-ksur tal-liġi nazzjonali jista' jinvolvi wkoll użu ħażin tal-ghajjnuna. Barra minn hekk, l-Awtorità tqis li l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar l-iżvestimenti u l-bejgħ previsti fuq is-sit elettroniku tagħha ġgħib magħha aktar trasparenza dwar is-sitwazzjoni tal-proprjetà attwali fl-ekonomija Islandiża. Sa ċertu punt, dan jirrimedja dan it-tħassib partikolari fir-rigward tal-kompetizzjoni li bħalissa qiegħed jikkarakterizza s-swieq tal-Islanda.
- (244) Abbażi ta' dak li ntqal fuq, l-Awtorità hija tal-fehma li l-miżuri msemmija diġà jindirizzaw il-kwistjonijiet ewlenin li jirrigwardjaw il-kompetizzjoni u li ġew identifikati mill-Awtorità b'kollaborazzjoni mal-ICA. Fid-dawl tal-objettiv ewlieni tal-istabbiltà finanzjarja, l-Awtorità tikkonkludi li l-impenji jillimitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni b'mod sodisfaċenti. Għalhekk, l-ghajjnuna għar-ristrutturar tikkonforma mat-taqsimha 4 tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar.

<sup>(64)</sup> Għall-istess raġunijiet, l-Awtorità taċċetta li l-iżvestimenti huma soġġetti għall-kondizzjoni li [...].

**III. IL-KONKLUŻJONI**

(245) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni preċedenti u fid-dawl tal-pjan ta' ristrutturar sottomess mill-awtoritajiet Islandiżi għal Landsbankinn, id-dubji tal-Awtorità espressi fid-deċiżjoni tal-ftuħ fir-rigward tan-natura u l-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajjnuna għal Landsbankinn huma mtaffija. Barra minn hekk, l-Awtorità ma tqajjem ebda oġġezzjoni għat-tranżazzjoni ta' Spkef u tawtorizza l-għajjnuna rċevuta minn SpSv. Għalhekk, l-Awtorità tapprova l-miżuri ta' għajjnuna bħala għajjnuna għar-ristrutturar kompatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(b) taż-ŻEE soġġett għal kemm l-Islanda u l-Landsbankinn jirrispettaw l-impenji stabbiliti fl-Anness.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kapital operattiv inizjali u l-kapitalizzazzjoni finali mill-Istat mogħtija lil Landsbankinn, kif ukoll it-tranżazzjoni ta' Spkef u l-garanzija tad-depożiti jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

*Artikolu 2*

Il-miżuri enumerati fl-Artikolu 1 jikkostitwixxu għajjnuna illegali mill-Istat mid-dati tal-implimentazzjoni tagħhom sad-data ta' din id-deċiżjoni fid-dawl tan-nuqqas tal-awtoritajiet Islandiżi milli jikkonformaw mar-rekwiżit li jinnotifikaw lill-Awtorità qabel jimplementaw l-għajjnuna skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3.

*Artikolu 3*

Il-miżuri enumerati fl-Artikolu 1, kif ukoll il-miżuri għal SpSv deskritti fid-deċiżjonijiet dwar il-Banek tat-Tfaddil, huma kompatibbli mal-funzjonament tal-ftehim dwar iż-ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(b) soġġett għal kemm iż-ŻEE tirrispetta l-impenji stabbiliti fl-Anness. L-awtorizzazzjoni għall-garanzija tad-depożiti hija limitata sal-aħħar tal-2014.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Islanda.

*Artikolu 5*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss ta' din id-deċiżjoni hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2012.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Oda Helen SLETNES

*Il-President*

Sverrir Haukur GUNNLAUGSSON

*Il-Membru tal-Kulleġġ*

## ANNEX

**L-IMPENJI U L-BIDLIET RILEVANTI FIL-QAFAS LEGALI GĦAS-SETTUR BANKARJU**

## 1. L-IMPENJI MILL-AWTORITAJIET ISLANDIŽI

L-awtoritajiet Islandiżi għamlu żewġ impenji li huma enumerati hawn taħt.

**L-emenda tat-taxxa tal-bolla sabiex tipprekludi l-ghajjnuna mill-Istat u tnaqqas l-ispejjeż tal-bdil**

Il-Ministeru tal-Finanzi se jaħtar grupp ta' ħidma bil-mandat li jirrevedi l-Att Nru. 36/1978 dwar it-Taxxa tal-Bolla. Il-grupp ta' ħidma għandu jippreżenta rapport lill-Ministru tal-Finanzi sa Ottubru 2012, flimkien ma' abbozz ta' liġi. L-inkarigu tal-grupp ta' ħidma se jkun, b'mod partikolari, li jeżamina t-tneħħija tat-taxxi tal-bolla għall-bonds maħruġa minn individwi, meta dawn jiġu ttrasferiti bejn il-kredituri (jiġifieri meta l-individwi jittrasferixxu s-self tagħhom minn istituzzjoni waħda għal oħra). Barra minn hekk, il-grupp għandu jeżamina kif jista' jiġi emendat il-provvediment tat-taxxa tal-bolla sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri u tiġi promossa l-kompetizzjoni.

**Il-miżuri li jiffaċilitaw il-bdil u jnaqqsu l-ispejjeż tal-bdil**

Skont riżoluzzjoni approvata mill-Parlament Islandiż fil-21 ta' Marzu 2012, se jinħatar kumitat mill-gvern bil-mandat li janalizza l-protezzjoni tal-konsumaturi fis-suq finanzjarju u jippreżenta proposti dwar kif tista' tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-individwi u tal-familji vis-à-vis l-istituzzjonijiet tas-self. Il-ħatra tal-kumitat sejra tinkludi mandat speċifiku għall-analiżi tal-iffaċilitar tal-bdil u t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-bdil, kif ukoll ir-responsabbiltà li jaħdem mill-qrib mal-ICA fir-rigward ta' dik il-kwistjoni. Il-Kumitat għandu jippreżenta r-rapport tiegħu sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2013.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet Islandiżi approvaw l-impenji li ġejjin minn Landsbankinn:

**Il-limitazzjoni fuq l-akkwisti**

Landsbankinn jimpenja ruħu li ma jakkwistax istituzzjonijiet finanzjarji sal-15 ta' Diċembru 2014. Minkejja dan l-impenn, Landsbankinn jista', wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Awtorità, jakkwista istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari jekk dan ikun meħtieġ sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja.

**Iċ-ċessjoni ta' [...] u l-għeluq tal-fergħat**

Landsbankinn jimpenja ruħu li jċedi l-parteċipazzjoni azzjonarja tiegħu fi [...] qabel [data]. [...]

Barra minn hekk, Landsbankinn jimpenja ruħu li jagħlaq [...] tal-fergħat tiegħu [data].

**Iċ-ċessjoni tal-ishma fil-kumpaniji li għaddejjin minn ristrutturar**

Landsbankinn jimpenja ruħu b'mod ġenerali li jbigħ, mill-aktar fis possibbli, l-ishma fil-kumpaniji operattivi, li kienu ġew ittrasferiti minħabba r-ristrutturar, cf. l-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Intrapriżi Finanzjarji Nru. 161/2002. Barra minn hekk, il-bank jimpenja ruħu wkoll li jsegwi l-proċedura u l-limiti ta' żmien li huma stabbiliti fid-dispożizzjoni legali msemmija fuq. Fl-aħħar nett, il-bank għandu dejjem iżomm aġġornat it-tagħrif inkluż fuq is-sit elettroniku tiegħu (jew sit elettroniku ta' kumpanija sussidjarja rilevanti) dwar tali ishma li jkun għall-bejgħ.

B'mod partikolari, Landsbankinn jimpenja ruħu li joffri għall-bejgħ l-ishma tiegħu fil-kumpaniji li ġejjin, diment li l-kumpaniji, inklużi l-pożizzjonijiet finanzjarji, l-operazzjonijiet u l-prospetti futuri tagħhom, ma jkunux soġġetti għal riskju legali/ta' litigazzjoni sinjifikanti jew għal inċertezzi komparabbli:

(...)

**Il-miżuri li minnhom jibbenifikaw il-kompetituri ġodda u żgħar**

Landsbankinn jimpenja ruħu li jwettaq il-miżuri li ġejjin għall-benefiċċju tal-kompetituri ġodda u żgħar:

- Sal-aħħar tal-2014, Landsbankinn la se jinforza klawżoli kuntrattwali u lanqas jagħmel klawżoli kuntrattwali ġodda, li jagħmlu termini speċjali fuq ir-rati tal-imgħax kontinġenti fuq firxa minima ta' negozju mal-bank.
- Landsbankinn se jipprovi informazzjoni li tkun aċċessibbli faċilment, fuq is-sit elettroniku tal-Bank, dwar il-proċess tat-trasferiment ta' servizzi bankarji lil istituzzjoni finanzjarja oħra. Barra minn hekk, is-sit elettroniku se jagħmel aċċessibbli faċilment id-dokumenti meħtieġa għall-bidla bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji. L-istess informazzjoni u l-formoli ta' trasferiment tan-negozju se jrin ikunu disponibbli fil-fergħat tal-bank.
- Landsbankinn se jesegwixxi t-talbiet kollha għal trasferiment tas-servizzi finanzjarji malajr u mingħajr ebda xkiel.

- d. Landsbankinn mhuxwix se jinvoka l-involvement mill-Istat bħala sors ta' vantaġġ kompetittiv waqt il-kummerċjalizzazzjoni.
  - e. Diment li ma jkunux disponibbli offerti ta' servizzi kompetittivi, Landsbankinn lest li joffri s-servizzi li ġejjin bi prezz li jkun ibbażat fuq l-ispiża flimkien ma' marġini raġonevoli:
    - i. Servizzi ta' pproċessar tal-pagamenti għal ISK.
    - ii. Servizzi ta' pproċessar tal-pagamenti għal FX.
    - iii. Tqassim tal-karti tal-flus u l-muniti.
2. L-adattamenti u l-bidliet rilevanti fil-qafas superviżorju u regolatorju għas-swieq finanzjarji fl-Islanda li ġie adottat wara l-kriżi

L-awtoritajiet Islandiżi sottomettew il-ħarsa ġenerali li ġejja lejn l-emendi li saru fil-leġiżlazzjoni li daħlet fis-seħħ fil-ħarifa tal-2008:

- L-awtorizzazzjonijiet tal-FME (L-Awtorità Islandiża għas-Sorveljanza Finanzjarja) sabiex tintervjeni (jiġifieri tieħu kontroll tas-setgħat tal-laqgħat tal-azzjonisti u tid-disponi mill-assi, cf. il-leġiżlazzjoni ta' emerġenza) żdiedu; l-FME ngħatat awtorizzazzjonijiet superviżorji mwessgħa; barra minn hekk, ġew adottati dispożizzjonijiet addizzjonali li jippermettu lill-FME tevalwa l-operazzjonijiet jew l-imġiba ta' partijiet individwali taħt sorveljanza. Dawn jinkludu kemm awtorizzazzjonijiet għat-teħid ta' deċiżjonijiet, bħal deċiżjonijiet dwar l-għeluq ta' stabbilimenti jew it-terminazzjoni ta' attivitajiet speċifiċi mingħajr revoka proprja tal-liċenzji operattivi, kif ukoll definizzjoni aktar dettaljata tal-kunċetti li l-interpretazzjoni tagħhom ġiet ikkontestata mill-FME u mill-entitajiet taħt sorveljanza jew mill-korpi tal-appell.
- Ir-regoli dwar l-espożizzjonijiet kbar individwali ġew ikkjarifikati u magħmula aktar speċifiċi; ir-rwol u r-responsabbiltà tal-ġestjoni tar-riskji żdiedu, filwaqt li l-FME ġiet awtorizzata sabiex tagħti status ogħla lill-ġestjoni tar-riskji fl-organizzazzjoni tal-impriżi finanzjarji; barra minn hekk, l-applikazzjoni tat-testijiet ta' stress saret aktar stretta.
- Id-dispożizzjonijiet għal reġistru speċjali ta' mutwatarji akbar ġew legalizzati, sabiex jipprovdu ħarsa ġenerali aħjar lejn l-espożizzjonijiet individwali u kbar għal żewġ impriżi finanzjarji jew aktar. Ir-reġistru huwa importanti biex jgħaqqad l-espożizzjonijiet flimkien u biex jivvaluta l-impatt sistemiku tagħhom jekk jinqalgħu diffikultajiet fl-operazzjonijiet tal-mutwatarji. Dawk l-entitajiet li mhumiex soġġetti għas-sorveljanza tal-FME, iżda li huma elenkati fir-reġistri tal-impriżi finanzjarji, għandhom jipprovdu lill-FME b'informazzjoni dwar l-obbligi kollha tagħhom. L-FME tista' tipprojbixxi l-provvista tas-servizzi lil tali partijiet f'każ li huma jirrifjutaw li jipprovdu l-informazzjoni mitluba.
- Id-dispożizzjonijiet dwar prassi kummerċjali tajbin ġew imsaħħa, filwaqt li l-eżistenza tal-Kumitat tal-Ilmenti dwar it-Tranżazzjonijiet ma' Impriżi Finanzjarji ġiet inkorporata fil-liġi; barra minn hekk, għandha tiġi żvelata informazzjoni dettaljata dwar il-proprjetarji ewlenin kollha tal-impriżi finanzjarji.
- Tqassru l-limiti taż-żmien li jippermettu lill-impriżi finanzjarji jiddisponu mill-assi approprijati.
- Id-dispożizzjonijiet dwar il-“holdings” tal-impriżi finanzjarji fl-ishma tagħhom stess saru aktar stretti u ġew definiti faktar dettall. Il-“holdings” tas-sussidjarji issa huma meqjusa bħala ishma proprji, billi huma kuntratti li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ li jikkonċernaw ishma proprji.
- L-impriżi finanzjarji ġew ipprojbti milli jestendu l-kreditu kontra l-wegħdjet tal-ishma proprji tagħhom jew milli jiggarantixxu ċertifikati ta' kapital.
- L-FME għandha tippreskrivi regoli dwar kif għandu jiġi kkalkolat is-self garantit permezz ta' ipoteka fuq l-ishma ta' impriżi finanzjarji oħrajn fil-bażi tar-riskju u fil-bażi tal-kapital.
- Kemm ir-responsabbiltà kif ukoll ir-rwol tat-taqsim għall-verifika interna żdiedu. Hemm regoli dettaljati li jikkonċernaw il-bilanċ bejn id-daqs u d-diversità tal-attivitajiet tal-impriża finanzjarja kkonċernata u l-ambitu tat-taqsim għall-verifika interna tagħha.
- Tpoġġew limiti ta' ħames snin fuq il-perjodu li għalih impriża tal-awditjar tista' twettaq il-verifika tal-istess impriża finanzjarja; barra minn hekk, tnaqqset l-abbiltà tal-impriżi finanzjarji li jilliċenzjaw awditur “diffiċli”.
- Ġew riveduti d-dispożizzjonijiet kollha dwar il-kalkolazzjoni tal-ekwità u diversi aspetti tekniċi oħrajn.

- Ġew riveduti r-regoli dwar l-eżerċizzju tal-“holdings” kwalifikattivi, jiġifieri 10 % jew aktar tad-drittijiet għall-votazzjoni. L-FME hija awtorizzata sabiex treġġa’ lura l-oneru tal-provi sabiex jiġu vvalutati dawk il-partijiet li għandhom il-ħsieb li jakkwistaw jew iżidu mal-“holdings” kwalifikattivi, pereżempju meta jkun hemm inċertezza dwar min huwa/huma l-proprjetarju/i benefiċjarju/i ta’ kumpanija azzjonarja b’“holding” kwalifikattiv.
- Ġew imposti domandi addizzjonali dwar l-eliġibbiltà fuq id-diretturi, żdiedet ir-responsabbiltà tagħhom għas-sorveljanza jew l-operazzjonijiet, filwaqt li ġew ipprojbti ċ-chairpersons eżekuttivi tal-Bord; L-FME ġiet assenjata rwol superviżorju akbar għall-Bordijiet tad-Diretturi; kwalunkwe informazzjoni identifikabbli b’mod personali dwar ir-rimunerazzjoni għandha tiġi żvelata mal-maniġment superjuri.
- Ġew stabbiliti regoli li jikkonċernaw it-tranżazzjonijiet ta’ kreditu tal-impriżi finanzjarji mad-diretturi, mad-diretturi manigjerjali, ma’ impjegati ewlenin u mal-proprjetarji ta’ “holdings” kwalifikattivi fl-impriża finanzjarja kkonċernata. Barra minn hekk, japplikaw regoli simili għal dawk il-partijiet li huma konnessi mill-qrib mal-partijiet imsemmija fuq. L-FME adottat regoli fir-rigward ta’ dak li huwa meqjus bħala kollateral sodisfaċenti għal tranżazzjonijiet bħal dawn.
- Ġew adottati regoli li jikkonċernaw l-arranġamenti għall-iskemi ta’ inċentivi u l-bonusijiet lill-maniġment u lill-impjegati, kif ukoll regoli dwar il-kuntratti ta’ terminazzjoni.
- Id-dispożizzjonijiet dwar ir-riorganizzazzjoni u l-likwidazzjoni tal-impriżi finanzjarji ġew magħmula aktar stretti.
- Saret revizzjoni ġenerali tar-regoli speċjali dwar il-banek tat-tfaddil. Ġew iċċarati l-istatus u d-drittijiet tal-proprjetarji tal-garanzija kapitali tal-banek tat-tfaddil, ġew stabbiliti restrizzjonijiet fuq id-dividendi, ġew adottati regoli ċari fuq it-tranżazzjonijiet tal-garanzija kapitali, ġew stabbiliti regoli dwar it-tnaqqis fil-valur tal-garanzija kapitali u ġew iċċarati r-regoli dwar l-awtorizzazzjonijiet tal-banek tat-tfaddil għal kooperazzjoni formali. Il-banek tat-tfaddil ġew ipprojbti milli jbiddu l-forma legali tagħhom.

Skont l-awtoritajiet Islandiżi, f’ċerti aspetti, ir-regoli Islandiżi jmorru lil hinn mill-qafas pan-Ewropew. Id-devjazzjonijiet ewlenin mir-regoli adottati mill-UE u msemmija fil-Ftehim ŻEE huma dawn li ġejjin:

- L-FME hija awtorizzata sabiex tirrestrinġi l-attivitajiet ta’ stabbilimenti individwali tal-impriżi finanzjarji, jekk hija ssib raġuni biex tagħmel dan. Barra minn hekk, hija awtorizzata biex tistabbilixxi rekwiżiti speċjali għall-istabbilimenti individwali tal-impriżi finanzjarji sabiex jissoktaw bl-attivitajiet tagħhom. L-FME tista’ wkoll tillimita b’mod provviżorju l-attivitajiet li tista’ twettaq impriża finanzjarja, totalment jew parzjalment, kemm jekk tkun soġġetta għal liċenzja jew le, jekk l-Awtorità ssib raġuni biex tagħmel dan. Dan huwa naturalment imqanqal mhux l-inqas mill-attivitajiet tal-fergħat u l-kontijiet ta’ depożiti stabbiliti minnhom fi Stati Ewropej oħrajn sal-2008 (Icesave, Edge u Save-and-Save).
- Ġew stabbiliti dispożizzjonijiet konsiderevoli aktar dettaljati dwar ir-rwol tal-verifika interna fil-liġi Islandiża milli fid-direttivi tal-UE.
- Ġew stabbiliti dispożizzjonijiet konsiderevoli aktar dettaljati dwar kif għandhom isiru t-testijiet tal-istress fil-liġi Islandiża milli fid-direttivi tal-UE.
- L-impriżi finanzjarji għandhom iżommu regjistru speċjali (regjistru ta’ kreditu) tal-partijiet kollha li għalihom huma jestendu l-kreditu, filwaqt li jissottomettu lista aġġornata lill-FME fl-aħħar ta’ kull xahar. Barra minn hekk, għandha tintbagħat lista simili dwar il-partijiet li huma konnessi mill-qrib mal-impriżi finanzjarji, il-Bordijiet tad-Diretturi tagħhom u l-manigġers u l-gruppi ta’ klijenti konnessi, sakemm dawn il-partijiet ma jkunux imsemmija diġà fil-lista. Din il-lista għandha tipprovdi opportunità aħjar għall-monitoraġġ tal-interkonnessjonijiet bejn l-impriżi finanzjarji, id-diretturi tagħhom u l-maniġment.
- Jekk l-FME hija tal-opinjoni li s-self ta’ Parti waħda fuq ir-regjistru ta’ kreditu, li mhux soġġett għal sorveljanza uffiċjali tal-attivitajiet finanzjarji, jista’ jkollu impatt sistemiku, hija tista’ titlob informazzjoni mill-Parti kkonċernata dwar l-obbligi tagħha.
- F’każ li Parti mhux soġġetta għal sorveljanza uffiċjali elenkata fuq ir-regjistru ta’ kreditu tirrifjuta li tiżvela l-informazzjoni lill-FME, l-Awtorità tista’ tordna lill-entitajiet issorveljati sabiex iżommu lura milli jipprovdu servizzi ulterjuri lill-Parti msemmija. L-istess japplika jekk l-iżvelar tal-informazzjoni tal-Parti kkonċernata ma jkun sodisfaċenti. Id-dispożizzjonijiet dwar regjistru ta’ kreditu u l-awtorizzazzjonijiet estensivi lis-superviżuri dwar il-partijiet mhux soġġetti għal sorveljanza uffiċjali mhumiex inklużi fir-regoli tal-UE/taż-ŻEE.
- Huma inklużi dispożizzjonijiet konsiderevoli aktar dettaljati u restrittivi dwar is-self u l-kollateral ta’ Parti relatata milli fir-regoli tal-UE/taż-ŻEE.
- L-FME għandha ċċaħħad lill-proprjetarju ta’ “holding” kwalifikattiva d-dritt li jeżerċita l-“holding” jekk ikun hemm dubju dwar min huwa jew għandu jkun il-proprjetarju benefiċjarju.
- It-tul ta’ żmien massimu li jistgħu jaħdmu l-awdituri esterni għall-istess impriża finanzjarja huwa iqsar minn dak stipulat fir-regoli tal-UE/taż-ŻEE.

- Huma inklużi dispożizzjonijiet konsiderevolment aktar dettaljati dwar l-eliġibbiltà tad-diretturi fl-impriża finanzjarja milli fid-direttivi tal-UE.
- Ġew adottati dispożizzjonijiet dwar l-arranġamenti għall-iskemi tal-bonusijiet u l-kuntratti ta' terminazzjoni.
- Riċentament ġew stabbiliti regoli formali dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fid-direttivi tal-UE, iżda sa issa għadhom ma ġewx adottati regoli dwar il-kuntratti ta' terminazzjoni f'dan il-forum.

Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi introduċa rapport dwar l-istruttura futura tas-sistema finanzjarja Islandiża. Barra minn hekk, il-Ministru ħatar grupp ta' esperti sabiex iħejju qafas leġislativ għall-attivitajiet finanzjarji kollha fl-Islanda.

---